Werrej


1. Għajnuna għal kors t'eżerċizzi bit-tema: "Il-fejqan ta' Kristu f'Luqa"
    a. Iben l-armla ta' Najm (7, 11-17) 3
    b. Il-mara midinba (7, 36-50) 5
    c. Il-mara mifluġa (13, 10-17) 7
    d. Żakkew (19, 1-10) 10
    e. Ir-raġel agħma (18, 35-43) 12
2. Għajnuna għal kors t'eżerċizzi bit-tema: "Il-ħniena fil-parabboli ta' Luqa"
    a. Is-samaritan it-tajjeb (10, 25-37) 15
    b. L-iben il-ħali (15, 11-32) 17
    c. In-nagħaġa u d-drachma mitlufa (15, 1-10) 19
    d. L-għani u Lazzru (16, 10-31) 22
    e. L-imħallef u l-armla (18, 1-8) 24
3. Għajnuna għal eżerċizzi mat-tfal 28
4. Riflessjoni fuq l-opri tal-ħniena korporali 36
5. Riflessjonijiet fuq l-opri tal-ħniena spiritwali 42
6. Ċelebrazzjoni penitenzjali komunitarja 46
7. Ċelebrazzjoni penitenzjali għaż-żgħażagħ 53
8. *Via Sagra* għall-adolexxenti 58
9. Eżerċizzi għaż-żgħażagħ 72
10. *Via Matris* 112
11. Litanija tal-Addolorata 123



**Grazzi kbira lill-kontributuri:**

Mons. Carmelo Mercieca
Mons. Anton Mizzi
Mons. Lawrenz Sciberras
Kan. Michael Galea
Patri Marcello Ghirlando OFM
Rev. Mark Bonello
Rev. Charles Buttigieg
Rev. Simon Mario Cachia
Sem. Gabriel Vella u l-komunità parrokkjali tal-Katidral
Mr. Francesco Pio Attard
Mr. Carmel Cachia

# 1.
# Għajnuna għal kors t'eżerċizzi bit-tema: "Il-fejqan ta' Kristu f'Luqa"

## ĠESÙ JQAJJEM LIL BIN L-ARMLA TA' NAJM MILL-MEWT (LQ 7,11-17)

*Mons. Lawrenz Sciberras*

Papa Franġisku, fil-Bolla tal-Indizzjoni tal-Ġublew straordinarju tal-Ħniena li ħareġ nhar il-11 ta' April 2015 fin-numru 17, jikteb hekk: "Ir-Randan ta' din is-sena Ġubilari ħa ngħixuh b'mod iżjed intens bħala mument qawwi biex niċċelebraw u nduqu l-ħniena ta' Alla". Issa l-akbar għajnuna biex naslu b'mod ġenwin għal din il-ħniena hija li nirriflettu dwar dawk is-siltiet mill-Bibbja li jkellmuna direttament u indirettament dwar il-ħniena. Dawn l-eżempji ta' ħnina jinsabu kemm fit-Testment il-Qadim kif ukoll fil-Ġdid.

Hekk, il-Ktieb tas-Salmi li ħafna "persuni jirreċitaw numru minnhom ta' kuljum" huwa miżgħud b'dan it-tħeġġiġ lejn il-ħniena ta' Alla; dan għaliex "inti ta' ħniena kbira lejn dawk li jsejħulek bil-verità"; "bil-ħniena tiegħek hija mimlija l-art", u "li bil-ħniena tieghek tħassar id-dnubiet tagħna kbar kemm huma kbar u anki mingħajr numru". X'kuraġġ jinsab fil-kliem tal-ktieb tas-Salmi!!

### Ġesù għallem u pprattika l-ħniena

Matul ħajtu, Ġesù għallem u saħaq dwar il-ħtieġa tal-ħniena. Huwa jikkwota l-Profeta Hosegħa 6,6 u jgħid ċar: "Ħniena rrid u mhux sagrifiċċju; għax mhux lill-ġusti ġejt insejjaħ iżda lill-midinbin" (Mt 9,13). Il-kuntest li fih Ġesù qal dan il-kliem tal-profeta kien waqt ikla f'dar Mattew il-pubblikan wara li Ġesù kien sejjaħlu u dak telaq kollox u mar warajh. Kliem Ġesù jagħmel kuraġġ lil kull min jersaq lejh bis-sinċerità.

Imma din il-virtù hekk meħtieġa Ġesù pprattikaha ma' kulħadd. L-evanġelju tal-ħniena, dak ta' Luqa, huwa mimli b'tagħlim u għemejjel li kollha jduru mal-ħniena u l-miżerikordja. Wieħed mill-mirakli fejn Ġesù wera tassew is-sbuħija u l-qligħ tal-ħniena huwa meta qajjem lil bin l-armla ta' Najm mill-mewt (Lq 7,11-17).

Ibda biex, dan il-miraklu fejn il-ħniena dehret fil-beraħ u quddiem dawk in-nies kollha li kienu jakkumpanjaw il-funeral, jagħtih Luqa waħdu. Żewġ fatturi konkreti joħorġu għad-dawl il-ħniena bla qisien ta' Ġesù. L-ewwel fattur hu li l-mejjet kien l-uniku tifel ta' dik l-omm qalbha maqsuma fi tnejn. Mela din il-mara ma kien fadlilha lil ħadd min ifarragħha u jsabbarha. Issa kienet se tirritorna d-dar weħidha mad-destin kiefer tagħha! It-tieni fattur hu li dik l-omm kienet armla, mela persuna fi stat ta' miżerja kbira u dan kemm finanzjarjament kif ukoll soċjalment. Ma ninsewx li waħda mill-kundanni li Ġesù għamel lill-kittieba Lhud kienet din: "Iberbqu ġid ir-romol" (Lq 20,47). Jekk din l-omm kellha xi raġġ żgħir ta' dawl bis-saħħa ta' binha, issa dan għeb ukoll għaliex binha kien mejjet. Kien verament stat ta' ħasra u ħniena.

**Ħniena fl-ogħla grad**

L-Evanġelista Luqa juri ġibda u interess partikulari lejn in-nisa romol. Huwa jsemmi erba' ġrajjiet fejn jidħlu r-romol. (a) Waqt il-preżentazzjoni ta' Ġesù fit-tempju kien hemm Anna, bint Fanwel, li għamlet seba' snin miżżewwġa u mbagħad romlot (Lq 2,37); (b) tissemma l-armla li b'insistenza l-aktar qawwija kienet tmur għand l-imħallef titolbu jagħmlilha ħaqq (Lq 18,3); (ċ) hemm l-armla fqira li b'imħabba kbira lejn it-tempju xeħtet il-ftit flus li kien fadlilha (Lq 21,2); u (d) l-armla ta' Najm li dwarha qiegħdin niktbu (Lq 7,11-17).

F'dan il-miraklu l-ĦNIENA ta' Ġesù toħroġ fil-beraħ u bil-qawwa kollha. Meta ra dik ix-xena, imqanqal mill-ħniena Ġesù għamel erba' movimenti, kollha indirizzati lejn għan wieħed: il-ĦNIENA. **L-ewwel,** Ġesù "tħassarha" (Lq 7,13). Issa fil-Grieg hemm il-verb *esplanchnisthe,* li jfisser ħniena li ħarġet u oriġinat mill-vixxri, mill-ġuf tal-mara. Ħniena fi grad ogħla minn dan ma jistax ikun hemm! Din il-kwalità ta' ħniena u ħasra wera Ġesù mal-armla. **It-tieni**, Ġesù wera kompassjoni tant li sabbarha lil din l-armla. Huwa qalilha "tibkix"- kelma ta' konfort u kuraġġ, kelma li tnissel id-dawl. Imbagħad Ġesù għamel **it-tielet** azzjoni indirizzata lejn l-armla: huwa "resaq" (Lq 7,14). Nistħajjel li feraq il-folla tan-nies li kien hemm jakkumpanjaw u wasal sa ħdejn il-katavru. Ġesù ma baqax 'il bogħod, indifferenti. **Ir-raba'** azzjoni: Ġesù "mess it-tebut" (Lq 7,14). Issa sewwa li nkunu nafu li imqar jekk kont tieħu sehem f'funeral, inti kont titniġġes. Dan ir-raġunament għadu sal-ġurnata tal-lum fost il-Lhud ortodossi!! Aħseb u ara li tmiss it-tebut, mela li tiġi f'kuntatt dirett mal-katavru. Imma dawn għal Ġesù ma kienu jfissru assolutament xejn. L-importanti kien li Ġesù juri u jagħmel ĦNIENA ma' din l-armla miskina, kif fil-fatt għamel.

**Xebh mal-Profeta Elija**

Mingħajr ma jgħidilna b'mod dirett, meta Luqa ddeskriva dan il-miraklu ta' Najm, hu kellu f'moħħu miraklu ieħor li jixbhu ħafna. Dan huwa l-miraklu tal-Profeta Elija meta dan ukoll wera ħniena mal-armla minn Sarefta ta' Sidon (1 Slat 17,7-24). Luqa jagħmel hekk għaliex huwa mhux biss ried ixebbah lil Ġesù ma' Elija, il-Profeta tan-Nar, imma ried juri li Ġesù hu aqwa minnu.

Fiż-żewġ ċirkustanzi (**1**) hemm tifel wieħed biss (Lq 7,12; 1 Slat 17,12.13.15). Omm dan it-tifel (**2**) kienet "armla" (Lq 7,12; 1 Slat 17,9.10), ukoll (**3**) il-post fejn sar il-miraklu huwa l-istess "ħdejn bieb il-belt" (Lq 7,12; 1 Slat 17,10), meta l-mejjet qam, (**4**) ġie mogħti lill-ommu (Lq 7,15; 1 Slat 17,23). Fl-aħħar ħareġ fid-dieher li (**5**) dak li għamel il-miraklu huwa "profeta" (Lq 7,16; 1 Slat 17,24). Fil-fatt, kemm Elija kif ukoll Ġesù għamlu x-xogħol tagħhom ta' profeta mibgħut minn Alla, Missier il-ħniena. Din il-missjoni kienet dik li jgħallem lill kulħadd u juri ĦNIENA ma' kulħadd.

Imma Ġesù mhux biss qajjem lil iben l-armla ta' Najm mill-mewt; hu għamel ukoll ġest sinifikattiv ieħor ta' importanza kbira. "U Ġesù tah lil ommu" (Lq 7,15).

Hekk omm dan it-tifel setgħet tħoss mill-ġdid it-tifsira sħiħa tal-ħajja flimkien mal-ferħ li ġġib l-għaqda ta' bejn omm u binha! L-armla rasset u għannqet ma' sidirha lil binha mqajjem mill-ġdid għall-ħajja! Dan kien tassew sinjal għoli ħafna fejn dehret il-ĦNIENA divina ta' Ġesù, l-aktar ma' dawk li kienu mwarrbin mis-soċjetà.

**Profeta tal-ħniena**

In-nies tar-raħal żgħir ta' Najm, meta raw b'għajnejhom u messew b'idejhom dan is-sinjal tal-ĦNIENA ta' Ġesù, waslu għal konklużjoni preċiża u profonda. "Profeta kbir qam fostna" u "Alla żar il-poplu tiegħu" (Lq 7,16). Fl-imgħoddi Alla bagħat ħafna profeti u, minkejja t-tbatijiet li ġarrbu, huma komplew il-missjoni tagħhom ta' għalliema. Imma din id-darba n-nies ta' Najm f'Ġesù ta' Nazaret raw xi ħaġa li ma kenux rawha f'dawk ta' qablu, tant li stagħġbu ħafna: "Profeta KBIR". Dan ifisser li l-preżenza ta' Ġesù fost il-poplu huwa sinjal tal-ĦNIENA t'Alla.

## IL-MARA MIDINBA (Lq 7,36-50)

*Mons. Lawrenz Sciberras*

F'din il-ġrajja tal-mara midinba li bi dmugħha xarrbet riġlejn Ġesù u li jsemmi l-Evanġelista Luqa waħdu, turi l-ħniena bla tarf ta' Ġesù lejn kulħadd. Għal Ġesù la hemm irġiel u lanqas nisa, la Lhud u anqas Pagani, la nies ġusti u lanqas oħrajn anqas ġusti. Ġesù huwa tassew għani fil-ħniena ma kulħadd u din il-ħniena ġie biex jgħaddiha u jaqsamha ma' kulħadd. Din hija t-tagħlima li jrid jagħti Luqa minn din il-ġrajja.

N.B. Hawn sewwa li niġbed l-attenzjoni li wieħed ma għandu QATT iħawwad jew jibdel lil din il-mara midinba (Lq 7,36-50) ma' Marija ta' Magdala (Lq 8,2), mal-aħwa Marta u Marija, mad-dilka f'Betanja, (Ġw 12, 1-8) jew mal-mara adultera (Ġw 8,1-1).

**Il-kuntest tal-ġrajja**

Mill-ġdid ninsabu ġo dar, anzi ġo dar ta' wieħed Fariżew jismu Xmun. Ġesù aċċetta l-istedina u dritt resaq madwar il-mejda, mimdud fuq idu x-xellugija. Magħhom kien hemm ukoll xi ħbieb. Kollox jidher li kien miexi skont in-normal.

Iżda le; dan għaliex ħabta u sabta tidħol waħda midinba li din kienet magħrufa *gúnè hamartolòs*. Dan l-aġġettiv qanqal waħda sew ix-xena tal-ikla! Bi probabbiltà kbira fost dawk preżenti għall-ikla kien hemm min kien jafha lil dik il-mara! Ma nafux kif din il-mara waslet biex tgħix din il-kwalità ta' ħajja midinba, probabbli bħala prostituta, imma anqas nafu x'wassal lil din il-mara biex issa tagħmel dak il-ġest fil-pubbliku, ġest kuraġġjuż ta' indiema vera.

Dan il-ġest ta' konverżjoni tal-mara kien imsieħeb ma' atti u azzjonijiet konkreti u qalbiena. Ibda biex, il-mara tidħol ġo dar qalb numru ta' rġiel. Il-mara ġabet

magħha "važett tal-alabastru biż-żejt ifuħ". Diġà l-kontenitur tal- "alabastru" juri li dak li kien hemm fih kien jiswa kemxa flus sew. Għall-kelma "żejt ifuħ", fit-test Grieg insibu l-kelma *múrou* , mirra. Ftakar f'wieħed mir-rigali tal-Maġi (Mt 2,11) u fiż-żejt ifuħ li xtara Nikodemu, "taħlita ta' morr"(mirra)biex biha jidlek lil Ġesù issa mejjet (Ġw 19,39). Mela hawn kollox juri li dik il-mara għamlet bidla sew f'ħajjitha.

Luqa jkompli juri s-sitwazzjoni, imsieħba mill-movimenti li għamlet dik il-mara. Dan, l-Evanġelista jurih billi jqiegħed seba' verbi wara xulxin u li jwasslu għal klajmaks qawwi ħafna. Ħalli naraw liema huma dawn il-movimenti fil-verbi. Is-suġġett, il-mara, (1) marret, (2) qagħdet, (3) tibki, (4) ixxarrablu, (5) tixxuttahomlu, (6) bisitlu (7) dilkithomlu. Dawn is-seba' verbi, bil-moviment li jorbtu magħhom, qegħdin f'vers wieħed. Juru azzjoni mgħaġġla ħafna u mqanqla!

Dan huwa vers li juri tassew il-vera ndiema ta' din il-mara u li aktar 'il fuq minn daqshekk ma setgħetx togħla. Ma qagħditx sempliċement tibki, imma xerrdet ħafna dmugħ; u saqajh tixxuttahomlu b'xuxitha, dak l-oġġett li min jaf kemm kienet imkabbra bih dik il-mara. Ir-rispett ikompli jogħla fil-bews tar-riġlejn u xejn anqas fid-dilka bil-mirra li l-midinba kienet ġabet magħha proprju għal dak il-għan qaddis!

**Ir-reazzjoni ta' dawk preżenti**

Ix-xena issa nqalbet totalment; beda ħiereġ il-ġudizzju battal, żbaljat, anzi ħażin ta' Xmun! Il-Fariżew qatt ma basar x'se jiġri f'daru, hu li mingħalih li kien għamel dak l-att sabiħ, att ta' galantom, ma' Ġesù, b'ikla bil-miftuħ. Tant hu hekk li "qal bejnu u bejn ruħu ....." (Lq 7,39). Xmun il-Fariżew iddubita u tħasseb bil-kbir mill-integrità ta' Ġesù u jekk kienx tassew profeta! Għaliex li kieku Ġesù kien jaf il-moħbi u dak li hu mistur, xogħol il-profeti, allura lil dik il-mara ma kellux iħalliha tagħmel miegħu dak kollu li għamlet. Mela Ġesù jidher li mhux tassew profeta!

U hawn issa tidħol it-tieni parti tal-ġrajja. Ibda biex, Ġesù xejn ma ta kas tal-mara; pjuttost l-attenzjoni tiegħu marret fuq Xmun, tant li Ġesù indirizza direttament lilu: "Xmun għandi xi ħaġa x'ngħidlek". U l-ieħor, b'ton ta' arja solenni, indirizza lil Ġesù bil-kelma "Mgħallem" (Fit-test Grieg insibu *didaskale,* fil-vokativ, ton tassew solenni.

Ġesù jitlaq mill-bogħod imma huwa żgur minn dak li se jgħid, tant li jirrakkonta parabbola. Xmun ma rrealizzax li kien waqqa' l-ġudizzju fuqu stess. Ġesù jirrakkonta storja ta' tnejn midjunin. Xmun stess daħal fin-nassa. Rakkont bħal dan għamlu l-Profeta Natan lil David biex jurih li kien hu li dineb gravament quddiem Alla u li kien ħaqqu l-kastig. ( 2 Sam 12,1-7).

Ġesù, bħal Natan, ġibed il-konklużjonijiet fejn ħarġu bid-dieher is-sinċerità u l-onestà ta' dik il-mara, fejn tidħol l-indiema tagħha u kemm kien imdennes u żbaljat il-ġudizzju ta' Xmun. Meta l-Fariżew stieden lil Ġesù għal ikla, dan għamlu għall-vantaġġi proprji tiegħu. Xmun ried li jintegra lilu nnifsu mal-Imgħallem Ġesù, però fl-istess ħin ma jiksirhiex mal-ċirku tal-Fariżej sħabu li kienu għedewwa ħorox ta' Ġesù.

Veru li Xmun il-Fariżew stieden lil Ġesù, imma baqa' 'il bogħod minnu, tant li ma weriex ma' Ġesù dik is-sħana u l-imħabba nadifa u sinċiera lejh: "Bewsa ma tajtnix, iżda hi minn xħin daħlet ma waqfitx tbusli riġlejja. Rasi ma dlikthilix biż-żejt, imma hi dilkitli riġlejja b'żejt ifuħ" (Lq 7,45-46). Issa kienet drawwa fl-Orjent li żejt ta' din il-kwalità jissawwab fuq ir-ras tal-profeti u s-slaten. Mela Xmun kien qed jippretendi li Ġesù huwa profeta, imbagħad dak li Ġesù kien imissu bħala tali, Xmun ħbieh u ħallieh barra! Ironija fl-ogħla grad!

Għalhekk Ġesù kien ċar biżżejjed fi kliemu biex Xmun jintebaħ bl-intenzjoni żbaljata li biha mexa ma' Ġesù. Dan huwa kliem li juri d-dellijiet ta' bejn min hu ċar u min hu mdennes, bejn min hu sinċier u min hu mħasseb, bejn min hu niedem tassew u min għadu jilgħab mal-okkażjoni tad-dnub, bejn min jagħmel xi ħaġa bħala turija għan-nies u min jaħdem b'intenzjoni tajba u retta. Il-kulur griż għal Ġesù ma jeżistix.

**Tirriskja kollox għal Ġesù**

Bl-istedina li Xmun għamel lil Ġesù rriskja ftit wisq, kellu l-moħbi. Mhux hekk ġabet ruħha dik il-midinba. Hi rriskjat il-fama kollha tagħha, ħarġet għonqha barra. Kisret kull forma ta' liġi meta daħlet f'post ipprojbit għaliha bħal ma kienet dar ta' wieħed Fariżew. Barra dan, il-mara kienet suġġett ta' ħafna ġudizzji u ħars ikrah flimkien mal-umiljazzjoni li għaddiet minnha. Hija ma lissnet ebda kelma, iżda l-imġiba tagħha ma kienx fiha dell. Ġesù għaraf il-verità ta' qalbha tant li ddefendieha bis-sħiħ. Hija kienet mara ta' min ifaħħarha : "Għalhekk ngħidlek li dnubietha, li kienu ħafna nħafrulha, għax ħabbet ħafna; imma min jinħafirlu ftit, ftit iħobb" (Lq 7,48).

U f'dan il-kuntest Ġesù faqqa s-sentanza tiegħu ta' Alla li kien; "Dnubietek maħfura". Ġesù hawn ħareġ fil-beraħ il-ħniena immensa tiegħu, ħniena li jsawwabha fuq kull min jersaq bis-sinċerità lejH, ħniena divina. Interessanti li mal-maħfra vera ta' dnubietha, Ġesù jibgħat lil din il-mara fil-paċi. Ibda biex din hija frażi komuni sew ġa fit-Testment il-Qadim (Ara Imf 18,6; 1 Sam 1,17; 25,35; 2 Sam 15,9),

Biss, mal-paċi Ġesù inkludi wkoll il-fidi, fidi fih, fidi soda f'li huwa biss għandu l-ħniena u l-qawwa tal-maħfra tad-dnubiet. F'din il-ġrajja tal-mara midinba, Luqa jkompli jsaħħaħ il-ħniena infinita ta' Ġesù ma' u għal kulħadd. Ikun jonqos biss li l-bniedem jagħmel hu l-ewwel passi tiegħu biex jaqla' dik il-ħniena.

**IL-MARA MIFLUĠA (13, 10-17)**

*Mons. Anton Mizzi*

Dan l-episodju tal-mara milwija ħafna nsibuh biss f'Luqa. Għajr għall-eżorċiżmu msemmi fil-qosor f'11:14, dan il-miraklu hu l-ewwel miraklu fost il-ftit li jissemmew

fir-rakkont tal-vjaġġ (9:51-19:28). Dan il-miraklu juri n-natura tas-Saltna ta' Alla li tiġi mfissra bħala fl-azzjoni u, bl-uniċi żewġ parabboli tas-Saltna li jsegwu f'Luqa, hi mxebbha mal-mustarda u mal-ħmira biex jenfasizza t-tkabbir (Lq 13:18-21: il-parabboli ħarġu effett tal-kontroversja bejn Ġesù u l-kap tas-sinagoga, konnessi ma' dan l-episodju bil-kelma "*mela*" f'v.18 u huma l-uniċi li jingħadu fis-sinagoga), minkejja l-kuntrast bejn l-bidu umli, bħalma hu dan il-fejqan tal-mara milwija, u l-frott kotran fit-tmiem manifestat bil-ferħ tan-nies preżenti. Il-kuntest immedjat ta' qabel u anke ta' wara mhuwiex nieqes mill-oppożizzjoni lejn Ġesù. Minkejja tant kliem ta' Ġesù, hemm nuqqas ta' konverżjoni u filli wieħed jara aktar fil-fond.

L-okkażjoni tibda billi Ġesù kien qiegħed jgħallem fis-sinagoga, l-aħħar darba f'Luqa, fil-jum tas-Sibt. Preżenti fost l-udjenza kien hemm waħda mara. Dan juri li s-saltna ta' Alla hi miftuħa għan-nisa wkoll u mhux għall-irġiel biss. Din il-mara kienet mifluġa b'mod permanenti diġà għal tmintax-il sena, deskritta bħala milwija ħafna ('***sugkuptousa***' kelma li tinsab hawn biss fit-Testment il-Ġdid, li tfisser mgħawġa darbtejn - *bent double, bent over* - fis-sens li l-ewwel tkun mgħawġa 'l quddiem forsi biex itaffi xi ftit mill-uġigħ, imma mbagħad gradwalment tkompli tintlewa aktar sakemm tiġi mgħawġa kważi doppjament tant li "*ma kinitx tista' tieqaf dritta għal kollox*" (jew "*b'ebda mod*": v.11). Daqshekk kienet il-gravità tal-marda kronika tagħha b'kawża li Ġesù ma jattribwihiex għal xi dnub speċifiku imma bħallikieku ġejja aktar minn spirtu ħażin (eżorċiżmu, ara v.11: "*spirtu*"; v.16: "*Xitan*") milli sempliċi waħda organika u li fi kliemu jqisha wkoll bħala miżmuma "*għal tmintax-il sena sħaħ*" f'dan l-istat (v.16).

Ġesù jsejjaħ lil din il-mara f'nofs is-sinagoga u jieħu l-inizzjattiva hu nnifsu mingħajr ma kien mitlub (ara Lq 6:8; 7:14; 14:4). Luqa jagħmel enfasi f'din l-istorja dwar l-interess ta' Ġesù f'dawk il-persuni li jbatu, partikularment in-nisa, u juri ċerta tenerezza speċjali fil-ġrajja tagħhom. Din taqbel sew mal-viżjoni ta' Ġesù bħala don ta' salvazzjoni kuntrarju għall-mexxejja Lhud li kienu magħluqa fl-entużjażmu għall-osservanza tal-irqaqat tal-Liġi. Ġesù juża l-qawwa mirakoluża tiegħu biex jgħin lil din mara u jfejjaqha: "*Mara, inti meħlusa mill-mard tiegħek*" (v.12). Juża l-verb '**apoluō**' li hu komuni fit-Testment il-Ġdid u għandu tifsir użat b'modi differenti. Hawn ifisser li teħles lil xi ħadd minn xi ħaġa, allura teħles minn kundizzjoni ta' tbatija; fil-passiv ifisser tkun meħlusa minn xi ħaġa. Il-verb qiegħed fil-passiv perfett; dan ifisser li ġrat fil-passat imma l-effett tagħha għadu sejjer u għadu jinħass. Il-mara kienet meħlusa minnufih mill-mard (v.12 imsemmi diġà qabel f'v.11) tant li setgħet tieqaf dritta. Fit-test għandna l-kuntrast bejn żżomm jew torbot (v.16) u teħles jew tħoll (v.12,15,16). Ġesù jidher bħala aqwa: imur kontra l-attitudni ta' dak iż-żmien u jqiegħed idejh fuqha biex juri li l-qawwa ta' Alla f'Ġesù hi aqwa mis-setgħa tal-ispirtu l-ħażin, ix-Xitan (ara:11:17-23). Hawn ma tissemmiex l-fidi, imma l-fejqan immedjat iwassal lil mara biex tfaħħar lil Alla.

F'dan l-episodju pekuljari għal Luqa għandna eżempju tipiku ta' fejqan f'jum is-Sibt, li jispiċċa f'kontroversja bħalma nsibu fi ġrajjiet oħra fil-Vanġelu tiegħu, ilkoll marbuta mal-jum tas-Sibt (ara: Lq 6:1-11: il-qtugħ tas-sbul segwit mill-fejqan tar-raġel b'idu niexfa u Lq 14:1-6: il-fejqan tar-raġel marid bl-ilma. Dawn ilkoll iseħħu s-Sibt). Id-diskussjoni tqum dwar jekk il-fejqan f'jum is-Sibt kienx permess. Il-kap tas-sinagoga ma rax l-okkażjoni li jifraħ għall-ħelsien ta' din il-mara mill-irbit imtawwal għal tmintax-il sena sħaħ, imma msaħħan ('**aganaktōn**' segwita bir-raġuni: '**hoti**') bħallikieku minħabba xi ħaġa ħażina: "*għax Ġesù fejjaq f'jum is-Sibt*" (v 14). Meta ċanfar lin-nies, hu ma rax fil-fejqan azzjoni ta' Alla u bħala sinjal tas-saltna li tirbaħ il-ħażen, imma sempliċement azzjoni naturali kkunsidrata biss bħala xogħol (meta jalludi għal Dewt 5:13-14) u b'hekk, indirettament, attakka lil Ġesù stess.

Fi żmien Ġesù l-liġi tas-Sibt, kif interpretata mir-rabbini (ara fil-*Mishnah* u fit-*Talmud*), kienet tgħabbiet b'ħafna legaliżmi. Iżda Ġesù espona l-ipokrisija tal-kap tas-sinagoga li ma fehemx is-sejħa ta' Ġesù għall-konverżjoni. Ġesù beda jirrispondi bl-argument '*ad hominen'* jiġifieri mill-azzjonijiet tagħhom, biex imbagħad minn din il-verità familjari jgħaddi b'saħħa għal-loġika tal-konvinzjoni fuq il-prinċipju ta' mill-iżgħar għall-akbar (*a fortiori* – 'jekk...kemm aktar'): jekk il-liġi kienet tippermetti li setgħu jinħallu l-annimali biex jisquhom fil-jum tas-Sibt (v.15; ara wkoll: Lq 6:9; 14:5), mela dan ċertament jgħodd aktar għal din il-"*bint Abraham*" (v.16; ara: Lq 19:9: Żakkew hu msejjaħ "*bin Abraham*") li tinħall mill-irbit tal-marda tagħha. F'għajnejn Ġesù hi kienet bint il-wegħda, bħal kull persuna oħra li kien hemm preżenti fis-sinagoga, li taqsam il-fidi ta' Abraham. Ninnotaw l-użu hawnhekk tal-meħtieġ divin ('divine must') bil-verb '**dei**' fil-v 16 (tfisser jeħtieġ, hawn użat bin-negattiv: "*Mela ma kellhiex...*"; ara wkoll: 2:49; 9:22; 24:44). Hu wera li s-Sibt kien jum magħmul biex tfaħħar lil Alla, u jum li fih isir il-ġid u ssir il-ħidma tas- salvazzjoni, bħalma din il-mara kienet meħlusa bit-twettiq tal-missjoni tiegħu li jeħles lill-imjassrin mill-irbit tal-ħażen (Lq 4:18) u mhux jum li jkun ta' tagħbija għall-bnedmin (13:16; ara Lq 6:9; 14:3) jew li jipprojbixxi opri ta' ħniena. Mela anke fil-jum tas-Sibt Ġesù kellu joffri s-salvazzjoni għax hu sid is-Sibt (Lq 6:5). L-argumentazzjoni tispiċċa billi dawk li kienu jopponu lil Ġesù sabu ruħhom imregħxa bil-mistħija ('**kat-aischunō**': għajb; tirgħex bil-mistħija li hu s-sens ta' v.17; taqa' fil-mistħija jew titqarraq; fil-passiv tfisser titħawwad) mgħaddsin fl-ebusija legalistika li ġġagħalhom iħarsu biss lejn l-irqaqat iżda li jinjoraw il-qofol tal-liġi kif ukoll it-tifsira reali tal-missjoni ta' Ġesù. Min-naħa l-oħra, ir-reazzjoni tan-nies kienet li "*lkoll ferħu*" ('**chairō**': tifraħ) quddiem dawn l-għeġubijiet (v 17: '**endoksos**': ġieħ; ħaġa tal-għaġeb, miraklu; ara: Eż 34:10; Dewt 10:21; Ġob 5:9) ta' salvazzjoni u ħelsien.

**Żakkew (19, 1-10)**
*Mons. Anton Mizzi*

Ġesù kien qiegħed fuq vjaġġ lejn Ġerusalemm li matulu ftit jissemmew ismijiet ta' xi post, għajr li spiss ifakkar f'dak tal-belt destinatarja fejn kien sejjer u li hemm kellha sseħħ il-ġrajja li fiha "*kellu jittieħed mid-dinja*" (Lq 9:51). Imma meta hu beda joqrob lejha (Lq 18:31; 19:11, 28), Luqa jibda jsemmi xi isem ta' xi post, bl-ewwel wieħed ikun tal-belt ta' Ġeriko. Meta qorob lejn din il-belt, Ġesù ltaqa' mal-għama ta' Ġeriko u fejqu (Lq 18: 35-43). Imbagħad daħal Ġeriko u meta kien qed jaqsam din il-belt hemm jiltaqa' ma' bniedem jismu Żakkew. Dan l-episodju nsibuh f'Luqa biss u fih hemm miġbura ħafna temi li huma familjari u karatteristiċi għalih.

Ġeriko hija belt fil-Wied tal-Ġordan u minħabba l-abbundanza tal-ilma minn għajn ewlenija din tagħmilha oasi ta' art agrikola tabilħaqq fertili. Minħabba l-klima tropikali, Ġeriko kienet magħrufa bħala "*belt is-siġar tal-palm*" (Dewt 34:3) u attirat preżenza qawwija mill-aristokrazija ta' Ġerusalemm, tant li Erodi l-Kbir bena palazz fil-viċinanzi tagħha bħala residenza xitwija. Ġeriko kellha lokazzjoni strateġika minħabba li fil-qrib tagħha kienu jgħaddu żewġ toroq kummerċjali importanti: it-triq mill-Għarabja lejn Damasku u dik mill-Perea ,fit-Transġordanja, lejn l-għoljiet ta' Ġuda u għalhekk Ġeriko kienet il-post ideali għall-ġbir tat-taxxi fuq il-ħwejjeġ li kienu jiġu u jmorru minn hemm. Sinifikattiv hu l-fatt li r-rebħa ta' Ġeriko mill-poplu Lhudi fi żmien Ġoswè fetħet għalih l-art imwiegħda (Ġos 6); issa wkoll, Ġesù kien għaddej minnha fi triqtu lejn Ġerusalemm biex iġib is-salvazzjoni lil min kien mitluf u jiftaħ il-bibien tal-imwiegħda art eterna.

L-isem Żakkew ġej mil-Lhudi 'Zakkai' (ara: Esd 2:9; Neħ 7:14; 2Mak 10:19) bil-forma Griega '**Zakchaios**' li jfisser safi, innoċenti. Fl-ambjent Lhudi, l-għoti tal-isem kif ukoll it-tifsira tiegħu kellhom importanza kbira u għalhekk kien mistenni li l-ulied jikbru fit-tifsira ta' isimhom bħala parti mid-destin tagħhom. Żakkew kien għani imma kien imwarrab min-nies għaliex kien pubblikan, kap ta' dawk li kienu jiġbru t-taxxi. In-nies kienet tobgħodhom lil dawn għaliex kienu jużaw il-professjoni tagħhom biex jisirqu lin-nies bit-theddid, imma l-aktar għax kienu jservu lill-barranin, lill-ħakkiema Rumani, billi jiġbru t-taxxi imperjali mingħand nieshom stess, il-Lhud.

Għal Luqa Żakkew hu bniedem li jissimbolizza żewġ dinjiet li jidhru sew fil-Vanġelu tiegħu. Min-naħa Żakkew hu pubblikan, bniedem li jiġbor it-taxxi, imma pubblikan li kapaċi jwieġeb bil-ġenerożità kollha għas-sejħa ta' Alla, bħal dawk il-pubblikani msemmija fil-Vanġelu u li dehru bħala li huma disposti għal Ġesù (ara: Lq 3:12-13; 5:27-32; 7:29-30; 15:1-2; 18:9-14). Min-naħa l-oħra hu bniedem għani, li s-soltu jsibha iebsa ħafna biex jiddistakka lilu nnifsu mill-ġid jew mill-ħwejjeġ li għandu (ara: Lq 18:22-23, 24-27). Meta sar jaf li Ġesù kien ġej fil-belt, Żakkew "*fittex li jara min kien Ġesù*" (v. 3; ara: 9:9; 18:41). Kellu ħafna kontrieh: għani, bħala kap tal-pubblikani kien responsabbli minn oħrajn biex jagħmluha ta' kolletturi tat-taxxa, u

għalhekk ftit kellu ħbieb u kważi ma kellu ebda tama, bħallikieku kien traditur ta' pajjiżu u tar-reliġjon Lhudija. Imma kellu xewqa sinċiera li hi manifestata mill-mod kif irrisponda għas-sejħa li għamillu Ġesù, mill-ferħ li bih laqa' lil Ġesù f'daru u mill-ġenerożità li biha ddispona minn ġidu lill-foqra.

Il-ġrajja tkompli qisha rrakkontata b'togħma umoristika. Dan il-bniedem għani imma mistmerr min-nies ta' madwaru, bi statura qasira, għadda jiġri 'l quddiem u bla ma jqis id-dinjità tiegħu, jixxabbat mas-siġra tat-tin selvaġġ, kważi moħbi qalb il-weraq tal-friegħi tagħha, biex ikun 'il fuq min-nies u hekk jaqta xewqtu li jara min kien dan il-viżitatur importanti. U meta Ġesù rah, dlonk sejjaħlu biex jinżel u, bla telf ta' żmien, hu niżel minn hemm bħal tifel żgħir. Il-fatt li Ġesù kien se jgħaddi minn dik in-naħa (v.4) għal Luqa jfisser li din il-laqgħa ma setgħetx ma sseħħx meta Ġesù kien qed ifittex lill-midinbin biex ikun ħabib u salvatur tagħhom. Is-Saltna ta' Alla li Ġesù kien qed inawgura, Żakkew kien qed jilqgħaha "*bħal tifel ċkejken*" (Lq 18:17). Ġesù, li deher jaf ismu u qisu jaf dwaru, jistieden lilu nnifsu fid-dar ta' Żakkew "*għax illum jeħtieġli* ('**dei**') *noqgħod għandek*" (v.5). Dan hu bidu ta' rapport ta' familjarità mill-qrib ħafna u, f'dan il-kuntest, Ġesù mhux biss hu l-mistieden imma wkoll is-salvatur ta' Żakkew. Il-verb "*jeħtieġ*" jindika li l-istedina hi skont il-pjan divin u għalhekk ħierġa mill-missjoni divina ta' Ġesù (ara Lq 22:37; 24:44). Meta qed ifittex in-nagħġa l-mitlufa (Lq 15:3-7) Ġesù jirrivela l-qofol tal-missjoni tiegħu u l-ħsieb ta' Alla għad-dinja.

Terminu ieħor użat darbtejn f'dan it-test, hu l-avverbju "*illum*" ('**sēmeron**': v 5, 9) li fl-opra ta' Luqa nsibuh 19-il darba (ara 2:11; 4:21; 22:61; 23:43; eċċ) u li għandu sinifikat eskatoloġiku partikulari b'aspetti varji: li f'dan il-mument qed jitwettqu l-profeziji tal-imgħoddi, il-presenza ta' Ġesù rivelatur u salvatur u anke tal-ħajja tal-Knisja li qed tagħti xhieda tiegħu. Ninnotaw kuntrast qawwi bejn ir-reazzjoni ta' Żakkew, il-pubblikan u l-midneb (v 7: '**hamartōlos**'), li kienet immedjata - "*niżel jgħaġġel*" (insibu dawn l-istess żewġ verbi fis-sejħa ta' Ġesù u fl-azzjoni korrispondenti ta' Żakkew) biex jilqa' lil Ġesù bil-ferħa bħala l-mistieden tiegħu, u dik tan-nies u ta' dawk li kienu jagħmluha ta' ġusti li kollha gemgmu b'diżapprovazzjoni talli Ġesù daħal bħala mistieden fid-dar ta' bniedem meqjus bħalikieku mwarrab u mitluf (ara l-istess imġiba f'Lq 5:29-30; 15:1-2).

Imma Żakkew juri li kellhom żball. Issa hu bniedem ġdid li fehem ix-xewqa ta' Ġesù li jkun parti mill-ħajja tiegħu u juri s-salvazzjoni bħala realtà preżenti billi kien kapaċi jirrispondi għat-tajjeb bħal tifel żgħir li jsibu hawn fil-persuna ta' Ġesù. Fl-istess ħin hu jagħmel dikjarazzjoni lill-Mulej: jagħti nofs ġidu lill-foqra (Lq 12:33; 18:22), ħafna aktar mill-wieħed fil-ħamsa li fid-duttrina rabbinika kien ikkunsidrat bħala offerta voluntarja l-aktar għolja, u jrodd lura, jekk qarraq b'xi ħadd, għal erba darbiet aktar minn dak mitlub mil-liġi li, minbarra li jrodd, iżid miegħu wieħed mill-ħamsa tal-istess valur (Num 5:7; Lev 5:20-24; jew skont ir-rabbini wieħed minn erbgħa). Hemm diffikultà fuq l-interpretazzjoni tal-verbi '*nagħti*' u '*nrodd*' fil-v 8. Jekk jinqraw fil-preżent, fis-sens li s-soltu, allura Żakkew mhuwiex midneb imma, bħala pubblikan

f'ċirkustanzi simili, hu bħas-soltu jkun ġeneruż filwaqt li jevita li jieħu xi vantaġġ mill-posizzjoni tiegħu. Allura l-ġrajja ma tkunx konverżjoni u jonqos is-sens soterjoloġiku tal-kliem ta' Ġesù fil-v 9-10, imma jkunu biss ġustifikazzjoni għall-imġiba ta' Żakkew. Jekk il-verbi fil-preżent jirreferu għall-futur, allura għandha storja ta' konverżjoni u Żakkew m'għadux aktar midneb għax hu ddeċieda li jbiddel ħajtu. Din it-tieni interpretazzjoni hija ppreferuta.

Meta Ġesù jgħid "*f'din id-dar illum daħlet is-salvazzjoni*" (v.9) hu juri li, permezz tal-preżenza tiegħu bħala Messija, (fil-v.10 "*Bin il-Bniedem*") Żakkew seta' jagħmel l-esperjenza tal-fidwa divina billi jkun bħal tifel żgħir u ma jkunx marbut u agħma mal-ġid tiegħu bħall-kap għani fil-kapitlu preċedenti (ara: Lq 18:18s). Ġesù ma qallux biex ibigħ kollox u jagħti kollox lill-fqar, imma biex ibiddel ħajtu u ma jibqax jisraq lin-nies. Kien tabilħaqq mitluf imma, ispirat mill-antenat tiegħu Abraham, Żakkew ma jibqax imwarrab jew 'il barra mill-poplu magħżul ta' Alla. L-episodju jikkonkludi bil-kliem ta' Ġesù: "*Bin il-Bniedem ġie biex jfittex u jsalva l-mitluf*" (v.10). Hu kliem li jfakkar fil-programm li kien ipproklamat f'Nażaret (Lq 4:18-19) u li, fi tmiem il-vjaġġ ta' Ġesù lejn Ġerusalemm (Lq19), jiġbor it-teoloġija tal-ministeru kollu tiegħu. Huwa jalludi għall-kliem ta' Eżek 34:11-16 fejn Yahweh hu ppreżentat bħala ragħaj. Ġesù wkoll hu ragħaj it-tajjeb (Ġw 10:1s) li jfittex u jsalva n-nagħġa l-mitlufa (Lq 15:4-7). Luqa jfakkar fil-kliem "*mitluf u nstab*" (15:24, 32; u wkoll v. 6, 9) biex juri b'qawwa "*t-tjieba ta' Alla...u l-imħabba tiegħu għall-bnedmin*" (Tit 3:4). Hi fil-qosor il-viżjoni tiegħu ta' Ġesù li jxandar il-ħniena ta' Alla.

## L-AGĦMA TA' ĠERIKO (18, 35-43)

*Rev. Charles Buttigieg*

L-Evanġelju tiegħu, San Luqa jpoġġi l-episodju tal-agħma Bartimew bin Timew li nsibuh ukoll f'San Mark, proprju meta Ġesù kien dieħel fil-belt ta' Ġeriko. F'San Mark dan l-episodju jseħħ meta Ġesù kien ħiereġ minn Ġeriko. Dan in-nuqqas ta' qbil bejn l-Evangelisti jista' jirriżulta għaliex fi żmien Kristu diġà kien hemm Ġeriko l-antika, jew tal-Antik Testment, li llum hija 'Tell es-Sultan', u Ġeriko kontemporanja ta' żmien Kristu, illum 'Tulul Ab el-'Alayiq'. F'San Luqa, wara l-fejqan tal-agħma ta' Ġeriko, għandna episodju ieħor importanti marbut mal-maħfra u mal-ħniena ta' Alla li seħħet fid-dar tal-kap tal-pubblikani, Żakkew.

F'San Luqa dan l-agħma fid-daħla ta' Ġeriko jibqa' mingħajr isem u dan għaliex l-awtur sagru jrid idaħħal lili u lilek bħala protagonist anke f'dan il-fejqan li jagħmel Ġesù. Nafu kemm San Luqa huwa dejjem dettaljat fid-dati u fl-ismijiet fil-kitba tiegħu u għalhekk in-nuqqas tal-isem tal-agħma hawnhekk żgur li għandu dan l-iskop, li l-awtur jinvolvi lill-qarrej. "Ġara li, huwa u riesaq lejn Ġeriko, kien hemm wieħed agħma bilqiegħda mal-ġenb tat-triq jittallab il-karità. Dan sama' l-kotra tan-nies għaddejja u

beda jistaqsi x'ġara. U qalulu li kien għaddej Ġesù ta' Nazaret. Hu qabad jgħajjat u jgħid: "Ġesù, Bin David, ikollok ħniena minni!" Dawk li kienu mexjin quddiem bdew iċanfruh u jsikktuh, imma hu aktar issokta jgħajjat: "Bin David, ikollok ħniena minni!" Ġesù waqaf u ordna li jressquhulu quddiemu. Meta resaq, staqsieh: "Xi tridni nagħmillek?" "Li nara, Mulej," wieġbu dak. U Ġesù qallu: "Ara, iva! Il-fidi tiegħek salvatek." U minnufih beda jara, u baqa' miexi warajh jagħti glorja lil Alla. U l-poplu kollu li ra dan beda jfaħħar lil Alla" (Luqa 18, 35-43).

Żgur li dan il-povru agħma kien jinsab f'miżerja kbira; ma setax jaħdem biex jaqla' x'jiekol u dan għaliex ma kienx jara. U għalhekk spiċċa jittallab il-karità u l-ħniena. Din il-ħniena hu jsibha fil-persuna ta' Kristu. "Bl-għemil ta' Kristu għas-salvazzjoni tagħna, il-bniedem kiseb li f'din id-dinja jgħix bit-tama tal-ħajja u tal-qdusija ta' dejjem. Ir-rebħa ta' Kristu fuq id-dnub, bil-mewt bis-Salib u l-qawmien tiegħu mill-imwiet, ma tneħħi xejn mit-tbatija tal-ħajja f'din id-dinja u lanqas teħles mit-tbatija lill-ġrajja kollha tal-bniedem fil-ħajja tiegħu fid-dinja, iżda titfa' dawl ġdid, id-dawl tas-salvazzjoni, fuq il-ġrajja tal-bniedem fid-dinja u fuq it-tbatijiet kollha tiegħu. Dan hu d-dawl tal-Evanġelju, tal-Bxara t-tajba. F'nofs dan id-dawl insibu l-verità li Ġesù wera lil Nikodemu: "Alla hekk ħabb id-dinja li ta l-Iben il-waħdieni tiegħu". Din il-verità tbiddel mill-għeruq il-ġrajja tal-bniedem u l-qagħda tiegħu fid-dinja. Minkejja li d-dnub għamel l-għeruq tiegħu fil-ġrajja tal-bniedem, kemm bħala dnub tan-nisel, kemm bħala "id-dnub tad-dinja" u kemm bħala l-ġabra tad-dnubiet kollha tal-bnedmin, Alla l-Missier ħabb 'l Ibnu, jiġifieri, ħabbu dejjem. Imbagħad, fiż-żmien f'waqtu, għal din l-imħabba li tirbaħ kollox, "ta" dan l-Iben il-waħdieni tiegħu biex jinżel sal-għeruq tad-deni tal-bniedem u hekk jersaq qrib l-oqsma kollha tat-tbatija, li minnhom għandu sehem il-bniedem, biex isalvah. (L-Ittra Appostolika tal-Papa San Ġwanni Pawlu II 'Salvifici Doloris' dwar it-tbatija tal-bniedem fin-numru 15).

Huwa għama mwarrab mal-ġenb tat-triq, abbandunat mill-taparsi ħniena tal-bnedmin imma żgur mhux abbandnat mill-ħniena infinita ta' Alla. Interessanti li dan l-għama għaraf eżattament min kienet il-persuna importanti li kienet għadha kif daħlet fil-belt. Għaraf lil Ġesù mhux biss bħala l-mastrudaxxa ta' Nazaret imma wkoll bħala l-Messija mir-razza tas-sultan David. Għaraf, mela, id-divinità ta' Ġesù u għalhekk il-qawwa mirakoluża tiegħu. Minkejja li ma kellux id-dawl fiżiku, kellu d-dawl kbir tal-fidi. U dan jista' jfisser li minkejja li l-folla kienet qed tara bl-għajnejn fiżiċi lil Ġesù forsi ma kinetx qed tarah bl-għajnejn iktar qawwija tal-fidi bħalma kellu l-għama. Fil-fatt, Ġesù lill-għama jgħidlu "il-fidi tiegħek fejqietek, il-fidi tiegħek salvatek". Dan il-ħsieb naraw fl-Enċikklika ta' Papa Frangisku '*Lumen Fidei'* tad-29 ta' Ġunju 2013, fejn jgħidilna li huwa proprju Ġesù li tana 'id-dawl tal-fidi' (ara Ġw 12, 46). Il-fidi mhix illuzjoni imma hija verità fejn id-dawl tal-fidi idawwal kull aspett tal-esiżtenza umana. Dante, f'*Il Paradiso* XXIV, 145-147 jitkellem ukoll dwar din il-fidi bħala dawl tal-kewkba. Fin-numru 8 tal-'*Lumen Fidei'* naraw ukoll ir-rabta tal-fidi mal-imħabba (1 Ġw 4, 16) u r-rabta mat-tama '*memoria futuri'*. Nitgħallmu mill-fidi ta' Abraham (Ġw

8, 56) u tal-poplu ta' Alla u r-rabta tal-fidi mal-Ligi ta' Alla (nru.12) li tilhaq il-qofol fil-Qawmien ta' Kristu. Din il-parteċipazzjoni fil-fidi ta' Kristu toħloq ħolqien ġdid ta' salvazzjoni fil-bniedem (numru 19). Il-fidi, fuq kollox, hija marbuta mal-Knisja, omm il-fidi tagħna (numru 37) u mal-Ġisem ta' Kristu. Hemm djologu ta' armonija bejn il-fidi u r-raġuni (numri 23-36). Il-fidi hija mis-smigħ tal-Kelma ta' Alla '*fides ex auditu*' (Rum 10, 17), tgħin lill-bniedem fil-ħajja tas-sagramenti tiegħu, fil-familja u fis-soċjetà.

F'dan ir-Randan ser nagħmlu bħall-folla, ma nħallux lil ħaddieħor jiltaqa' ma' Kristu? Pjuttost għandna nilbsu l-għajnejn tal-fidi ħalli nagħrfu l-ħniena t'Alla għalina u l-ħniena li għandu jkollna għall-oħrajn.

# 2.
# Għajnuna għal kors t'eżerċizzi bit-tema: "Il-ħniena fil-parabboli ta' Luqa"

## IS-SAMARITAN IT-TAJJEB (10, 25-37)

*Rev. Charles Buttigieg*

Dan ir-Randan fis-Sena tal-Ġublew il-Kbir tal-Ħniena jistedinna lkoll sabiex napprofittaw minn din is-Sena ta' Grazzja kbira. Ħafna minna żgur ser iduqu mill-ħniena kbira (bl-ebrajk: 'hesed') ta' Alla, li jħobb lill-bnedmin kollha tad-dinja u li jrid ukoll li aħna nħennu għal xulxin biex b'hekk ikollna iktar armonija u paċi fid-dinja. Dan nitolbuh kuljum fit-talb tagħna u fil-Quddiesa fit-talba tal-Missierna. Għalhekk ippermettuli nlaqqam din is-sena bħala s-Sena tas-Samaritan tal-Ħniena.

Fl-Evanġelju ta' San Luqa naraw lil Ġesù jistieden lill-midinbin sabiex jersqu lejh u jaħfrilhom. Fil-fatt, Dante Alighieri jsejjaħ lil San Luqa bħala l-Evanġelista tal-ħniena ta' Kristu. Fih biss insibu l-parabbola tan-naġħġa l-mitlufa, tad-drakma l-mitlufa, il-parabbola tal-Iben il-Ħali u dik tas-Samaritan it-Tajjeb. Fl-Evanġelju tiegħu naraw li s-salvazzjoni hija miftuħa għal kulħadd: "Kull bniedem jara s-salvazzjoni ta' Alla" (Luqa 2:6). Dan il-ħsieb narawh fuq kollox fil-kuntest tal-Parabbola tas-Samaritan it-Tajjeb fejn Ġesù jwieġeb għall-mistoqsija tal-għaref tal-liġi: "Iżda dak, biex juri li kellu raġun, qal lil Ġesù: "U l-proxxmu tiegħi min hu?" (Lq 10:29). F'din il-Parabbola tas-Samaritan it-Tajjeb f'Luqa 10:25-37, insibu lil wieħed Lhudi li kien nieżel minn Ġerusalemm għal Ġeriko wara li forsi kien wettaq id-dmirijiet reliġjużi tiegħu. Kienet triq perikoluża ħafna, u għadha hekk anke llum, aħseb u ara elfejn sena ilu. Hi triq ta' 17-il mil li tinżel 'l isfel 3300 pied mill-Għolja ta' Sijon għall-baħar il-Mejjet, li jinsab taħt il-livell tal-Baħar Mediterran, u tgħaddi mid-deżert u minn diversi widien u sisien tal-biża'. Il-Lhudi, miskin, safa' msawwat mill-ħallelin, neżżgħuh minn ħwejġu, sawtuh, serquh u ġie mħolli nofsu mejjet (bil-Grieg: '*hemithane*') fl-art. Ġie mgħejjun biss minn Samaritan ħanin, wara li saċerdot Sadduċew u levita baqgħu sejrin. "U Ġesù raġa' qabad jgħidlu: "Wieħed raġel kien nieżel Ġeriko minn Ġerusalemm, u waqa' f'idejn il-ħallelin; dawn neżżgħuh, biċċruh bis-swat u telqu, u ħallewh nofsu mejjet." (Lq 10:30).

Forsi s-saċerdot u l-levita beżgħu li setgħu jitniġġsu jekk imissu ġisem mejjet, għaliex fil-liġi Lhudija, meta wieħed jiġi f'kuntatt ma' ġisem mejjet, isir impur għal sebat ijiem, kif insibu fin-Numri 5:2-3 u 19:11-13: "Kull min imiss ġisem ta' bniedem mejjet, jibqa' mniġġes għal sebat ijiem; jitnaddaf b'dak l-ilma fit-tielet u s-seba' jum, u jkun nadif, u jekk ma jitnaddafx fit-tielet u s-seba' jum, ma jkunx nadif. Min imiss katavru, il-ġisem ta' bniedem mejjet, u ma jitnaddafx, iniġġes l-għamara tal-Mulej u dan il-bniedem ikun maqtugħ minn Iżrael, għax l-ilma tal-purifikazzjoni ma jkunx issawwab fuqu, u jibqa' mniġġes, għax l-inġiesa tibqa' fuqu." Jekk forsi naċċettaw din l-iskuża,

però ngħidilkom li dejjem kellhom id-dmir li jidfnu lill-mejjet, kif insibu fil-kitba Lhudija '*Yerushalmi Nazir'* numru 56. Skond it-'*Tanit*' numru 27, f'Ġeriko bħala belt b'ċivilizzazzjoni antika kienu jgħixu ħafna saċerdoti u għalhekk din kienet it-triq iffrekwentata mis-saċerdot u l-levita li kienu jitilgħu Ġerusalemm għas-servizzi tat-tempju. Fil-parabbola, huma kienu neżlin minn Ġerusalemm (infatti fl-oriġinal Grieg għandna l-verb: '*katabaino*') u għalhekk kienu ħelsu mis-servizz liturġiku u jekk kienu ser jgħinu lil dak li kien kważi mejjet, ma kinux se jiġu mniġġsa qabel ma jidħlu fit-tempju,

Kien is-Samaritan li kien iterraq fil-vjaġġ (bil-Grieg: '*hodeuo*'), jiġifieri lejn Ġerusalemm u għalhekk forsi sabiex iwettaq id-dmirijiet reliġjużi tiegħu, li waqaf u ħenn (bil-latin: '*misericordia motus est'*) għall-ferut li kien kważi mejjet: **"**Imma kien għaddej minn hemm wieħed Samaritan, wasal ħdejh, rah u tħassru". (Lq 10:33). Issa rridu niftakru li bejn il-Lhud u s-Samaritani kien hemm rivalità kbira. Is-Samaritani minn dejjem kellhom kunflitt mal-Lhud. Huma ħadu isimhom mill-belt ta' Samarija li nbniet mill-Ġeneral u r-Re Omri fis-sena 876 Q.K. Il-muntanja qaddisa tagħhom kienet Geriżim qrib Sikar u mhux Ġerusalemm. Qatt ma kienu accettati mil-Lhud għaliex kienu jqisuhom bħala razza mħallta wara l-waqgħa tas-Samarija fis-sena 722 Q.K. meta kienu tħalltu ma' popli barranin. Ġew ukoll irrifjutati milli jgħinu fil-bini tat-tempju fi żmien Eżra. Min-naħa l-oħra, is-Samaritani kienu żammew mas-Selewki kontra l-Makkabej. Il-Lhud u s-Samaritani kienu jiddisprezzaw it-tempji ta' xulxin.

Is-Samaritan warrab minn moħħu din il-mibegħda kollha u xammar idejh biex jgħin lil-Lhudi. Hawnhekk is-Samaritan iwettaq erbatax-il ġest tal-ħniena fil-konfront tal-Lhudi midrub u għalhekk huwa perfett doppjament. Dan għaliex għandek in-numru perfett sebgħa u sebgħa li jagħmlu erbatax. L-erbatax-il verb, jew aħjar azzjonijiet, ta' ħniena huma dawn: ġie ħdejh, rah, tħassru, resaq, sawwablu ż-żejt u l-inbid fuq il-feriti, infaxxah, għabbieh fuq il-bhima, ġarru sal-lukanda, ħa ħsiebu, ħallas żewġ dinari (paga ta' jumejn), tahom lil tal-lukanda, qal lil tal-lukanda biex idur bih, jerġa' jħallas jekk kien hemm bżonn, u jerġa' jgħaddi biex jara kif inhu. Dawn huma s-simboli tal-opri tal-ħniena, sebgħa li jmissu l-ġisem li huma: itma' lil min hu bil-ġuħ, isqi li min hu bil-għatx, libbes lil min hu għarwien, ilqa' lill-barrani u lil min hu bla dar, żur il-morda, żur il-ħabsin u idfen il-mejtin, u sebgħa li jmissu lir-ruh li huma: agħti parrir tajjeb lill-ħosbenin, għallem li min ma jafx, widdeb lill-midinbin, farraġ lill-imnikktin, aħfer il-ħtijiet, hu sabar b'min idejqek u itlob lil Alla għall-ħajjin u għall-mejtin. Is-Samaritan mhux biss waqaf u dewwa lill-ferut imma' baqa' jieħu interess fih sal-aħħar, saħansitra jonfoq il-flus għalih. Dan għamlu fis-skiet u mingħajr ebda ftaħir. Dan huwa li għandna nagħmlu matul din is-Sena f'dan ir-Randan imqaddes u fuq dan ser ikun il-ġudizzju, li ngħinu lil xulxin mingħajr ma nistennew ħlas: "Ħennu, bħalma hu ħanin Missierkom" (Luqa 6:36).

**L-IBEN IL-ĦALI (15, 11-32)**
*Rev. Charles Buttigieg*

L-Evanġelju ta' San Luqa jikkonċentra fuq il-vjaġġ ta' tagħlim, ta' fejqan, ta' mirakli u fuq kollox ta' fidwa u salvazzjoni li jagħmel Ġesù mill-Galilleja għal Ġerusalemm. Fil-fatt, l-Evangelju jibda bis-sagrifiċċju ta' Żakkarija fit-tempju ta' Ġerusalemm u fl-aħħar ukoll jispiċċa bil-ġrajjiet tal-Fidwa ta' Kristu ġewwa Ġerusalemm. Għalhekk, mela, l-istruttura tal-Evangelju timplika l-importanza ta' dan il-vjagg salvifiku ta' Ġesù li jimplika l-Gallileja u l-Ġudeja, b'Ġerusalemm tkun iċ-ċentru bħala l-belt qaddisa. Dan il-vjaġġ ċikliku ta' Ġesù jkompli fil-ġrajjiet tal-konverżjoni u tar-ritorn tal-midneb lejn Alla.

Din l-istorja tas-salvazzjoni u tal-ħniena t'Alla nsibuha, fuq kollox, fil-kapitlu ħmistax ta' San Luqa, li ippermettuli nlaqqmu "il-kapitlu tal-Qalb ħanina ta' Alla", għaliex fih insibu parabboli li qegħdin biss f'San Luqa u li jitkellmu dwar il-ħniena u l-maħfra ta' Alla, bħalma huma l-parabboli tan-nagħġa l-mitlufa, tad-drakma l-mitlufa u tal-iben il-mitluf. Fost dawn, mela, insibu l-parabbola tal-Iben il-Ħali jew tal-Missier il-Ħali fil-Ħniena li qiegħda f'Luqa 15:11-32: "Fil-parabboli ddedikati lill-ħniena, Ġesù juri n-natura ta' Alla bħala dik ta' Missier li qatt ma jgħodd ruħu b'rebbieħ sakemm ma jkunx xejjen id-dnub u għeleb ir-rifjut bil-kompassjoni u l-ħniena. Nafuhom dawn il-parabboli, tlieta b'mod partikulari: dawk tan-nagħġa l-maħruba, tal-munita mitlufa u dik tal-missier u ż-żewġ ulied (ara: Lq 15:1-32). F'dawn il-parabboli Alla dejjem hu ppreżentat mimli ferħ, l-aktar meta jaħfer. Fihom insibu l-qalba tal-Vanġelu u tal-fidi tagħna għax il-ħniena hi ppreżentata bħala l-qawwa li tirbaħ kollox, li timla l-qalb bl-imħabba u li tfarraġ bil-maħfra" ('*Misericordiae Vultus'* dwar il-Ġublew tal-Ħniena, numru 9, tal-Papa Franġisku).

Hija parabbola li fiha naraw Missier li għandu żewġ ulied. Iżda minn dawn iż-żewġ ulied, min hu verament l-Iben il-Ħali? It-tradizzjoni tgħidilna li kien l-iben iż-żgħir l-iben il-ħali li ħela l-wirt ta' missieru. Imma xi ngħidu għall-iben il-kbir li kien jgħix ma' missieru?

Fil-parabbola tal-Iben il-Ħali (bil-Grieg: '*asotos*'), it-tifel iż-żgħir jitlaq mid-dar ta' missieru għal art pagana (aktarx taħt ħakma Rumana) u wara li jsib ruħu f'livell tassew baxx u ta' miżerja, dik li jirgħa l-qżieqeż (l-iktar ħaġa mistmerra li jista' jagħmel wieħed Lhudi), jerġa' jirrifletti u jerġa' lura d-dar ta' Missieru: "Naħsbu fl-iben il-ħali li, meta jiddeċiedi li jerġa' lura għand missieru, joqgħod jaħseb x'diskors ħa jagħmillu. Imma l-missier bilkemm iħallih jitkellem u jgħannqu miegħu. Hekk jagħmel Ġesù magħna. "Missier, għandi ħafna dnubiet…"; "Imma Hu jkun kuntent jekk int tmur: se jgħannqek miegħu b'ħafna mħabba! La tibżax". (Mill-Omelija tal-Papa Frangisku fit-13 ta' Marzu 2015). Il-Missier jilqa' għandu lill-iben u jagħtih id-dinjità mill-ġdid permezz tal-libsa mill-aħjar, taċ-ċurkett u tal-qorq. Ma għadux iktar skjav ħafi tad-dnub imma iben bil-qorq f'riġlejh. Hawnhekk, l-iben iż-żgħir huwa figura tal-pubblikani u

tal-prostituti, filwaqt li dik tal-iben il-kbir hija dik tal-iskribi u tal-Farizej. Il-missier li kien dejjem jistenna lil ibnu, imur jiġri (kontra l-kultura tal-patrijarki u l-anzjani) u jilqa' mill-ġdid lil ibnu u jbusu, hu, bla dubju ta' xejn, l-ikona ta' Alla l-Missier ħanin li jagħder u jaħfer mingħajr qatt ma jgħejja: "Qam, u telaq għal għand missieru. Iżda kif kien għadu fil-bogħod, missieru lemħu u tħassru, u b'ġirja waħda mar inxteħet fuq għonqu u biesu" (Lq 15:20). Din il-bewsa fuq l-għonq ta' bejn il-Missier u l-Iben hija l-Ispirtu s-Santu li jaħfer. Il-festa u l-ikla tal-għoġol imsemmen tkompi turi wkoll l-aspett matern tal-imħabba ta' Alla f'dan ir-ritorn ta' dan l-iben: "Wasal imbagħad biex jiddeċiedi: "Ħa nqum u mmur għand missieri u ngħidlu: "Missier, dnibt kontra s-sema u kontra tiegħek; ma jistħoqqlix iżjed nissejjaħ ibnek: żommni b'wieħed mil-lavranti tiegħek". Hu dan il-kliem li juri b'aktar qawwa l-qofol tal-problema. Minħabba l-qagħda materjali mħawda li fiha sab ruħu l-iben il-ħali tort tal-bluha tiegħu, wasal biex għaraf x'kienet id-dinjità li tilef. Malli għamel f'rasu li jerġa' lura f'dar missieru u jitolbu jerġa' jilqgħu – mhux bi dritt bħala ibnu, imma bħala lavrant – wieħed għall-ewwel jista' jaħseb li dan għamlu minħabba l-ġuħ u l-għera li kien waqa' fiha. Iżda ma' din ir-raġuni hemm imsieħeb l-għarfien ta' telf ta' ħaġa aqwa: lavrant f'dar missieru kien żgur għalih nuqqas kbir ta' ġieħ u ta' mistħija liema bħalha. U b'danakollu l-iben il-ħali kien lest iġarrab din il-mistħija u dan in-nuqqas ta' ġieħ. Għaraf li ma kien baqagħlu ebda dritt ieħor ħlief li jkun lavrant f'dar missieru. Meta għamel f'rasu li jerġa' lura f'dar missieru kien jaf tajjeb x'kien jistħoqqlu u xi dritt kien baqagħlu skont il-ġustizzja. U proprju dan juri li l-iben il-ħali beda jintebaħ x'kienet id-dinjità li tilef, dik id-dinjità li tiġi mir-rabta tal-iben ma' missieru. U b'din il-fehma qabad it-triq biex jerġa' lura." ('*Dives in Misericordia'* tal-Papa San Ġwanni Pawlu II dwar l-Ħniena ta' Alla tat-30 ta' Novembru 1980).

Dak li jħassibna l-iktar f'din il-parabbola huwa l-atteġġjament tal-iben il-kbir li bħala l-ewwel iben, u għalhekk il-kbir, kellu parti kbira mill-wirt tal-missier, ikbar żgur minn ta' ħuh iż-żgħir. Dan ma feraħx meta ra lil ħuh lura qawwi u sħiħ. Kien qiegħed jgħix fid-dar tal-missier imma ma ntebaħx bl-imħabba u bil-ħniena kbira ta' missieru. Filwaqt li l-iben iż-żgħir jindirizza lil missieru bħala 'Missier', din il-kelma qatt ma toħroġ mill-fomm tal-iben il-kbir. Il-parabbola tpoġġilna lil dan l-iben il-kbir 'il barra mid-dar tal-missier. Kien għadu ġej mill-għalqa u ma daħalx, u baqa' ma daħlax fid-dar. Bħal donnu ried jibqa' 'il barra mill-ħniena u mill-imħabba ta' missieru: "Hu inkorla, u ma riedx jidħol ġewwa, iżda missieru ħareġ jitolbu jidħol. 'Ara,' qal lil missieru, 'ili dawn is-snin kollha naqdik, kelmtek ma ksirthielek qatt, u kieku qatt tajtni gidi lili biex nagħmel ikla u nifraħ ma' ħbiebi! Imbagħad jiġi dan ibnek, li belagħlek ġidek man-nisa żienja, u lilu toqtollu l-għoġol l-imsemmen!'. 'Ibni,' qallu missieru, 'inti dejjem miegħi, u kull ma hu tiegħi huwa tiegħek. Imma kien meħtieġ li nagħmlu festa u nifirħu, għax dan ħuk kien mejjet u raġa' qam, kien mitluf u nstab." (Lq 15:28-32). U għalhekk mela jista' jkun dan l-iben il-kbir li hu proprjament l-iben il-ħali għaliex kien daqshekk qrib l-imħabba u l-ħniena tal-missier, kien ġo fiha, u ħlieha. L-iben iż-żgħir

nafu li rritorna fid-dar ta' missieru, filwaqt li l-iben il-kbir baqa' 'l barra mid-dar tal-Missier. Ejjew għalhekk, bħala Nsara li nħossuna daqshekk qrib tal-Knisja u ta' Alla, ma nħallux l-għira u l-mibegħda jtellfuna milli nduqu mill-ħniena ta' Alla, kemm għalina u kemm għall-proxxmu tagħna.

**IN-NAGĦĠA U D-DRACHMA MITLUFA (15, 1-10)**
*Mons. Carmelo Mercieca*

L-isbaħ Kapitlu tal-Vanġelu ta' San Luqa huwa, bla dubju ta' xejn, Kapitlu 15 fejn insibu flimkien it-tliet parabboli:

a. il-parabbola tan-nagħġa l-mitlufa
b. il-parabbola tad-drakma l-mitlufa
c. il-parabbola tal-Iben il-ħali

Fit-tliet parabboli tispikka l-ħniena t'Alla. Alla għandu qalb wiesa' li tagħder u tħenn u għandu dirgħajn miftuħin biex jilqa'.

Għalhekk żewġ punti:

1. Alla jfittex lill-mitluf
2. Alla jifraħ x'ħin isib lill-mitluf.

## L-EWWEL PUNT: ALLA JFITTEX LILL-MITLUF

Kulħadd ifittex. Fit-tliet parabboli tispikka t-tfittxija:

1) Ir-raħħal ma qagħadx kwiet. Mar jiġġerra jfittex in-nagħġa l-mitlufa.
2) Il-mara ma qagħditx bi kwietha. Drakma hija munita tal-fidda, xi drabi mqabbla ma' dinar, paga ta' ġurnata. Il-mara qallbet darha ta' taħt fuq u fittxet f'kull rokna biex issibha.
3) Il-missier imsejken ma kellux sabar. Jistenna, jaħseb lejl u nhar, anzjuż, jgħarrex, jixtieq u jinkwieta.

**L-ISTESS, ANZI FERM AKTAR, JAGĦMEL ALLA**

1) Il-bniedem jasal biex jabbanduna lil Alla. Iżda Alla, ta' Missier li hu, ma jiflaħx jabbanduna lill-bniedem.
2) Għal Alla kull bniedem hu prezzjuż f'għajnejh, kull bniedem hu importanti. Għalkemm Alla ma għandu bżonn ta' ħadd, madankollu kważi kważi ma jgħaddix mingħajr il-bniedem.
3) Alla m'għandux kwiet sakemm jara lill-bniedem reġa' lura għandu. Alla moħħu fil-bniedem:

- ifittxu bla sabar
- jissaportih,
- u isejjaħlu biex jerġa' lura

4) Alla tagħna qalbu kbira wisq.

Il-Papa Franġisku kemm-il darba tkellem fuq il-ħniena l-kbira ta' Alla. Hekk, pereżempju, nhar is-17 ta' Marzu 2013, fi Pjazza San Pietru, qal:

"Hemm bżonn nifhmuha tajjeb din il-ħniena t'Alla, dan il-Missier ħanin li għandu tant paċenzja... Alla ma jgħejja qatt jaħfrilna, qatt. Il-problema hi li aħna ngħejjew, imma ma rridux ngħejjew nitolbu maħfra. Hu qatt ma jgħejja jaħfer, imma aħna xi kultant ngħejjew nitolbu maħfra. M'għandna ngħejjew qatt, m'għandna ngħejjew qatt. Hu l-Missier mimli mħabba li jaħfer dejjem, li għandu dik il-qalb mimlija ħniena għalina lkoll. Dan tinsewh qatt. Il-Mulej ma jgħejja qatt jaħfer. Inkunu aħna li ngħejjew nitolbu maħfra."

## IT-TIENI PUNT: ALLA JIFRAĦ X'ĦIN ISIB LILL-MIDNEB

Kull parabbola tispiċċa b'nota ta' ferħ.

1) Jifraħ ir-ragħaj x'ħin reġa' sab in-nagħġa l-mitlufa.
2) Tifraħ il-mara x'ħin sabet il-munita l-mitlufa.
3) Jifraħ il-Missier x'ħin reġa' sab lil ibnu u għannqu miegħu.

Kull parabbola tinsisti li l-istess ferħ ikun hemm fis-sema għal kull midneb li jerġa' lura. Fl-ewwel parabbola Ġesù jgħid hekk:
"Ngħidilkom li l-istess jiġri fis-smewwiet. Ikun hemm aktar ferħ għall-midneb li jindem milli għal disgħa u disgħin bniedem tajjeb li ma jkollhomx bżonn ta' ndiema."

U fit-tieni parabbola Ġesù jgħid kważi l-istess: "Ngħidilkom jien li l-istess ferħ ikun fost l-anġli ta' Alla għall-midneb wieħed li jindem."

Alla jifraħ u jagħmel festa. Meta?

Kull darba li midneb jerġa' lura fi ħdan il-Missier. Mela mhux biss jilqgħu b'dirgħajh miftuħin, iżda wkoll jagħmillu festa u jħaddnu miegħu.

## Konklużjoni

Alla jridna nħossu dan il-ferħ tal-konverżjoni. Għalhekk Ġesù waqqaf is-Sagrament tal-Qrar, li hu s-Sagrament tal-ferħ. Il-konverżjoni titlob tliet affarijiet minna l-bnedmin.

1) L-UMILTÀ
Nammettu li aħna midinbin. Nagħrfu kemm konna ingrati li tbegħidna minn Alla u ħallejna l-bjar tal-ilma safi biex immorru nixorbu l-ilma salmastru (l-ilma mniġġes) tal-pjaċir u l-frugħat tad-dinja.

2) IL-KURAĠĠ...
biex nidħlu daħla fina nfusna u nqumu u nieħdu deċiżjoni biex naqbdu t-triq u nirritornaw lejn Alla.

3) IL-FEDELTÀ LEJN ALLA
Il-konverżjoni tagħna ma tridx tkun bidla tal-mument. Iżda bidla fir-rotta ta' ħajjitna. Ma nerġgħux nittradixxu u nfieru lill-qalb ta' Alla Missierna. Iżda nibqgħu mħaddnin u mgħannqin miegħu ħajjitna kollha.

Għal dan l-iskop għandha sservi l-laqgħa tagħna ma' Alla kull nhar ta' Ħadd. Il-Ħadd huwa l-Jum imbierek li fih aħna nerġgħu lura għal Alla Missierna. (Nota 1)

Ejjew ngħożżu l-Ħadd bħala l-Jum tal-Festa li fiha
- Alla jgħannaq lilna
- u aħna nitgħannqu ma' Alla.

## *Tista' tgħinek...* **Il-Qrara ta' Charles de Foucauld**

Charles de Foucauld, ġuvni Franċiż, għamel minn kollox f'ħajtu, barra qatel. Tbiegħed minn Alla, xalatur prim, maħruq mill-vizzji. Ħajtu ddeskrivieha fi tliet kelmiet: "Dwejjaq... Dwejjaq... Dwejjaq."

Sakemm darba fis-27 ta' Ottubru 1886, daqqet is-siegħa tal-grazzja għalih. Ra lil Padre Muvelin iqarar. Daħal fil-konfessjonarju u battal l-ixkora tad-dnubiet li bihom kienet mgħobbija l-kuxjenza tiegħu.

Fil-bijografija tiegħu, hekk baqa' jiftakarha dik il-ġurnata tal-qrara tiegħu:
- "O x'ġurnata mbierka, o x'ġurnata ta' grazzja!"
- "O Alla, meta int nebbaħtni biex nidħol fil-konfessjonarju fis-27 ta' Ottubru, int sawwabt fuqi xita ta' grazzji!"

- "Kemm int twajjeb, o Alla tiegħi!"
- "O Alla ħanin, b'liema tjubija int ġejt tiġri tilqagħni! U tfajt dirgħajk ma' għonqi biex tbusni u tgħannaqni!"
- "O, b'liema tjubija int erġajt tajtni l-libsa tas-safa!... Grazzi, Mulej!"

Dan il-ġuvni, li wara sar eremita ta' spiritwalità profonda, ġie bbeatifikat mill-Papa Ġwanni Pawlu II.

**L-GĦANI U LAZZRU (16, 10-31)**
*Mons. Carmelo Mercieca*

Fi klassi, tifel darba staqsa lill-għalliem: "Sir, xi tfisser parabbola?" L-għalliem wieġeb: "Hija storja b'tagħlima." U t-tifel reġa' staqsa: "Imma dik l-istorja tal-parabbola tkun ġrat?" "Hija storja immaġinarja, imma reali", wieġeb l-għalliem.
Hekk hi l-parabbola tal-lum, tal-għani u l-fqir. Hija ġrajja li tiġri kuljum. U għadha tiġri sal-ġurnata tal-lum. Lazzru għadu jħabbat fuq il-bieb tagħna.
Għalhekk, din il-parabbola hija attwali ħafna. Noħorġu tliet punti:

1. Kuntrast bejn l-għani u Lazzru l-fqir.
2. Mal-mewt il-folja tinqaleb.
3. Il-ħtieġa ta' konverżjoni issa.

## L-EWWEL PUNT: KUNTRAST BEJN L-GĦANI U L-FQIR

Il-parabbola stess tiddeskrivilna l-kuntrast bejn l-għani u l-fqir:

1. l-għani liebes il-bellus; il-fqir imċerċer u miksi bil-feriti: "ġismu ġerħa waħda"
2. l-għani jiekol kuljum "ikliet mill-aħjar"; il-fqir ilaqqat il-loqom li jaqgħu minn fuq il-mejda
3. l-għani jixrob u mejjet fis-sakra; il-fqir mejjet għal qatra.

Liema hu l-ikbar dnub tal-għani? Id-dnub tal-għani kien l-INDIFFERENZA.

1. Il-klieb ittendew b'Lazzru l-fqir, imma l-għani tant hu mitluf biex ipaxxi lilu nnifsu bl-ikel u x-xorb li lanqas biss ta kasu.
2. Il-klieb "kienu jmorru jilagħqulu l-ġrieħi tiegħu". Mela ħassew għalih. Imma l-għani ma għamel xejn. Kien jaqa' u jqum mill-fqir. L-aqwa li żaqqu mimlija. X'jimpurtah mill-fqir!

GĦAX INDIFFERENTI, MA JĦOSSX GĦALL-FQIR!
Għalaq għajnejh biex ma jarax u għalaq qalbu biex ma jħossx għall-ħtiġijiet tal-fqir. Ma kellux skużi! Kieku l-fqir kien mitt mil 'il bogħod, seta' jiskuża ruħu li ma ntebaħx bih.

Iżda l-fqir Lazzru kien "fuq l-għatba tal-bieb" u l-għani tant kien egoist u magħluq fih innifsu li ma tax kasu. L-ebda kompassjoni. Il-klieb ħassew għall-fqir; l-għani le. X'ċanfira!
(Omelie 105, Temi di predicazione, p.98)

## IT-TIENI PUNT: IMMA L-FOLJA TINQALEB

Iżda l-mewt tiġi għal kulħadd. U mal-mewt, il-ħaqq. Trid issir ġustizzja. Ir-rota ddur u l-folja tinqaleb. Tal-aħħar jiġi l-ewwel u tal-ewwel jiġi l-aħħar. Il-parabbola tfakkarna fil-konsegwenzi għat-tnejn, għall-għani u Lazzru: Ġenna għal wieħed; Infern ta' tbatijiet għall-ieħor.
Il-parabbola tgħidilna:

1. lill-fqir "l-anġli ħaduh fi ħdan Abraham"
2. l-għani "sab ruħu fi tbatijiet ħorox, f'art il-mejtin".

Il-Kelma ta' Alla hija ċara. L-għani li għalaq għajnejh u qalbu quddiem il-ħtiġijiet tal-fqir, x'jiġrilu? Ikun qed jiftaħ bieb l-Infern għalih innifsu. (Temi di Predicazione Nru 105)
Il-Profeta Għamos, li dwaru qrajna fl-ewwel qari, kien diġà ta twissija serja lill-għonja: "Ħażin għalikom"! L-għonja bla qalb, it-tmiem tagħhom ikun il-jasar u l-kastig.

## IT-TIELET PUNT: IL-ĦTIEĠA TAL-KONVERŻJONI... ISSA

B'din il-parabbola, Kristu jridna niftħu għajnejna u niftħu qalbna għal min hu fil-bżonn... issa, li għadna f'din il-ħajja. Meta mmutu jkun "too late". L-għani fetaħ għajnejh u ttenda bl-iżbalji ta' ħajtu meta kien "in-naħa l-oħra". Issa kien tard wisq!
L-IMPORTANZA TA' ISSA

1. Issa, f'din il-ħajja, kull wieħed irid jagħżel id-destinazzjoni fejn irid jasal: il-Ġenna jew l-Infern?
2. Issa, f'din il-ħajja, kull wieħed qed jikteb is-sentenza tiegħu stess b'għemilu, jgħid l-Arċisqof Fulton Sheen. (Nota 1)
3. Issa trid tifhem li kull għemil tiegħek, tajjeb jew ħażin, ikollu konsegwenzi fil-ħajja eterna.

Għandna l-Kelma ta' Alla biex twissina. M'għandniex bżonn ikollna xi viżjoni biex iċċaqlaqna u tmiss lil qalbna. Għandna l-Kelma ta' Alla li kull nhar ta' Ħadd

- tinqara lilna
- twissina
- tħeġġiġna

biex inbiddlu ħajjitna llum.

Il-Vanġelu hu ktieb żgħir imma qawwi. Hawn għandna l-Kelma ta' Kristu li ssalva. Il-Vanġelu, jekk neħduh bis-serjetà, isalvalna ħajjitna kollha

- sew il-ħajja ta' issa
- u sew il-ħajja li ġejja. (Mons. Vincenzo Paglia, "Alla mensa dell parola", Anno C.)

**Jistgħu jgħinuk...**

1. **Fulton Sheen**

Nota 1: L-Arċisqof Fulton Sheen, fil-ktieb "*Life is worth living*", jistaqsi: "*Is Heaven far away?*" Iwieġeb: "*Heaven is not way out there. Heaven is in here. He who does not have heaven in his heart, will never go to heaven. We have to use time to get to heaven.*" "Il-Ġenna mhix 'il bogħod. Il-Ġenna tibda minn hawn. Qatt m'aħna ser naslu l-Ġenna jekk ma jkollniex il-Ġenna f'qalbna. Irridu ninqdew biż-żmien ta' issa biex niksbu u nimmeritaw il-Ġenna."

2. **Pawlu VI**

Lazzru għadu jħabbat fuq il-bieb tagħna. Pawlu VI, fl-enċiklika "*Popolorum Progressio*", jgħid: "Id-dinja hija meħtieġa għal kulħadd. Għandha titwaqqaf dinja li fiha kull wieħed jista' jgħix ħajja li tassew tixraq lill-bnedmin, li fiha l-fqir Lazzru jista' joqgħod fuq il-mejda mal-għani." (nru 23)

3. **San Girgor il-Kbir**

F'kummentarju fuq il-Vanġelu tal-lum, San Girgor il-Kbir qal:
"Intom, aħwa tiegħi, li tafu kemm gawda l-fqir Lazzru u kemm bata l-għani, stinkaw u għinu lill-foqra b'tali mod li l-foqra jkunu l-avukati tagħkom fil-Ġudizzju...
Għandkom kemm-il Lazzru quddiem wiċċkom; jinsabu fuq l-għatba tal-bieb tagħkom u għandhom bżonn l-għajnuna...
Il-kliem tal-Vanġelu għandu jħeġġiġna biex inwettqu l-opri tal-ħniena...
Jekk infittxuh, kuljum insibu xi Lazzru.
Anzi, anke mingħajr ma nfittxuh, kuljum naraw xi Lazzru quddiemna."
(Omelia 40, 3-10. Omelia sui Vangeli. Regola Pastorale di san Gregorio)

**L-IMĦALLEF U L-ARMLA (18, 1-8)**
*Mons. Carmelo Mercieca*

Il-kbir poeta Taljan Dante jsejjaħ lill-Evanġelista Luqa "Scriba mansuetudinis Christi", l-Evanġelista tal-Ħniena ta' Kristu (*De Monarchia* 1.16).
Biex ifissrilna kemm hi kbira l-ħniena t'Alla, kiteb ħafna parabboli, fosthom il-parabbola tal-Imħallef u l-armla.

Nagħmlu tliet ħsibijiet:

1. L-ewwel persunaġġ: l-Imħallef il-ħażin;
2. It-tieni persunaġġ: L-ARMLA MSEJKNA;
3. Il-lezzjonijiet ta' din il-parabbola.

**1. L-ewwel persunaġġ: l-Imħallef il-ħażin**

Imħallef hu ħażin għal żewġ raġunijiet:

1. La kien jibża' minn Alla – u allura ma kienx jimxi bil-ġustizza għax m'għandux il-biża' t'Alla.
2. U lanqas iħabbel rasu min-nies:
   a. *Bla sentimenti*, ma jħoss għal ħadd;
   b. *Egoist*, jaħseb fih nnifsu biss, magħluq u jaqa' u jqum mill-proxxmu;
   c. *Bla ħniena*, insensibbli, xejn ma jinfidlu la widnejh u lanqas qalbu;
   d. *Imħallef "bla fidi" u "bla liġi",* bla reliġjon, bla umanità u bla etika.

**2. It-tieni persunaġġ: l-armla msejkna**

A. Armla hi msejkna:

a. Għax bla "status", bla drittijiet. Min ħa jagħti kasha?

b. Bla difiża minn għand ħadd. Billi ma kellhiex flus ma kellhiex mnejn tqabbad avukat jiddefendiha. Imsejkna li hi qed tissielet battalja doppja: quddiem l-arroganza tal-għadu tagħha u quddiem l-indifferenza tal-Imħallef.

B. L-unika arma li kellha:

Mal-ewwel daqqa t'għajn, il-battalja ta' din l-armla tidher mitluf sa mill-bidu nett. Imma mhux hekk ġara.

L-unika arma tagħha hi l-PERSISTENZA, jiġifieri l-perseveranza fit-talb.

Innutaw l-insistenza tagħha:

1. Ġejja u sejra quddiemu;
2. Hu jirrifjutaha, jagħlqilha l-bieb f'wiċċha u hi tibqa' ssus warajh;
3. Terġa' tmur darba, tnejn u forsi għoxrin darba quddiem wiċċu;
4. Hu jaqtgħalha fil-qasir, imma hi la taqta' n-nifs u lanqas taqta' qalbha;
5. Isodd widnejh biex ma jismagħhiex, imma hi titlob bla ma taqta';
6. U l-impossibbli sar possibbli.

It-talba tal-armla għelbet il-forza tal-Imħallef. Il-fqajra ittamat kontra kull tama. U rebħet hi. Għax l-Imħallef xeba' jaraha ma' wiċċu u teħodlu rasu.

**Tagħlim għalina fuq il-perserveranza fit-talb**

Dik l-armla hija figura tal-Knisja. Il-Knisja wkoll hi dgħajfa quddiem il-qawwiet tad-dinja. Imma hi toħroġ rebbieħa għax titlob ma bla taqta'.

Tagħlim għalina: NiIbqgħu nitolbu,
1. Anki jekk jidhrilna li qed nitolbu għal xejn;
2. Anki jekk naħsbu li Alla mhux jismagħna, qisu "trux" jew "assenti";

It-talba tal-ġust tinfed is-sħab. Għandna ħafna versi mis-Salmi li juruna li Alla jisma' it-talb tal-imsejken, tal-imġarrab.
Il-fqajjar sejjaħ il-Mulej u semgħu
U mid-dwejjaq kollha tiegħu ħelsu. Salm 33 (34)

Għajnejn il-Mulej lejn il-ġusti
U widnejh miftuħa għall-għajta tagħhom. Salm 33 (34)

Jgħajtu l-ġusti għall-għajnuna
U l-Mulej jismagħhom
U mid-dwejjaq kollha tagħhom jeħlishom. Salm 33 (34)

Kenn u qawwa hu Alla għalina,
Għajnuna kbira sibnieh fid-dwejjaq. Salm 45 (46)

Fil-hemm tiegħi lill-Mulej sejjaħt
Tlabt l-għajnuna lil Alla tiegħi
Hu sema' leħni mit-tempju tiegħu
F'widnejh waslet l-għajta tiegħi. Salm 17 (18)

**3. Lezzjoni tal-Parabbola**

Il-lezzjoni li jrid ifehemna Kristu hija din: Jekk saħansitra Imħallef bla kuxjenza u bla qalb sa fl-aħħar sema' t-talba tal-armla, kemm aktar Alla, li hu l-istess Tjubija, jisma' l-għajta u t-talba ta' wliedu.
Mela aħna ninsabu f'sitwazzjoni aħjar minn dik l-armla u dan għal dawn ir-raġunijiet:

1. L-Imħallef hu inġust – imma Alla hu ġust;
2. L-armla mhix ikkalkulata mill-Imħallef. Dan ma jimpurtahx minnha - imma aħna prezzjużi quddiem l-għajnejn t'Alla. U Alla jimpurtah minn kull wieħed minna.
3. L-Imħallef, għall-bidu, hu trux għall-karba tal-armla – imma fil-każ tagħna, Alla hu MISSIER, dejjem lest biex jisma' t-talba ta' wliedu. Widnejh miftuħa għall-karba tal-imsejken, tal-iltim u tal-armla.
4. L-Imħallef dam itella' u jniżżel, u lill-armla qalgħalha fwiedha biex jismagħha – imma Alla tagħna mhux ser joqgħod jitnikker biex jismagħna. Hekk qalilna Kristu: "Alla lill-magħżulin tiegħu li jgħajtulu lejl u nhar, sejjer ma jagħmlilhomx ħaqq? Se joqgħod itawwal magħhom? Jien ngħidilkom li malajr jagħmlilhom ħaqq."

**5.** L-Imħallef semagħha kontra qalbu, għax xeba' jaraha quddiem wiċċu. Alla tagħna hu "Missier b'qalb ta' omm", kif sejjaħlu Papa Ġwanni Pawlu.

U kif qalilna wkoll il-Papa Franġisku: "Alla ma jgħejjiex jismagħna, ma jgħejjiex jaħfrilna, ma jgħejjiex u ma jiddejjaqx bl-insistenza tat-talb tagħna."

Anzi żgurana "Min ifittex isib, min jitlob jaqla', min iħabbat jiftħulu."

Din il-parabbola tixbah lill-parabbola tal-Ħabib li ġie jittallab tliet ħobżiet billejl. (Luqa 2, 5-13).
Ġesù jagħtina garanzija li t-talb jinstema': "Min hu dak il-missier fostkom li jekk ibnu jitolbu ħuta, minflok ħuta ħa jagħtih serp? Inkella jekk jitolbu bajda, jagħtih skorpjun? Mela jekk intom, nies ħżiena bħalkom, tafu tagħtu lil uliedkom ħwejjeġ tajba, kemm aktar il-Missier mis-Smewwiet jagħti spirtu qaddis lil dawk li jitolbuhulu?" (Luqa 11, 11-13)

# 3.
# L-Ewkaristija ddewwaqna l-Ħniena t' Alla

*Seminarista Gabriel Vella u l-komunità parrokkjali tal-Katidral*

## L-1 JUM TAL-EŻERĊIZZI TAT-TFAL
## *L-ATT PENITENZJALI*

**Narratur:** ______________________________
**Serp:** ______________________________
**Eva:** ______________________________
**Adam:** ______________________________
**Omm:** ______________________________
**Joseph:** ______________________________
**Fariżew 1:** ______________________________
**Fariżew 2:** ______________________________
**Ġesù:** ______________________________
**Mara:** ______________________________

**Narratur:** Meta Alla ħalaq lil bniedem xbieha tiegħu, il-bniedem intellġenti u liberu kien ingannat mix-xitan u waqa' fid-dnub. Għalhekk ma baqax ħabib ma' Ġesù. Il-bniedem sar l-għadu ta' Ġesù u għalhekk kiser il-paċi li kellu ma' Ġesù.

Ix-xitan inqeda bis-serp li kien l-aktar annimal li brikkun fost l-annimali selvaġġi kollha, li kien għamel il-Mulej Alla. U s-serp qal lil Eva:

**Serp:** Tassew li Alla qalilkom: 'La tiklux mis-siġar kollha tal-ġnien'?

**Narratur:** U Eva wieġbet lis-serp:

**Eva:** Mill-frott tas-siġar fil-ġnien nistgħu nieklu. Imma mill-frott li hemm f'nofs il-ġnien ma nistgħux għax inkella mmutu qalilna Alla.

**Narratur:** U s-serp qal lill-mara:

**Serp:** Le, żgur ma tmutux. Dak Alla qalilkom hekk għax jibża' li ssiru bħalu.

**Narratur:** U l-mara rat li s-siġra kienet tajba għall-ikel u tiġbdek fil-għajn u ħadet mill-frott u kielet. Mbagħad tat ukoll lil żewġha, li kien magħha, u kiel. X'ħin kielu, indunaw li ma kienux lebsin ħwejjeġ. U

semgħu ħoss il-Mulej Alla jitlajja fil-ġnien għaż-żiffa tal-jum, u nħbew Adam u martu minn wiċċ il-Mulej Alla qalb is-siġar tal-ġnien. U l-Mulej sejjaħ lil Adam u staqsieh: 'Fejn int?'. U Adam imbeżżgħa wieġbu u qallu:

**Adam:** Smajtek u qed nibża' minnek u għalhekk inħbejt.

**Narratur:** U Alla kompla jgħidlu: jaqaw kilt mis-siġra li jien kont għidtlek biex ma tiekolx minnha? U Adam qallu:

**Adam:** Eva ħajjritni u jiena kilt. Mhux tort tiegħi ta.

**Narratur:** U Alla saqsa ukoll lil mara għalix kielet mis-siġra. U hi wieġbet:

**Eva:** Is-serp daħaq bija u jien kilt.

**Narratur:** Alla saħan bil-kbir għaliex kemm Adam u kemm Eva daħqu bih u m'għamlux kif kien ordnalhom hu. Għalhekk Alla keċċiehom mill-Ġnien tal-Għeden.

**(Adam u Eva jinħbew x'imkien u tidħol fil-pront l-omm) (Joseph ikun moħbi x'imkien)**

**Narratur:** Darba waħda fost l-oħrajn kien hemm tifel li kien jismu Joseph. Joseph kien imqareb u ma kienx jisma' milli jgħidulu l-ġenituri tiegħu speċjalment minn ommu. Darba waħda meta kienu resqin l-eżmijiet Joseph għamel oħra minn tiegħu.

**Omm:** *(tgħajjat)* Joseph!!! *(wara ftit)*Daqt l-eżamijiet u għadek ma bdejtx tistudja. Meta ħa tibda? Moħħok fil-mowbajl biss.

**Joseph:** *(jidħolbil-mowbajl f'idejh)* U daqs kemm baqa' !!

**Omm:** Ħmistax oħra kull ma baqa'!! Ara x'ħa ngħidlek u isma minni!!

**Joseph:** Għidli.

**Omm:** Mur ġib il-kotba minn kamartek u ibda studja.

**(Joseph iġib xi kotba u jagħmilhom fuq xi mejda li tkun fuq l-artal u jpoġġi fuq siġġu u jibda jistudja)**

**Omm:** Jien ħa noħroġ ftit. Mhux ħa ndum. Sakemm niġi oqgħod studja. Promise?

**Joseph:** Ok promise.

**Narratur:** Joseph jibqa' jistudja sakemm ommu toħroġ mid-dar. Wara jerġa' jaqba jilgħab mil-mowbajl. Bħal Joseph aħna ukoll xi drabi ma nisimgħux milli jgħidulna l-ġenituri tagħna li dejjem jgħidulna għall-ġid tagħna.

**(l-omm toħroġ u Joseph jerġa' jibda jilgħab bil-mowbajl u joħroġ) (titneħħa l-mejda)**

**(fil-pront jidħol Ġesù)**

**Narratur:** Meta nħarsu ftit lejn il-Vanġelu niltaqgħu ma diversi mumenti fejn Ġesù ħafer lil dawk li jiżbaljaw. Aħna m' aħniex b'inqas minn dawn. Ilkoll kemm aħna xi darba żbaljajna u m'għamilniex dak li jgħidulna l-ġenituri tagħna bħal ma rajna fl-istorja ta' Joseph. Issa ser naraw episodju li nsibuh fil-Vanġelu fejn Ġesù ħafer lil mara li għamlet xi ħaġa ħażina. Ġesù ħafrilha alavolja kienet affarjiet ħżiena ħafna. Ġesù daħal fit-tempju u l-Fariżej ħadulu quddiemu waħda mara li kienet inqabdet fl-adulterju. Huma qegħduha fin-nofs u qalulu:

**Fariżew:** Mgħallem, din il-mara nqabdet fil-fatt fl-adulterju. Issa fil-Liġi tagħna Mosè ordnalna biex nisa bħal dawn inħaġġruhom. Int, imma, xi tgħid?

**Narratur:** Ġesù tbaxxa lejn l-art u beda jikteb b'sebgħu fit-trab. U qalilhom:

**Ġesù:** Min fostkom hu bla dnub jitfgħalha hu l-ewwel ġebla.

**Narratur:** U raġa' tbaxxa jikteb fit-trab. Kif semgħuh jgħid dan, qabdu u telqu wieħed wara l-ieħor, ibda mix-xjuħ, u Ġesù baqa' waħdu mal-mara, wieqfa fin-nofs. Qam dritt u qalilha:

**Ġesù:** Dawk fejnhom, mara? Ħadd minnhom ma kkundannak?

**Mara:** Ħadd, Sinjur.

**Ġesù:** Mela anqas jien ma nikkundannak. Mur, u mil-llum 'il quddiem tidnibx iżjed.

**Narratur:** Fis-sagrament tal-Qrar, Ġesù permezz tal-Knisja fil-presenza tas-saċerdot jaħfrilna d-dnubiet tagħna. Ġesù jaħfer kull tip ta' dnub kbir jew żgħir. Ġesù jaħfer lil kulħadd – kemm Maltin u kemm Afrikani, kemm dawk ta' ġilda skura u kemm dawk ta' ġilda bajda. Ġesù dejjem jistenniena sabiex aħna mill-ġdid nerġgħu lura lejh u nagħmlu ħbieb mill-ġdid miegħu. F'din is-Sena ddedikata lill-Ħniena aħna wkll imsejjħa sabiex nersqu lejn dan is-sagrament tal-qrar sabiex mill-ġdid insiru ħbieb ta' Ġesù.

## IT-2 JUM TAL-EŻERĊIZZI TAT-TFAL
## ***IL-LITURĠIJA TAL-KELMA***

**Narratur:** ________________________________

**Alla:** ________________________________

**Mose':** ________________________________

**Samwel:** ________________________________

**Għeli:** ________________________________

**Narratur:** Fl-istorja tas-Salvazzjoni, Alla dejjem inqeda' b'xi persuni bħal profeti sabiex iwassal il-Kelma Tiegħu lill-poplu tiegħu, imexxih fit-

triq it-tajba, jikkoreġih fejn jiżbalja u iwissih bl-aħrax wara li jkun naqsu.

Dan nistgħu narawh fl-istorja ta’ Mose’. Alla permezz ta’ Mose’ ta l-kmandamenti lil poplu tiegħu. U Alla kellimhom u qalilhom dan kollu:

**Alla:** Jiena hu l-Mulej, Alla tiegħek.

Ma jkollokx allat oħra għajri.

La ssemmix l-isem tal-Mulej, Alla tiegħek, fil-batal.

Ftakar f'jum is-Sibt u qaddsu. Sitt ijiem taħdem u tagħmel kull ma għandek tagħmel; imma s-seba' jum hu jum il-mistrieħ.

Irrispetta u ħobb lil missierek u lil ommok.

La toqtolx.

La tagħmilx adulterju.

La tisraqx.

La tigdibx.

La tixtieqx l-affarijiet tal-oħrajn.

**Narratur:** Il-poplu kollu sama' r-ragħad u ra l-beraq, u sama' l-leħen tat-tromba u ra l-muntanja ddaħħan. U l-poplu beda jitriegħed u jitbeżża', u qagħad 'il bogħod. U Mosè qal lill-poplu:

**Mose’:** La tibżgħux! Għax dawn Alla tahomlkom għax iħobbkom.

**Narratur:** Il-poplu wara li sema’ dan kollu wieġeb u qal: ”kull ma qalilna l-Mulej nagħmluh u nobduh għal dejjem”.

**Narratur:** Bħalma Alla nqeda’ b’Mose’, hekk ukoll jinqeda’ bina. Il-poplu wiegħed lil Mulej li se jagħmel u jobdi dak kollu li qallu l-Mulej. Għalhekk aħna għandna nagħmlu dak li jgħidilna Alla u nobduh f’kollox. Irridu nirrispettaw dak kollu li jgħidilna u nwettquh b’għemilna. Importanti li dak kollu li nitgħallmu ma nżommuhx għalina biss iżda naqsmuh ma’ oħrajn.

**(Mose’ u Alla joħorġu u jidħol Għeli li jkun rieqed fuq biċċa drapp fl-art f’nofs l-artal u Samwel ikun rieqed fil-ġemb tal-artal)**

**Narratur:** Mela, tfal issa se naraw xi ġralu tfajjel bħalkom li kien jismu Samwel meta kien kellmu l-Mulej Alla. Iż-żagħżugħ Samwel kien jaqdi l-Mulej ma' Għeli; imma l-kelma tal-Mulej kienet rari f'dak iż-żmien, ftit kien hemm dehriet. Ġara li, jum wieħed, Għeli kien mistrieħ f'postu, għax għajnejh kienu bdew jintfew, u ma kienx jista' jara. Il-musbieħ ta' Alla kien għadu ma ntefiex, u Samwel kien mindud fit-tempju tal-Mulej, fejn kien hemm l-arka ta' Alla. Il-Mulej sejjaħ: “Samwel!”

**Narratur:** U dan wieġeb:

**Samwel:** Hawn jien!

**Narratur:** U Samwel mar jiġri għand Għeli u qallu. (**Samwel imur fejn Għeli kull darba)**

**Samwel:** Hawn jien, għalfejn sejjaħtli?

**Għeli:** Ma sejjaħtlekx, erġa' mur imtedd.

**Narratur:** U raġa' mar jorqod. U ssokta l-Mulej isejjaħ: "Samwel!"

**Narratur:** U dan wieġeb:

**Samwel:** Hawn jien!

**Narratur:** U Samwel mar għand Għeli u qallu.

**Samwel:** Hawn jien, għalfejn sejjaħtli?

**Għeli:** Ma sejjaħtlekx, erġa' mur orqod.

**Narratur:** Samwel kien għadu ma għarafx il-Mulej, u anqas kienet għadha ma ttgħarrfitlu l-kelma tal-Mulej. U ssokta l-Mulej isejjaħ għat-tielet darba: "Samwel!"

**Narratur:** U dan wieġeb:

**Samwel:** Hawn jien!

**Narratur:** U Samwel mar jiġri għand Għeli u qallu.

**Samwel:** Hawn jien, għalfejn sejjaħtli?

**Narratur:** U Għeli fehem li l-Mulej kien qiegħed isejjaħ i¿-¿agħ¿ugħ. U qal lil Samwel:

**Għeli:** Mur orqod. Jekk jerġa' jsejjaħlek, wieġeb: Tkellem, Mulej, għax il-qaddej tiegħek qiegħed jisma'.

**Narratur:** U Samwel mar jorqod f'postu. U l-Mulej ġie, waqaf ħdejh, u sejjaħ bħal drabi oħra: "Samwel! Samwel!". U Samwel wieġeb:

**Samwel:** "Tkellem, għax il-qaddej tiegħek qiegħed jisma'."

**Narratur:** U il-Mulej kellem lil Samwel. Samwel kiber, u l-Mulej kien miegħu, u ma ħalla ebda kelma milli qal tmur fix-xejn.

Tfal, kif rajtu fl-istorja, Samwel m'għarfux mill-ewwel lil Alla. Aħna ukoll forsi f'xi mumenti ma nagħrfuhx mill-ewwel il-leħen t'Alla. Alla lilna jkellimna permezz tal-Knisja, permezz tas-Saċerdoti, tal-Katekisti iżda mhux biss. Alla jkellimna ukoll permezz tal-ġenituri tagħna, permezz ta' sħabna. Għahekk importanti li nirrispettaw lil oħrajn għax Alla jista' jkellimna bihom ukoll. Irridu noqogħdu attenti għax jista' jkun li Alla jrid jinqeda' bina sabiex inwasslu lilU lill-oħrajn. Min jaf forsi Alla qed issejjaħ lil xi ħadd għal saċerdot, jew soru, jew katekista.

## IT-3 JUM TAL-EŻERĊIZZI TAT-TFAL

## ***IL-LITURĠIJA EWKARISTIKA***

**Narratur:** ______________________________

**Ġesù:** ______________________________

**Ġwanni:** ______________________________

**Pietru:** ______________________________

**Narratur:** U wasal jum l-Ażżmi, il-jum li fih kien ikollhom jissagrifikaw l-ħaruf ta' l-Għid. Ġesù kien ma Pietru u Ġwanni miexi għal għonq it-triq.

**(Ġesù, Pietru u Ġwanni ikunu fil-korsija)**

**Ġesù:** Għandi xewqa kbira li nagħmel ikla.

**Pietru:** U għaliex trid tagħmel din l-ikla?

**Ġesù:** Jiemi fid-dinja kważi għaddew u daqt irrid nerġa' mmur fejn Missieri. U nixtieq li qabel inħallikom nagħmel ikla magħkom. U nixtieq li din l-ikla tibqgħu tiċċelbrawha wara mewti.

**Ġwanni:** U ma' min tixtieq tagħmilha din l-ikla?

**Ġesù:** Magħkom it-tnax Ġwanni. Nixtieq li jkun mument ta' festa, ferħ u għaqda flimkien.

**Pietru:** U fejn ħa nagħmluha?

**Ġesù:** Ara morru fil-Belt u ġo kamra ssibu mejda. Irranġawha għall-ikel.

**(Ġwanni u Pietru imorru fejn l-artal (ma kellu xejn fuqu...anqas it-Tvalja...) mejda u jirranġaw xi affarijiet żgħar u Ġesù jibqa' fil-korsija)**

**Narratur:** Marru, u sabu kollox kif kien qalilhom; u ħejjew l-ikla ta' l-Għid.

**(Ġesù jmur fuq l-altar)**

**Narratur:** **(tistenna lil Ġesù jasal fuq il-mejda)** Meta sar il-ħin, qagħad fuq il-mejda flimkien ma' l-appostli. U Ġesù qalilhom:

**Ġesù** Kelli xewqa kbira li nagħmel din l-ikla ta' l-Għid magħkom qabel ma nbati!

**Narratur:** U qabad kalċi, radd il-ħajr u qal:

**Ġesù:** Ħudu dan il-kalċi u aqsmuh bejnietkom. Għaliex, ngħidilkom, minn issa 'l quddiem ma nixrobx iżjed mill-frott tad-dielja sa ma tiġi s-Saltna ta' Alla.

**Narratur:** Mbagħad ħa l-ħobż, radd il-ħajr, qasmu, newwilhulhom u qal:

**Ġesù:** Dan hu ġismi li jingħata għalikom; agħmlu dan b'tifkira tiegħi.

**Narratur:** Hekk ukoll wara l-ikla ħa l-kalċi u qal:

**Ġesù:** Dan il-kalċi huwa l-Patt il-Ġdid b'demmi, id-demm li jixxerred għalikom.

**Narratur:** Tfal, f'kull quddiesa li nieħdu sehem fiha, Ġesù jagħżel li jingħata għalina billi jsir ħobż u inbid. L-ostja li jkellu l-qassis u li imbagħad aħna nirċevuha hija l-ġisem ta' Krsitu. Għalhekk Ġesù jsir ħons u inbid sabiex ikun jista' jiġi ġewwa qalbna. Importanti tfal li aħna nifthulu qalbna beraħ ħalli meta jiġi jkun jista' jibqa' dieħel u joqgħod magħna. Għalhekk imporatnti ħafna li ma nitilfux il-quddiesa għal xejn b'xejn. Jekk inkunu nistgħu nattendu kuljum.

# IR-4 JUM TAL-EŻERĊIZZI TAT-TFAL
## ***NAGĦMLU KARITA'***

**Narratur:** ______________________________

**Mario:** ______________________________

**Karla:** ______________________________

**Tifel 1:** ______________________________

**Tifel 2:** ______________________________

**Tifla 3:** ______________________________

**Narratur:** Darba kien hemm tifel żgħir jismu Mario. Ommu u missieru kienu mietu u ma kellux fejn joqgħod. Ma kellu xejn u kien dejjem jiġri mat-toroq u filgħaxija kien jorqod fit-triq. **(it-tifel jitla' mill-korsija u jintefa' taħt l-artal fl-art u jitgħatta b'biċċa drapp li jkollu ġo baskett.)** Kienu jgħaddu diversi nies minn fejnu iżda ħadd ma kien jagħti kasu. **(għawnhekk jgħaddu t-tfal 1, 2, 3 – wieħed, wieħed mhux ma xulxin u ma jħarsux lejn Mario iżda ma jagħtux kasu).** Darba fost l-oħrajn kienet għaddejja tifla jisimha Karla. Karla kienet tifla li kienet tmur il-Knisja kull nhar ta' Ħadd, u xi drabi anki fost il-ġimgħa, kienet dejjem taħseb għaliex il-Qassis fl-aħħar tal-Quddiesa kien jgħid "Morru fil-Paċi." Karla waqfet ħdejn Mario u bdew jitkellmu.

**Karla:** Hello.

**Mario:** Hello.

**Karla:** X'jismek?

**Mario:** Jisimni Mario. U int?

**Karla:** Jien Karla. X'int tagħmel hawn?

**Mario:** Ħa norqod għax dalwaqt jidlam.

**Karla:** Mela m'għandekx dar u sodda fejn torqod?

**Mario:** Le. M' għandix.

**Karla:** Għaliex?

**Mario:** Ommi u missieri mejtin u d-dar li konna noqogħdu fiha ma kinetx tagħna. Konna nikruha imma jien flus m'għandix biex nikriha.

**Karla:** M'għandekx nanniet jew zijiet?

**Mario:** In-nanniet mejtin u zijiet m'għandix.

**Karla:** Imma mhux sewwa toqogħod hawn. Isma ejja miegħi u llejla orqod magħna d-dar.

**Mario:** Forsi l-mummy u d-daddy tiegħek ma jieħdux pjaċir.

**Karla:** Ejja qum minn hemm!!! **(Mario iqum)**

**(joħorġu minn fuq l-artal u jmorru flimkien)**

**Narratur:** Meta marru d-dar ta' Karla , l-familja tagħha ddeċidiet li Mario jibda jgħix magħhom. Mario baqa' jgħix magħhom u meta kiber sar Tabib.

# 4.
# Riflessjoni fuq l-opri tal-ħniena korporali

## *"Henjin dawk li jħennu, għax huma jsibu ħniena"* (Mt 5:7)
## Messaġġ tal-Papa Franġisku għall-XXXI Jum Dinji taż-Żgħażagħ 2016
*Traduzzjoni ta' Francesco Pio Attard*

*Għeżież żgħażagħ,*

Wasalna fl-aħħar tappa tal-pellegrinaġġ tagħna lejn Krakovja, fejn is-sena d-dieħla, fix-xahar ta' Lulju, sa niċċelebraw flimkien il-XXXI Jum Dinji taż-Żgħażagħ. Fil-mixja twila u impenjattiva tagħna qed niddawlu minn kliem Ġesù meħud mid-"diskors tal-muntanja". Bdejna din il-mixja fl-2014, billi mmeditajna flimkien fuq l-ewwel Beatitudni: "Henjin il-foqra fl-ispirtu, għax tagħhom hija s-Saltna tas-Smewwiet" (Mt 5:3). Għall-2015 it-tema kienet: "Henjin is-safja f'qalbhom, għax huma jaraw 'l Alla" (Mt 5:8). Fis-sena li għandna quddiemna rridu nħallu jnebbħuna l-kelmiet: "Henjin dawk li jħennu, għax huma jsibu ħniena" (Mt 5:7).

***1. Il-Ġublew tal-Ħniena***

B'din it-tema l-Jum Dinji taż-Żgħażagħ ta' Krakovja 2016 jidħol jagħmel parti mis-Sena Mqaddsa tal-Ħniena, u jsir Ġublew veru u propju taż-Żgħażagħ fuq livell dinji. M'hix l-ewwel darba li laqgħa internazzjonali taż-żgħażagħ qed taħbat ma' Sena tal-Ġublew. Fil-fatt, kien fis-Sena Mqaddsa tal-Fidwa (1983-1984) li San Ġwanni Pawlu II sejjaħ għall-ewwel darba liż-żgħażagħ mid-dinja kollha għal Ħadd il-Palm. Kien imbagħad fil-Ġublew il-Kbir tas-sena 2000 li iżjed minn żewġ miljun żagħżugħ u żagħżugħa minn madwar 165 pajjiż inġabru f'Ruma għall-XV-il Jum Dinji taż-Żgħażagħ. Kif seħħ f'dawn iż-żewġ każi preċedenti, jiena żgur li l-Ġublew taż-Żgħażagħ fi Krakovja sa jkun wieħed mill-mumenti qawwija ta' din is-Sena Mqaddsa!

Forsi xi wħud minnkom qed jistaqsu: Xi jkun dan il-Ġublew iċċelebrat fil-Knisja? It-test Bibliku ta' Levitiku 25 jgħinna nifhmu x'kien ifisser "ġublew" għall-poplu ta' Israel: kull ħamsin sena l-Lhud kienu jisimgħu tidwi mill-ġdid it-tromba (*jobel*) li kienet issejħilhom (*jobil*) jiċċelebraw sena mqaddsa, bħala żmien ta' rikonċiljazzjoni (*jobal*) għal kulħadd. Matul dan il-perjodu wieħed kellu jfittex jibni mill-ġdid relazzjoni tajba ma' Alla, mal-proxxmu u mal-ħolqien, imsejsa fuq il-gratwità. Għalhekk, fost ħwejjeġ oħra, kienu jinħafru d-dnub, kienet tingħata għajnuna partikulari lil min ikun waqa' fil-miżerja, jittejbu r-relazzjonijiet bejn il-persuni u jinħelsu l-ilsiera.

Ġesù Kristu ġie jħabbar u jwettaq iż-żmien dejjiemi tal-grazzja tal-Mulej, għax ġab l-aħbar it-tajba lill-foqra, il-ħelsien lill-ħabsin, id-dawl lill-għomja u l-ħelsien lill-maħqurin (ara Lq 4:18-19). Fih, speċjalment fil-Misteru ta' l-Għid tiegħu, it-tifsira l-aktar profonda ta' ġublew issib il-milja tagħha. Meta, f'isem Kristu, il-Knisja ssejjaħ ġublew, aħna lkoll mistiedna ngħixu żmien straordinarju ta' grazzja. Il-Knisja nfisha hi msejħa toffri sinjali kotrana tal-preżenza ta' Alla u ta' kemm hu qrib tal-bniedem, u tqanqal mill-ġdid fil-qlub il-ħila li wieħed iħares lejn dak li hu essenzjali. B'mod

partikulari, din is-Sena Mqaddsa tal-Ħniena "hi ż-żmien għall-Knisja biex terġa' ssib is-sens tal-missjoni li l-Mulej fdalha f'idejha dak in-nhar ta' l-Għid: li tkun sinjal u strument tal-ħniena tal-Missier" (*Omelija fl-Ewwel Għasar tal-Ħadd tal-Ħniena Divina*, 11 ta' April 2015).

***2. Ħanina bħall-Missier***

Il-motto ta' dan il-Ġublew straordinarju hu: "Ħanina bħall-Missier" (ara *Misericordiæ Vultus*, 13), u bih tintona t-tema tal-Jum Dinji taż-Żgħażagħ li jmiss. Mela ejjew infittxu li nifhmu aħjar xi tfisser il-ħniena ta' Alla.

It-Testment il-Qadim biex jitkellem fuq il-ħniena juża bosta termini, l-iktar importanti fosthom *hesed* u *rahamim*. L-ewwel, applikat għal Alla, jesprimi l-fedeltà bla heda tiegħu għall-Patt mal-poplu tiegħu, li Hu jħobb u jaħfer għal dejjem. It-tieni, *rahamim*, jista' jiġi tradott bħala "ġewwieni", ħaġa li tfakkarna b'mod partikulari fil-ġuf ta' l-omm u tfehimna l-imħabba ta' Alla għall-poplu tiegħu bħal dik ta' omm għal binha. Hekk jippreżentahielna Isaija: "Tista' mara tinsa t-tarbija tagħha, u ma tħennx għal bin ġufha? Mqar jekk din tinsa, jien ma ninsiek qatt!" (Is 49:15). Imħabba ta' din ix-xorta titlob li wieħed jagħmel ġewwa fih wisa' għall-persuna l-oħra, iħoss, iġarrab u jifraħ mal-proxxmu.

Fil-kunċett Bibliku ta' ħniena hemm ukoll il-konkretezza ta' mħabba li hi fidila, b'xejn u taf taħfer. F'din is-silta ta' Hosegħa għandna eżempju mill-isbaħ ta' l-imħabba ta' Alla, imqabbla ma' dik ta' missier lejn ibnu: "Meta kien tfajjel Israel ħabbejtu, u mill-Eġittu sejjaħt lil ibni. Imma aktar ma sejjaħtilhom, aktar tbiegħdu minni; […] Kont jien li 'l Efrajm għallimtu jimxi, irfajthom fuq dirgħajja, iżd'huma m'għarfux kemm kont ħadt ħsiebhom! Bi ħbula ta' bnedmin jien ġbidthom, b'rabtiet ta' mħabba; u kont għalihom bħal min jerfa' tarbija ma' ħaddejh, u lejha mmil nitmagħha" (Hos 11:1-4). Minkejja l-imġiba żbaljata ta' l-iben, li jistħoqqilha l-kastig, l-imħabba tal-missier hi fidila u dejjem taħfer lil iben niedem. Kif naraw, fil-ħniena dejjem hemm il-maħfra; hi "m'hix xi idea astratta, imma realtà konkreta li biha Hu juri mħabbtu bħal dik ta' missier u ta' omm li għal uliedhom jitqanqlu mill-ġewwieni tagħhom […]. Ġejja mill-ġewwieni bħal sentiment profond, naturali, magħmul minn ħlewwa u kompassjoni, minn ħniena u maħfra" (*Misericordiæ Vultus*, 6).

It-Testment il-Ġdid ikellimna fuq il-ħniena ta' Alla (*eleos*) bħala sintesi ta' l-opra li Ġesù ġie jwettaq fid-dinja f'isem il-Missier (ara Mt 9:13). Il-ħniena ta' Sidna tidher fuq kollox meta Hi jiltewa fuq il-miżerja tal-bniedem u juri l-kompassjoni tiegħu lejn min hu fil-bżonn ta' min jifhmu, ifejqu u jaħfirlu. F'Ġesù, kollox jitkellem dwar il-ħniena. Anzi, Hu nnifsu *hu* l-ħniena.

Fil-kapitlu ħmistax tal-Vanġelu ta' Luqa nistgħu nsibu t-tliet parabboli tal-ħniena: dik tan-nagħġa li ntilfet, dik tal-munita l-mitlufa u dik magħrufa bħala l-parabbola "ta' l-iben il-ħali". F'dawn it-tliet parabboli jolqotna l-ferħ ta' Alla, il-ferħ li Hu jħoss meta jerġa' jsib lill-midneb u jaħfirlu. Iva, il-ferħ ta' Alla hu li jaħfer! Hawn il-ġabra fil-qosor tal-Vanġelu kollu. "Kull wieħed u waħda minna hu dik in-nagħġa li ntilfet, dik il-munita mitlufa; kull wieħed u waħda minna hu dak l-iben li ħela l-libertà tiegħu jiġri

wara idoli foloz, illużjonijiet ta' kuntentizza, u tilef kollox. Imma Alla ma jinsiniex, il-Missier qatt ma jitlaqna. Hu missier kollu sabar, dejjem jistenniena! Jirrispetta l-libertà tagħna, imma jibqa' dejjem fidil lejna. U meta nerġgħu lura għandU, jilqagħna bħala wlied, fid-dar tiegħu, għax ma jehda qatt, lanqas għal waqt wieħed, jistenniena, bi mħabba. U l-qalb tiegħu tagħmel festa għal kull iben li jerġa' lura għandu. Tiffesteġġja għax tifraħ. Alla għandu dan il-ferħ, meta wieħed minna l-midinbin imur għandU u jitolbu l-maħfra tiegħu" (*Angelus*, 15 ta' Settembru 2013).

Il-ħniena ta' Alla hi konkreta ħafna u lkoll kemm aħna msejħin nagħmlu esperjenza personali tagħha. Meta kelli sbatax-il sena, darba, meta kelli noħroġ ma' sħabi, iddeċidejt li l-ewwel ngħaddi sal-knisja. Hemm sibt saċerdot li nebbaħni b'fiduċja partikulari u ħassejt fija x-xewqa li niftaħ qalbi fil-Qrar. Dik il-laqgħa bidlitli ħajti! Skoprejt li meta niftħu qalbna b'umiltà u bla ħabi, nistgħu nikkontemplaw b'mod konkret ħafna l-ħniena ta' Alla. Kont ċert li fil-persuna ta' dak is-saċerdot Alla kien diġà qed jistennieni, qabel ma jien middejt l-ewwel pass biex immur il-knisja. Aħna nfittxuh, imma Hu dejjem qiegħed hemm qabilna, ilu minn dejjem ifittixna, u hu li jsibna l-ewwel. Forsi xi ħadd minnkom għandu xi jtaqqal lil qalbu u jaħseb: Għamilt hekk, għamilt dan… Tibżgħux! Hu qed jistenniekom! Hu missier: dejjem jistenniena! Kemm hi ħaġa sabiħa li fis-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni niltaqgħu mat-tgħanniqa ħanina tal-Missier, niskopru l-konfessjonarju bħala l-post tal-Ħniena, inħallu tmissna din l-imħabba ħanina tal-Mulej li dejjem lest jaħfrilna!

U int, għażiż żagħżugħ, għażiża żagħżugħa, qatt ħassejt tistrieħ fuqek din il-ħarsa ta' mħabba bla tarf, li lil hemm minn dnubietek kollha, mil-limitazzjonijiet u l-waqgħat tiegħek, tkompli tafda fik u tħares lejn ħajtek bit-tama? Taf x'valur għandek quddiem Alla li, għall-imħabba li għandu lejk, tak kollox? Kif jgħallimna San Pawl, "Alla wriena l-imħabba tiegħu meta Kristu miet għalina, aħna li konna għadna midinbin" (Rum 5:8). Imma qed nifhmu tassew il-qawwa ta' dawn il-kelmiet?

Naf kemm hu għażiż għalikom ilkoll is-salib tal-Jum Dinji taż-Żgħażagħ – don ta' San Ġwanni Pawlu II – li sa mill-1984 isieħeb il-Laqgħat Dinjija kollha tagħkom. Kemm bidliet, kemm konverżjonijiet tassew seħħu fil-ħajja ta' tant żgħażagħ mil-laqgħa tagħhom ma' dan is-salib għeri! Forsi tistaqsu: Minn fejn hi ġejja din il-qawwa straordinarja tas-salib? U hawn hi t-tweġiba: Is-salib hu s-sinjal l-iżjed elokwenti tal-ħniena ta' Alla! Hu jurina li l-qies ta' l-imħabba ta' Alla għall-bnedmin hu li jħobbhom bla qies! Fis-salib nistgħu mmissu l-ħniena ta' Alla u nħallu l-istess ħniena tiegħu tmissna! Hawn nixtieq infakkar fl-episodju taż-żewġ delinkwenti msallba fuq kull naħa ta' Ġesù: wieħed minnhom hu prużuntuż, ma jaċċettax li hu midneb, jipprova jwaqqa' għaċ-ċajt lill-Mulej. Imma l-ieħor jagħraf li żbalja, idur fuq il-Mulej u jgħidlu: "Ġesù, ftakar fija meta tidħol fis-saltna tiegħek". Ġesù jħares lejh bi ħniena bla tarf u jwieġbu: "Il-lum tkun il-Ġenna miegħi" (ara Lq 23:32,39-43). Ma' liema minn dawn it-tnejn se nidentifikaw ruħna? Ma' dak li hu prużuntuż u ma jammettix l-iżbalji tiegħu? Jew ma' l-ieħor, li jagħraf kemm għandu bżonn tal-ħniena ta' Alla u jittallab għaliha b'qalbu kollha? Fil-Mulej, li ta ħajtu għalina fuq is-salib, insibu dejjem l-imħabba inkundizzjonata li tagħraf it-tajjeb li hemm f'ħajjitna u dejjem tagħtina l-possibbiltà li nibdew mill-ġdid.

***3. Il-ferħ straordinarju li nkunu strumenti tal-ħniena ta' Alla***

Il-Kelma ta' Alla tgħallimna li "min jagħti hu aktar hieni minn min jieħu" (Atti 20:35). Propju għalhekk il-ħames Beatitudni ssejjaħ hienja lil dawk li jħennu. Nafu li l-Mulej ħabbna l-ewwel. Imma nkunu tassew hienja, kuntenti, biss jekk nidħlu fil-loġika divina tad-don, ta' l-imħabba li tingħata b'xejn, jekk niskopru li Alla ħabbna bla qies biex għamilna kapaċi nħobbu bħalU, bla qies. Kif jgħid San Ġwann: "Għeżież, ejjew inħobbu 'l xulxin, għax l-imħabba ġejja minn Alla, u kull min iħobb hu mwieled minn Alla u jagħraf lil Alla. Dak li ma jħobbx ma għarafx lil Alla, għax Alla hu mħabba. [...] U hawn qiegħda l-imħabba; mhux għax aħna ħabbejna 'l Alla, imma għax ħabbna Hu u bagħat lil Ibnu biex ikun ta' tpattija għal dnubietna. Għeżież, jekk Alla ħabbna daqshekk, aħna wkoll għandna nħobbu lil xulxin" (Ġw 4:7-11).

Wara li fissirtilkom b'mod qasir ħafna kif il-Mulej iwettaq ħnientu magħna, nixtieq nissuġġerilkom kif konkretement nistgħu nkunu strumenti ta' din l-istess ħniena mal-proxxmu tagħna.

Jiġini f'moħħi l-eżempju tal-Beatu Piergiorgio Frassati. Hu kien jgħid: "Ġesù jiġi jżurni ta' kull fil-għodu fit-Tqarbin, u jien irroddu lura bil-mod fqir li nista', billi nżur lill-foqra". Piergiorgio kien żagħżugħ li kien fehem xi jfisser ikollok qalb ħanina, li tħoss għal dawk l-iżjed fil-bżonn. Lilhom kien jagħtihom ħafna iżjed minn ħwejjeġ materjali; kien jagħtihom lilu nnifsu, iqatta' l-ħin magħhom, jitkellem magħhom, u kien kapaċi jismagħhom. Kien jaqdi lill-foqra b'diskrezzjoni kbira, u qatt ma kien jipprova jidher hu. Kien jgħix tabilħaqq il-Vanġelu li jgħid: "Iżda int, meta tagħmel karità, idek ix-xellugija m'għandhiex tkun taf x'inhi tagħmel il-leminija, biex hekk il-karità tiegħek issir fil-moħbi" (Mt 6:3-4). Biżżejjed ngħidilkom li jum wieħed qabel miet, meta kien marid ħafna, qal lil ta' madwaru kif kellhom jgħinu lil ħbiebu li kienu fil-bżonn. Fil-funeral tiegħu, il-familjari u l-ħbieb tiegħu baqgħu mbellha bil-preżenza ta' tant foqra li ma kinux jafuhom, li kienu ġew segwiti u megħjuna miż-żagħżugħ Piergiorgio.

Jien dejjem nieħu gost norbot il-Beatitudnijiet tal-Vanġelu mal-kapitlu 25 ta' Mattew, meta Ġesù jippreżentalna l-opri tal-ħniena u jgħid li skond dawn għad isir ħaqq minna. Mela nistedinkom tiskopru mill-ġdid l-opri tal-ħniena li jolqtu l-ġisem: titimgħu lil min hu bil-ġuħ, tisqu lil min hu bil-għatx, tlibbsu lil min hu għarwien, tilqgħu lill-barrani, tgħinu lill-morda, iżżuru l-ħabsin, tidfnu lill-mejtin. U ma ninsewx l-opri tal-ħniena li jmissu r-ruħ: nagħtu parir tajjeb lill-ħosbien, ngħallmu lil min ma jafx, inwiddbu lill-midinbin, infarrġu lill-imnikktin, naħfru l-ħtijiet, nistabru b'min idejjaqna, nitolbu 'l Alla għall-ħajjin u għall-mejtin. Kif qed taraw, il-ħniena m'hix "boniżmu", lanqas sempliċi sentimentaliżmu. Hawn il-prova ta' kemm aħna tassew dixxipli ta' Ġesù, tal-kredibbiltà tagħna bħala Nsara fid-dinja tal-lum.

Lilkom iż-żgħażagħ, li intom konkreti ħafna, nixtieq nipproponilkom għall-ewwel seba' xhur ta' l-2016 li tagħżlu opra tal-ħniena li tmiss il-ġisem u oħra li tmiss ir-ruħ biex twettquha fil-prattika kull xahar. Ħallu tnebbaħkom it-talba ta' Santa Fawstina, appostlu umli tal-Ħniena Divina fi żmienna:

*"Għinni, o Mulej, sabiex […]*
*għajnejja jħaddmu l-ħniena, ħalli qatt ma nissuspetta f'ħadd u lanqas niġġudika lil ħaddieħor minn dak li jidher minn barra, imma nfittex is-sabiħ fl-erwieħ tal-proxxmu tiegħi u nagħmel ħilti biex ngħinhom […]*
*widnejja jkunu ħanina, billi nagħti kas tal-ħtiġijiet ta' għajri u ma nkunx indifferenti għall-uġigħ u għall-krib tagħhom […]*
*inkun ħanin fi lsieni, u ma nqasqas qatt fuq ħaddieħor, imma jkolli kelma ta' faraġ u maħfra għal kulħadd […]*
*idejja jagħmlu ħafna għemejjel tajba ta' ħniena […]*
*riġlejja jgħaġġlu għall-għajnuna ta' min ikun fil-bżonn, billi mqanqla mill-ħniena, ninsa t-taħbit u l-għeja tiegħi […]*
*qalbi tkun daqshekk ħanina, li jiena stess inġarrab it-tbatija kollha ta' l-oħrajn"* (*Djarju*, 163).

Il-messaġġ tal-Ħniena Divina għalhekk hu programm konkret ħafna ta' ħajja u esiġenti għax jimplika l-opri. U waħda mill-opri tal-ħniena l-iżjed ċari, imma forsi fost l-iżjed iebsin biex wieħed iqiegħed fil-prattika, hi dik li naħfru lil min naqasna, lil min għamlilna d-deni, lil dawk li nqisuhom għedewwa tagħna. "Kemm drabi tidher ħaġa iebsa li naħfru! U safrattant il-maħfra hi l-għodda mqiegħda fl-idejn dgħajfa tagħna biex nistgħu niksbu s-serħan tal-qalb. Li nwarrbu l-korla, ir-rabja, il-vjolenza u l-vendetta hi kundizzjoni meħtieġa biex nistgħu ngħixu henjin" (*Misericordiæ Vultus*, 9).

Niltaqa' ma' ħafna żgħażagħ li jgħiduli li xebbgħethom din id-dinja hekk maqsuma, fejn dawk li jaħsbuha differenti minn xulxin dejjem jiġġieldu, hawn tant gwerer u saħansitra hemm min qed jinqeda bir-reliġjon tiegħu biex jiġġustifika l-vjolenza. Jeħtieġ nitolbu lill-Mulej jagħtina l-grazzja li nuru ħniena ma' min jagħmlilna d-deni. Bħal Ġesù li fuq is-salib talab għal dawk li kienu sallbuh: "Missier, aħfrilhom għax ma jafux x'inhuma jagħmlu" (Lq 23:34). L-unika triq biex nirbħu l-ħażen hi l-ħniena. Il-ġustizzja hi meħtieġa, u kif!, imma waħidha m'hix biżżejjed. Ġustizzja u ħniena jeħtieġ jimxu flimkien. Kemm nixtieq li ningħaqdu lkoll f'talba b'vuċi waħda, mill-qiegħ nett ta' qalbna, biex nitolbu lill-Mulej juri ħniena magħna u mad-dinja kollha!

***4. Krakovja qed tistenniena!***
Jonqos ftit tax-xhur għal-laqgħa tagħna fil-Polonja. Krakovja, il-belt ta' San Ġwanni Pawlu II u ta' Santa Fawstina Kowalska, qed tistenniena b'dirgħajha u qalbha miftuħin. Nemmen li l-Providenza Divina wasslitna biex sa niċċelebraw il-Ġublew taż-Żgħażagħ propju hemm, fejn għexu dawn iż-żewġ appostli kbar tal-ħniena fi żmienna. Ġwanni Pawlu II fehem li dan kien żmien ta' ħniena. Għall-bidu tal-pontifikat tiegħu kiteb l-Enċiklika *Dives in misericordia.* Fis-Sena Mqaddsa 2000 ikkanonizza lil Swor Fawstina, u waqqaf ukoll il-Festa tal-Ħniena Divina, fit-tieni Ħadd ta' l-Għid. U fl-2002 inawgura personalment fi Krakovja s-Santwarju ta' Ġesù Ħanin, fada d-dinja f'idejn il-Ħniena Divina u awgura li dan il-messaġġ jilħaq lil dawk kollha li jgħammru fuq l-art u jimlielhom qalbhom bit-tama: "Jeħtieġ inqabbdu din ix-xrara tal-grazzja ta' Alla. Jeħtieġ ngħaddu lid-dinja dan in-nar tal-ħniena. Fil-ħniena ta' Alla d-dinja ssib il-paċi, u l-bniedem l-hena!" (*Omelija għad-Dedikazzjoni tas-Santwarju tal-Ħniena Divina fi Krakovja*, 17 ta' Awwissu 2002).

Għeżież żgħażagħ, Ġesù ħanin, irraffigurat fix-xbieha meqjuma mill-poplu ta' Alla fis-Santwarju ta' Krakovja ddedikat lilu, qed jistenniekom. Hu jafda fina u jorbot fuqna! Għandu ħafna ħwejjeġ importanti x'jgħid lil kull wieħed u waħda minna… Tibżgħux tħallu għajnejh imfawra bl-imħabba bla tarf jiffisaw lejkom u ħallu ħarstu ħanina tilħaqkoom, hu li dejjem lest biex jaħfer kull dnub tagħkom, ħarsa li tista' tibdlilkom ħajjitkom u tfejjaq il-ġrieħi ta' ruħkom, ħarsa li taqta' l-għatx qawwi li hemm fil-qlub żgħażagħ tagħkom: għatx għall-imħabba, il-paċi, il-ferħ, il-kuntentizza vera. Ejjew għandU u tibżgħux! Ejjew għidulu minn qiegħ qalbkom: "Ġesù, jiena nafda fiK!". Ħallu l-ħniena tiegħu bla tarf tmissilkom qalbkom biex din id-darba ssiru intom appostli tal-ħniena permezz ta' l-għemil, il-kliem u t-talb, fid-dinja tagħna miġruħa mill-egoiżmu, mill-mibegħda, u minn tant disperazzjoni.

Ġorru l-fjamma ta' l-imħabba ħanina ta' Kristu – li fuqha tkellem San Ġwanni Pawlu II – fl-ambjenti tal-ħajja tagħkom ta' kuljum u sa truf l-art. F'din il-missjoni, jiena sa nkun magħkom bl-awguri u t-talb tiegħi, u nafdakom ilkoll f'idejn il-Verġni Marija, Omm tal-Ħniena, f'din l-aħħar parti tal-mixja ta' tħejjija spiritwali għall-Jum Dinji taż-Żgħażagħ li jmiss fi Krakovja, u minn qalbi nberikkom ilkoll.

*Mill-Vatikan, 15 ta' Awwissu 2015*
*Solennità tat-Tlugħ fis-Sema tal-Verġni Mqaddsa Marija*

# 5.
# Riflessjonijiet fuq l-opri tal-ħniena spiritwali

*Patri Marcello Ghirlando* OFM

Fil-Bolla tal-Indizzjoni tal-Ġublew Straordinarju tal-Ħniena, *Misericordiae Vultus - Il-Wiċċ tal-Ħniena,* il-Qdusija Tiegħu l-Papa Franġisku hekk jikteb fin-numru 15: "Hi xewqa kbira tiegħi li, matul il-Ġublew, il-poplu Nisrani jirrifletti fuq l-*opri tal-ħniena korporali* u *spiritwali.* Dan ikun mod kif nerġgħu nqajmu l-kuxjenza tagħna, ta' spiss rieqda, quddiem it-traġedja tal-faqar u biex nidħlu dejjem iżjed fil-qalba tal-Vanġelu, fejn il-foqra huma l-ipprivileġġjati tal-ħniena divina. Il-predikazzjoni ta' Ġesù tqegħdilna quddiem għajnejna dawn l-opri tal-ħniena biex nistgħu nifhmu jekk aħniex ngħixu jew le bħala dixxipli tiegħu. Niskopru mill-ġdid l-opri tal-*ħniena korporali*: nitimgħu lil min hu bil-ġuħ, nisqu lil min hu bil-għatx, illibbsu lil min hu għarwien, nilqgħu lil min hu bla dar, inżuru lill-marid, inżuru lill-ħabsi, nidfnu lill-mejtin. U ma ninsewx l-opri tal-*ħniena spiritwali*: nagħtu parir tajjeb lill-ħosbien, ngħallmu lil min ma jafx, inwiddbu lill-midneb, infarrġu lill-imnikket, naħfru l-ħtijiet, nistabru b'min idejjaqna, nitolbu 'l Alla għall-ħajjin u għall-mejtin".

Dak li jikteb il-Papa huwa rifless ta' dak li nsibu fil-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika fin-numru 2447: "*L-għemejjel tal-ħniena* huma għemejjel ta' mħabba li bihom aħna ngħinu l-proxxmu tagħna fil-ħtiġijiet materjali u spiritwali tiegħu (ara Is 58:6-7; Lhud 13:3). Tgħallem, tagħti parir, tfarraġ, tqawwi l-qalb huma għemejjel ta' ħniena spiritwali bħalma huma l-maħfra u s-sabar bl-oħrajn. L-għemejjel tal-ħniena korporali huma l-aktar dawn: li titma' lil min hu bil-ġuħ, tipprovdi kenn għal min ma għandux dar, tlibbes lil min hu għeri, iżżur il-morda u dawk fil-ħabs, u tidfen il-mejtin (ara Mt 25:31-46). Fost dan l-għemil kollu, il-karità lill-foqra (ara Tob 4:5-11; Sir 17:22) hi xhieda mill-aqwa tal-imħabba għall-aħwa: hi wkoll att ta' ġustizzja li togħġob lil Alla (ara Mt 6:2-4): "Min għandu żewġ ilbiesi jaqsam ma' min ma għandu xejn, u min għandu x'jiekol jagħmel l-istess" (Lq 3:11). "Agħtu karità minn dak li hemm ġewwa u taraw kif kollox ikunilkom nadif" (Lq 11:41). "Jekk ħuk jew oħtok ikunu għarwenin u neqsin mill-ikel ta' kuljum u wieħed minnkom jgħidilhom: 'Morru bis-sliem, ishru, kulu sa tixbgħu, bla ma jagħtihom dak li hu meħtieġ għall-ġisem, dan x'jiswa?" (Ġak 2:15-16; ara 1 Ġw 3:17).

Interessanti niftakru li l-Katekiżmu jagħmel riferiment għall-għemejjel tal-ħniena fil-kuntest tal-penitenza jew tewba li l-konfessur jagħti lill-penitent fis-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni: "Il-penitenza ... tista' tkun talb, offerta, għemil ta' ħniena, qadi lill-proxxmu, ċaħdiet volontarji, sagrifiċċji u, fuq kollox, is-sabar fis-slaleb li rridu nġorru" (KKK 1460). Riferiment ieħor isir fil-kuntest tal-ħarsien tal-Ħdud u l-btajjel ta' preċett: "L-Insara għandhom ifittxu li ma jagħmlux xogħol jew attivitajiet oħra li ma jħalluhomx jagħtu qima lil Alla, igawdu l-ferħ proprju ta' jum il-Mulej,

jagħmlu għemejjel ta' ħniena, u jiksbu mistrieħ xieraq għar-ruħ u għall-ġisem...” (KKK 2185).

Ejjew nagħtu ħarsa fuq fuq lejn l-Għemejjel tal-Ħniena Spiritwali, li bihom ngħinu lill-proxxmu tagħna fil-ħtiġijiet spiritwali u emozzjonali tiegħu: nagħtu parir tajjeb lill-ħosbien, ngħallmu lil min ma jafx, inwiddbu lill-midneb, infarrġu lill-imnikket, naħfru l-ħtijiet, nistabru b'min idejjaqna, nitolbu 'l Alla għall-ħajjin u għall-mejtin.

**Nagħtu parir lill-ħosbien**

Bħala Nsara aħna msejħin inqawwu lil min hu fid-dubju u nippruvaw nagħtu parir siewi lil min hu ħosbien. Niftakru f'Ġesù li għallem bil-parabboli u ħeġġeġ lis-semiegħa tiegħu bil-parir: “Mur u għamel hekk int ukoll” (Lq 10:37). Il-Kelma ta' Alla tħeġġiġna: “Isma' l-parir u ilqa' t-tagħlim, biex ikollok l-għerf sal-aħħar ta' ħajtek” (Prov 19:20). Kif aħna nixtiequ li nkunu mseddqa fid-dubju billi nieħdu parir tajjeb, daqshekk ieħor irridu nseddqu lil ħaddieħor fid-dubju. Kelma tajba li ssaħħaħ tiswa mitqlha deheb lil min iħossu li ma jafx fejn hu sejjer. Kelma mlaqqma fi Kristu, “l-għerf ta' Alla” (1Kor 1:24) iddawwal il-moħħ u ssaħħaħ il-qalb mbeżża'. Lil min jitolbok parir, mexxih lejn Kristu, Triq, Verità u Ħajja, bil-ħlewwa u bis-sabar. Aqsam miegħu dak li lilek isaħħek u jiggwidak lejh. “Aħna li aħna sħaħ fil-fidi għandna ngħinu lid-dgħajfa jerfgħu l-piż tagħhom u mhux infittxu nogħġbu lilna nfusna” (Rum 15:1).

**Ngħallmu lil min ma jafx**

Kemm hu meħtieġ dan l-għemil ta' ħniena f'kuntest ta' nuqqas ta' tagħlim kontinwu fostna l-Insara! Bħal donnu jibqa' attwali l-kumment tal-Evanġelista: “Xħin niżel l-art mid-dgħajsa ra kotra kbira ta' nies u tħassarhom, għax kienu qishom nagħaġ bla ma għandhom ragħaj, u qabad jgħallimhom ħafna ħwejjeġ” (Mk 6:34). Daqshekk ieħor tibqa' attwali għalina t-tħeġġiġa li l-Appostlu Pawlu jagħmel lil Timotju: “...xandar il-kelma, insisti f'waqtu u barra minn waqtu, ċanfar, widdeb, wissi, bis-sabar kollu u bit-tagħlim. Għax għad jiġi żmien meta għat-tagħlim tajjeb ma jibqgħalhomx sabar...” (2Tim 4:2-3). Fil-miżura li aħna stess miftuħin għat-tagħlim, daqshekk ieħor ikollna l-qawwa biex ngħaddu l-istess tagħlim li jibnina lill-oħrajn. Daqskemm nibqgħu nsaħħu l-fidi tagħna b'tagħlim tajjeb u li jagħti l-ħajja, daqshekk ieħor nistgħu nwieżnu lil ħutna mxennqa għat-tagħlim sod, imlaqqam fit-triq ta' Kristu. B'hekk tkompli tkun ħajja għalina l-kelma qawwija ta' Pawlu: “Ghax għad jiġi ż-żmien meta għat-tagħlim tajjeb ma jibqgħalhomx sabar, iżda widnejhom jikluhom u jiġbru madwarhom qabda mgħallmin skont ma jixtiequ, u jwarrbu widnejhom mis-sewwa biex jiġġerrew wara l-ħrejjef. Imma int oqgħod dejjem b'għajnejk miftuħa, stabar fit-tiġrib, agħmel ħidma ta' evanġelista, aqdi sewwa l-ministeru tiegħek” (2Tim 4:3-5). It-tagħlim, milqugħ u mgħoddi lill-oħrajn, jgħinna nerfgħu għajnejna lejn Ġesù, il-bidu u t-tmiem tal-fidi

tagħna (Lhud 12:2) aktar u aktar jekk ikun tagħlim li jitlaqqam fl-Iskrittura: "Kull ma nkiteb fl-Iskrittura fl-imgħoddi, nkiteb għat-tagħlim tagħna, biex bis-sabar u l-faraġ li tagħtina l-Iskrittura, aħna jkollna t-tama " (Rum 15:4).

**Inwiddbu lill-midneb**

It-twiddiba lilna l-midinbin hija barka! "Min iħobb id-dixxiplina, iħobb it-tagħlim, imma min jobgħod iċ-ċanfir hu bla moħħ" (Prov 12:1). Hija dawl li ddallam id-deċiżjonijiet żbaljati u fjakki tagħna. Ġesù jwiddeb lill-midneb u jagħmlu sħiħ. X'qawwa ta' kelma ta lill-mara li nqabdet fl-adulterju: "Mela anqas jien ma nikkundannak...Mur, u mil-lum 'il quddiem tidnibx iżjed" (Ġw 8:11). Huwa l-isforz tagħna li nevitaw id-dnub u l-okkażjonijiet tiegħu li jqawwina nkunu xprun għall-oħrajn għat-tfittxija ta' għejxien aktar qrib il-ġmiel tal-Vanġelu: "...neħħi l-ewwel it-travu li għandek f'għajnek int, ħalli mbagħad tara sewwa tneħħi t-tibna minn għajn ħuk!" (Mt 7:5). It-tħeġġiġa ta' Lhud 10:24 hija siewja u tagħti raġuni għall-għemil li nikkoreġu lil xulxin meta nidinbu: "Inżommu sħiħa l-istqarrija qawwija tat-tama tagħna, għax ta' kelmtu huwa dak li għamlilna l-wegħda. Naraw kif nistgħu nħajru lil xulxin għall-imħabba u għall-għemil it-tajjeb".

**Infarrġu lill-imnikket**

F'dinja fejn bħal donnu kulħadd jingħalaq fih innifsu, hu medhi bih innifsu u fejn ftit huma dawk li jiftħu qalbhom biex ikunu presenza ta' faraġ għall-imnikktin, dan l-għemil ta' ħniena jista' jkun balzmu ta' faraġ għal ħaddieħor. "Ħadd minnkom m'għandu jfittex li jaqbillu, imma li jaqbel lil ħaddieħor" (Fil 2:4). Il-preżenza sempliċi tagħna, widna li tisma' bil-galbu, kelma f'waqtha, att ta' karità ċkejken, jistgħu jkunu qatra faraġ li timla qalb waħediha, imnikkta, imtaqqla u mdallma. Hawnhekk tista' ddawwalna l-kelma tal-Appostlu Pawlu: "Imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu, Missier il-ħniena u Alla ta' kull faraġ. Hu jfarraġna fil-hemm kollu tagħna, biex aħna, permezz tal-faraġ li bih Alla jfarraġ lilna, inkunu nistgħu nfarrġu lil dawk kollha li jinsabu f'kull xorta ta' hemm" (2Kor 1:3-4). "Ħa tkun dejjem il-kelma tagħkom kollha ħlewwa, mħawra bil-melħ tal-għerf, biex tkunu tafu twieġbu sewwa lil kulħadd" (Kol 4:6).

**Naħfru l-ħtijiet**

It-talba tal-Missierna li għallimna l-Imgħallem hija ċara: "Aħfrilna dnubietna bħalma naħfru lil min hu ħati għalina". "Għax jekk intom taħfru lill-bnedmin il-ħtijiet tagħhom, Missierkom li hu fis-smewwiet jaħfer lilkom ukoll. Imma jekk intom ma taħfrux lill-bnedmin il-ħtijiet tagħhom, anqas Missierkom ma jaħfer lilkom il-ħtijiet tagħkom" (Mt 6:14-15). Irridu nqiegħdu rwieħna fil-Parabbola tal-qaddej li ma jaħfirx (Mt 18:21-35) biex ma ninsew qattt kemm il-Missier ħafrilna ħtijietna u jibqa' jaħfrilna biex ikollna l-qawwa naħfru lil min jagħmlilna d-deni. Aktar ma nġibu quddiem

għajnejna l-maħfra infinita u l-ħniena tremenda li jurina l-Missier kuljum, aktar inkunu nistgħu interrqu fit-triq tal-maħfra u l-ħniena lejn min hu ħati għalina. Dan l-għemil ta' ħniena jmexxina fit-triq tal-maħfra "minn qalbna" (Mt 18:35). "Stabru b'xulxin, u, jekk xi ħadd ikollu xi jgħid ma' ħaddieħor, aħfru lil xulxin; bħalma l-Mulej ħafer lilkom, hekk agħmlu intom ukoll. U fuq kollox ilbsu l-imħabba, li hi l-qofol tal-perfezzjoni" (Kol 3:13-14).

**Nistabru b'min idejjaqna**

"Stabru b'xulxin, ...u fuq kollox ilbsu l-imħabba, li hi l-qofol tal-perfezzjoni" (Kol 3:13-14). Anke hawn, aktar ma niftakru kemm il-Missier jistabar bina, aktar insibu l-qawwa nistabru b'xulxin, speċjalment b'min idejjaqna. Il-kelma tal-Imgħallem tidwi anke hawnhekk: "...Ħobbu lill-għedewwa tagħkom, u itolbu għal dawk li jippersegwitawkom, biex tkunu wlied Missierkom li hu fis-smewwiet; għax hu jtella' x-xemx tiegħu sew fuq il-ħżiena u sew fuq it-tajbin, u jniżżel ix-xita sew fuq min hu tajjeb u sew fuq min mhuwiex ... kunu mela perfetti, bħalma hu perfett Missierkom li hu fis-smewwiet" (Mt 5:43-48). Forsi dan is-sabar jinsab ukoll fit-tħeġġiġa li jagħmlilna Pawlu: "Tħallix il-ħażen jirbħek, iżda irbaħ il-ħażen bit-tajjeb" (Rm 12:21).

**Nitolbu 'l Alla għall-ħajjin u l-mejtin**

It-talb huwa l-aktar mod qawwi kif nistgħu nqawwu lill-oħrajn ... it-talb, kemm għall-ħajjin kif ukoll għall-ħutna mejtin. Huwa sinjal qawwi ħafna tal-għaqda tagħna fl-imħabba mal-oħrajn, anke ma' dawk li telqu qabilna bis-sinjal tal-fidi ... jew anke mingħajru! Huwa għemil ta' ħniena li tiegħu Pawlu kien espert: "Niżżi ħajr lil Alla tiegħi kull meta niftakar fikom, u nitlob dejjem ferħan fit-talb tiegħi għalikom" (Fil 1:3). It-talb ta' interċessjoni jlaqqamna b'mod sħiħ fil-Ġisem ta' Kristu, li huwa l-Knisja tal-art u tas-sema. Huwa għemil ta' ħniena li jqegħedna fil-Qalb ta' Ġesù: "..Iva, jixhidli Alla kemm jien miġbud lejkom bil-qalb ta' Kristu Ġesù! U jien dan nitolb: li l-imħabba tagħkom tikber u toktor dejjem iżjed bl-għerf u b'kull dehen, biex tistgħu tagħrfu tagħżlu l-aħjar, u mbagħad tkunu safja u bla ebda ħtija fil-jum ta' Kristu, mimlija bil-frott tal-ġustizzja li ġejja permezz ta' Ġesù Kristu, għall-glorja u l-foħrija ta' Alla" (Fil 1:8-11).

Kemm hija qawwija l-kelma "Nitlob għalik!" Min jaf kemm sibna qawwa fit-talb tal-oħrajn għalina. Kemm hu siewi dan l-għemil ta' ħniena: li nidħol quddiem il-Mulej għal tant ħtiġijiet tal-bnedmin f'din id-dinja. Imma anke għal dawk li qajla qajl deħlin fid-dawl etern tal-glorja ta' Alla.

## 6.
## Ċelebrazzjoni penitenzjali komunitarja

*Maqluba għal Malti u adattata mir-Rev. Simon Mario Cachia*

# Qum, aqbad friexek u imxi!

**Animatur:** Din iċ-ċelebrazzjoni penitenzjali komunitarja hi maħsuba biex tgħin lill-fidili jħejju ruħhom għaċ-ċelebrazzjoni tal-misteru tal-Għid billi ddewwaq il-ħniena t'Alla. Is-Sagrament tal-Penitenza huwa l-"bieb" li minnu ngħaddu biex nikkontemplaw il-misteru tas-Salib, misteru ta' mħabba li Alla mislub idaħħalna fih minkejja d-dnub tagħna.

Din hi ċelebrazzjoni komunitarja għaliex in-Nisrani mhuwiex waħdu fil-mixja tiegħu lejn l-Għid ta' Kristu. Hu proprju fi ħdan il-komunità, miġbura mill-Ispirtu s-Santu imma dejjem suġġetta għad-dnub, li aħna nħossuna mxennqin għall-maħfra.

Din hi ċelebrazzjoni tal-fedeltà t'Alla li ma tittradina qatt. Minħabba f'hekk, f'din is-sena speċjali tal-Ġublew tal-Ħniena, għall-eżami tal-kuxjenza ser nieħdu spunt mill-ħniena murija minn Kristu wara l-istqarrija ta' fidi tal-paralitiku.

Nagħtu bidu għal din iċ-ċelebrazzjoni billi nqumu bilwieqfa u nitolbu permezz tal-kant...

### KANT TAL-BIDU

*(Waqt il-kant tal-bidu s-saċerdoti jidħlu proċessjonalment u jsibu posthom maċ-ċelebrant fuq il-presbiterju.)*

### TISLIMA

**Ċel:** Fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.
**Pop:** **Ammen.**

**Ċel:** Il-grazzja, il-ħniena u s-sliem minn Alla Missierna u Sidna Ġesù Kristu jkunu magħkom ilkoll.
**Pop:** **U miegħek ukoll.**

**Ċel:** Nitolbu ħuti biex l-Għid tal-Mulej isibna lesti biex nilqgħu d-don tal-ħelsien tiegħu.

**Animatur:** Kulħadd jitlob għal xi waqtiet fis-skiet.

**Ċel:** Nitolbu.

O Alla Missierna,
li bgħatt lil Ibnek il-waħdieni,
bħalna f'kollox barra fid-dnub,
fejjaq fina l-ġrieħi tal-ħtija
u ġeddidna fuq ix-xbieha t'Ibnek, il-Ħellies tagħna,
li jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.

**Pop:** **Ammen.**

**Animatur:** Nixmu din il-mixja ta' talb u ta' ndiema flimkien billi nbierku lil Alla li jimxi qabilna fl-imħabba u li jmexxina għall-milja tal-ferħ.

**SALM 95** *(jiġi rreċtat/kantat f'kori alterni)*

Ejjew, ħa nfaħħru bl-hena 'l-Mulej,
ħa ngħajtu bil-ferħ lill-blata tas-salvazzjoni tagħna!
Nersqu quddiemu b'għana ta' radd il-ħajr,
ngħannulu b'għajat ta' ferħ.

**Għax Alla kbir hu l-Mulej,**
**sultan kbir fuq l-allat kollha.**
**F'idejh huma qigħan l-art,**
**tiegħu huma qċaċet l-għoljiet.**
**Tiegħu l-baħar, għax hu għamlu;**
**tiegħu l-art, għax b'idejh saret.**

Ejjew inqimuh u ninxteħtu quddiemu,
għarkupptejna quddiem il-Mulej li ħalaqna!
Għaliex hu Alla tagħna,
u aħna l-poplu tal-mergħa tiegħu u n-nagħaġ tiegħu.

**Mhux li kontu llum tisimgħu leħnu!**
**"La twebbsux qalbkom bħal f'Meriba,**
**bħal dakinhar f'Massa, fid-deżert,**
**meta ġarrbuni u ttantawni missirijietkom,**
**għalkemm raw dak li jien għamilt.**

Għal erbgħin sena domt nistmellu dan in-nisel;
u jien għedt: "Qalbu mħassra dan il-poplu,
u triqati ma jagħrfux.'
Għalhekk ħlift fl-għadab tiegħi:
Ma jidħlux fil-mistrieħ tiegħi!"

**Glorja lill-Missier, u lill-Iben, u lill-Ispirtu s-Santu.**
**Kif kien mill-bidu, issa u dejjem,**
**U jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Ammen.**

## INTRONIZZAZZJONI TAL-EVANĠELARJU

**Animatur:** Hi l-kelma t'Alla li tiġġudika lil ħajjitna u ssalvaha: għalhekk nilqgħu fostna l-ktieb tal-Evanġelu. Nilqgħuh akkumpanjat minn żewġ xemgħat, għax il-kelma t'Alla hi d-dawl li jagħti tama lil ħajjitna. Inkantaw flimkien.

**KANT**
*(L-Evanġelarju jitqiegħed fuq l-ambone. Jiġi inċensat u jiġi pprokklamat il-Evanġelju minn xi saċerdot jew djaknu preżenti.)*

**Ċel:** Il-Mulej magħkom.
**Pop:** **U miegħek ukoll.**

**Ċel:** Qari mill-Evanġelju mqaddes skont San Ġwann (5, 1-16).
**Pop:** **Glorja lilek Mulej.**

F'dak iż-żmien, il-Lhud kellhom festa, u Ġesù tela' Ġerusalemm. F'Ġerusalemm, maġenb il-menqgħa tal-Bieb tan-Nagħaġ, hemm bini b'ħames loġoġ, li bil-Lhudi jgħidulu Betzata. F'dawn il-loġoġ kienet toqgħod kotra ta' morda, għomja, zopop u mifluġin. U kien hemm raġel li kien ilu tmienja u tletin sena marid. Ġesù rah qiegħed hemm, u meta sar jaf li kien ilu marid dak iż-żmien kollu, qallu: "Trid tfiq?" "Sinjur," wieġbu l-marid, "ma għandix min jitfagħni fil-menqgħa xħin jitqanqal l-ilma, għax waqt li nkun sejjer jien ħaddieħor jinżel qabli." Qallu Ġesù: "Qum, aqbad friexek u imxi!" Minnufih dak ir-raġel fieq, qabad friexu u beda miexi.

Dakinhar inzerta kien is-Sibt. Għalhekk il-Lhud qalu lil dak li kien fieq: "Is-Sibt illum, u ma jiswiex iġġorr friexek!" Iżda hu weġibhom: "Dak li fejjaqni qalli, 'Aqbad friexek u imxi.'" Huma staqsewh: "Min hu dan il-bniedem li qallek, 'Aqbad u imxi?'" Iżda l-imfejjaq ma kienx jaf min kien għax Ġesù laħaq warrab, billi hemmhekk kien hemm ħafna nies. Wara, imbagħad, Ġesù sabu fit-tempju u qallu: "Ara, issa fiqt, qis li ma tidnibx iżjed biex ma tiġrilikx xi ħaġa agħar." Ir-raġel telaq u mar għand il-Lhud jagħtihom l-aħbar li kien Ġesù li fejqu. Għalhekk il-Lhud ħraxu għal Ġesù, għax f'jum is-Sibt kien jagħmel ħwejjeġ bħal dawn.

Il-kelma tal-Mulej.
**Pop:** **Tifħir lilek Kristu.**

## RIFLESSJONI QASIRA MIĊ-ĊELEBRANT

## EŻAMI TAL-KUXJENZA

- ***Għalxiex irrid nirringrazzja lill-Mulej?(Confessio laudis)***
  "Minnufih dak ir-raġel fieq". Inrodd ħajr lill-Mulej għad-don tal-ħajja, għas-saħħa tal-ġisem u tar-ruħ. Inroddlu ħajr għal min daħħalni fil-familja t'Alla u għal dawk li inti bgħatt biex jgħinuni nikber u nieħu ħsieb il-fidi tiegħi. Nirringrazzjah għaliex

il-Mulej ma jieqaf qatt "iqajjimni", il-fedeltà tiegħu qatt ma tiġi nieqsa u qatt ma jħallini waħdi.

- ***Nirrikonoxxi l-ħażen li lqajt f'ħajti. (Confessio vitae)***
  "Qabad friexu u beda miexi". Minħabba l-biża' li għandi li l-Mulej jitlobni ħafna u li fil-fond ta' qalbi nibża' li ma jridx il-veru ġid tiegħi, nasal li naqa' fl-għażż, nitlob ftit, nirrifjuta li nisma' l-kelma u r-rieda tal-Mulej, u nkeċċih minn ħajti għax irrid nieħu ħsiebha jien mingħajr l-għajnuna tiegħu. Minħabba f'hekk, nibqa' mifluġ. Ġesù jordna lir-raġel biex iqum, jaqbad il-friex tiegħu u jibda jimxi. Jirnexxili nisma' leħnu fil-kelma tiegħu? Nemmen li fil-laqgħa tal-poplu t'Alla nhar ta' Ħadd, ikun l-istess Irxoxt li jkellemni? Nagħraf li Ġesù, hu u jagħtini d-doni tiegħu, hu s-salvatur tiegħi? Kif nieħu sehem fil-Quddiesa? Kif nersaq għas-Sagramenti?

- ***Nagħti xhieda tal-fidi tiegħi. (Confessio fidei)***
  "Ir-raġel telaq u mar għand il-Lhud jagħtihom l-aħbar li kien Ġesù li fejqu." Il-fidi tal-paralitiku tissarraf f'ubbidjenza għal kelma ta' Kristu. Anki l-fidi tiegħi, imġedda bis-Sagrament tal-Qrar, tinbidel f'atteġġjament ta' ubbidjenza. X'ser nagħmel għall-Mulej f'dan iż-żmien ta' grazzja tar-Randan Imqaddes?

*Mumenti ta' skiet għal riflessjoni personali.*

*(Wara dan il-mument, is-saċerdoti preżenti, barra ċ-ċelebrant, isibu posthom fil-konfessjonarji jew f'postijiet imħejjija għaċ-ċelebrazzjoni individwali tal-Qrar.)*

**ATT PENITENZJALI**

**Animatur:** Id-dnub ta' kull persuna jolqot u jweġġa' lill-komunità u lill-Knisja kollha għax aħna lkoll parti minn ġisem wieħed: il-Ġisem Mistiku ta' Kristu. Għalhekk, qabel il-qrara individwali, nitolbu maħfra flimkien u lil xulxin. Kulħadd jinżel għarkupptejh.

**Ċel:** Ħuti għeżież, nistqarru li aħna midinbin u nitolbu għal xulxin biex ilkoll naqilgħu l-maħfra u l-ħelsien mill-Ħniena tal-Mulej.

**Pop:** **Nistqarr 'l Alla li jista' kollox u lilkom ħuti….**

**Ċel:** Insejħu bil-fiduċja kollha lil Alla, għajn ta' kull ħniena, biex isaffi lil qlubna, ifejjaq il-ġerħat tagħna u jeħlisna minn kull ħtija.

1. Mulej, ikollok ħniena minna għal dawk id-drabi meta ħlejna l-ħin tagħna u d-doni li inti tajtna. **Kyrie eleison.**

2. Kristu, ikollok ħniena minna għal dawk id-drabi li ma għarafniex il-preżenza tiegħek f'ħutna l-foqra, f'dawk f'diffikultà u f'dawk li għaddejjin minn mumenti diffiċli. **Christe Eleison.**

3. Mulej, ikollok ħniena minna għal dawk id-drabi meta ngħalaqna f'egoiżmu sfrenat li eskluda lilek u lil ħutna mill-qalb tagħna. **Kyrie Eleison.**

**Ċel:** Bil-kliem li tana Kristu nnifsu, induru lejn Missierna tas-sema biex iħenn għalina u jeħlisna minn dak kollu li qiegħed ixekkilna milli ngħixu f'imħabbtu.

**Pop:** **Missierna….**

**Ċel:** Alla fidil u ħanin,
inti qed tagħtina l-grazzja
li ngħixu dan iż-żmien qawwi ta' penitenza u ta' talb;
agħmel li nħejju ruħna biex ngħixu kif jixraq il-misteru tal-Għid
billi nduqu l-ħniena tiegħek bla tarf,
u nwasslu lil ħutna l-aħbar it-tajba tal-ħniena tiegħek għal kulħadd.
Bi Kristu Sidna.

**Pop:** **Ammen.**

## QRARA U ASSOLUZZJONI INDIVIDWALI

**Animatur:** Wasal il-mument tal-qrara individwali. Dan il-mument ser ikun imħallat b'mumenti ta' animazzjoni, ta' kant, imma anki ta' skiet għax hu importanti li nitgħallmu "nistennew lil xulxin" u ngħinu lil xulxin bit-talb ħalli flimkien nimxu t-triq tal-qdusija. Il-penitenti jersqu lejn l-eqreb saċerdot.

## RINGRAZZJAMENT

*(Meta kulħadd ikun qerr, is-saċerdoti jmorru lura lejn l-artal. Iċ-ċelebrant isib postu u jistieden lil kulħadd jirringrazzja lil Alla permezz ta' salm responsorjali.)*

***Ant:*** **Grazzi Mulej, ħlistna mill-ħtijiet tagħna.**

Int li tgħix għall-kenn tal-Għoli,
li tgħammar għad-dell ta' dak li jista' kollox,
għid lill-Mulej:
"Kenn tiegħi u qawwa tiegħi int,
Alla tiegħi, jien fik nittama." ***Ant:***

Għax hu jeħilsek mix-xibka tan-nassab,
u mill-mard tal-mewt.
Bir-rix tiegħu jgħattik,
u taħt ġwenħajh tistkenn,
għax tarka u kurazza l-fedeltà tiegħu. ***Ant:***

Ma tibżax mill-biża' tal-lejl,
anqas minn vleġġa li tittajjar binhar,
minn pesta li tixtered fid-dlam,
jew minn marda li ġġib ħerba f'nofsinhar. ***Ant:***

Elf ruħ jaqgħu maġenbek,
u għaxart elef fuq lemintek.
Imma lejk id-deni ma jersaqx,
għax tarka u kurazza l-fedeltà tiegħu. ***Ant:***

Int dan tarah biss b'għajnejk,
tara l-ħlas li jieħdu l-ħżiena.
Għax int għandek il-Mulej kenn tiegħek,
għamilt l-Għoli għamara tiegħek. ***Ant:***

Ebda deni ma jiġrilek,
ebda ħsara ma tersaq lejn darek.
Għax l-anġli tiegħu hu jibgħatlek,
u jħarsuk fi triqatek kollha. ***Ant:***

Fuq idejhom jerfgħuk,
li ma taħbatx ma' xi ġebla riġlek.
Fuq l-iljun u l-lifgħa int timxi,
ferħ ta' ljun u serp int tirfes. ***Ant:***

La tħabbeb miegħi, jien neħilsu;
la għaraf ismi, jiena nħarsu.
Hu jsejjaħli, u jiena nwieġbu;
miegħu nkun fid-dwejjaq tiegħu,
neħilsu u nerfagħlu ġieħu;
u b'għomor twil nimlieh,
nurih is-salvazzjoni tiegħi. ***Ant:***

***Glorja…***

**IL-PAĊI**

**Animatur:** Il-maħfra mogħtija minn Alla toħloq rabtiet ġodda ta' ħbiberija u ta' mħabba anki ma' ħutna fil-komunità għax ir-rikonċiljazzjoni m'Alla tfisser ukoll rikonċiljazzjoni mal-Knisja.

**Ċel:** Il-paċi tal-Mulej tkun dejjem magħkom.
**Pop:** U miegħek ukoll.

**Ċel:** Agħtu l-paċi lil xulxin.

**TALBA TAL-AĦĦAR**

**Ċel:** Nitolbu.
O Alla li tista' kollox,
li bil-ġustizzja tiegħek tikkoreġina u bil-ħniena kbira tiegħek tfejjaqna,
ilqa' r-ringrazzjament sinċier tagħna.
Int, li fil-provvidenza tiegħek, timliena bl-imħabba tiegħek,
agħmel li, aħna u nilqgħu l-grazzja tal-maħfra,
naħsdu frott ta' konverżjoni u ngħixu dejjem fis-sliem tiegħek.
Bi Kristu Sidna.

**Pop:** **Ammen.**

**BARKA**

**KANT TAL-AĦĦAR**

# 7.
# Ċelebrazzjoni Penitenzjali għaż-Żgħażagħ

*Kan. Mikiel Galea*

### Aħfrilna dnubietna bħalma aħna naħfru lil min hu ħati għalina

Fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. **Ammen.**

Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, l-imħabba t'Alla u l-għaqda fl-Ispirtu s-Santu tkun magħkom ilkoll. **U miegħek ukoll.**

**Kant:** Ġej il-Mulej jaħfer 'il-midinba, ġej il-Mulej biex jeħles l-imjassrin, ġej il-Mulej iħobb lill-għedewwa, ġej il-mulej iqajjem 'il-mejtin.
Ġej il-ħellies ifejjaq lill-morda, ġej il-ħellies iqawwi lid-dgħajfin, ġej il-ħellies ħa jgħolli liċ-ċkejkna, ġej il-ħellies iferraħ 'l-imdejqin.
Inqumu u ntajru n-ngħas tagħna ħa jiddi fuqna l-Feddej; nistenbħu ħa nistennewh bit-tama, nithennew fil-jum tal-Mulej.
Ġej il-Mulej iħobb lill-għedewwa, ġej il-Mulej iqajjem lill-mejtin, ġej il-Ħellies ħa jgħolli liċ-ċkejkna, ġej il-Ħellies iferraħ 'l-imdejqin.

**Ċelebrant:** Nibdew din iċ-ċelebrazzjoni penitenzjali billi nisimgħu *song* mill-*musical* dwar il-passjoni: ''Ikun li trid Int'' *(Min m'għandux dan ic-CD jista' jissellfu minn għand Dun Simon Cachia)*
Min hu dal-bniedem f'saħħtu li jaqa' u jqum? Fil-*musical* ''Ikun li trid Int'' dal-bniedem b'saħħtu li jaqa' u jqum huwa Ġesù Kristu. Huwa u tiela' t-telgħa tal-kalvarju bis-salib fuq spallejh, Ġesù waqa' u qam tliet darbiet, hekk nimmeditaw fil-Via Sagra. Però fir-realtà tal-ħajja, dal-bniedem huwa f'saħħtu li jaqa' u jqum, huwa kull wieħed u waħda minna. L-Iskrittura tgħidilna li l-bniedem jaqa' seba' darbiet kuljum *(ara Proverbji 24,16).* Iltqajna hawnhekk illejla biex aħna li waqajna nerġgħu nqumu. Waqajna għax bnedmin tad-demm u l-laħam, għax dgħajfin, imma nerġgħu nqumu għax aħna bnedmin mifdijin bid-demm għaziz ta' Ġesù. Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika jgħidilna li meta fit-talba tal-Missierna nduru lejn Alla u ngħidulu: ''Aħrilna dnubietna'', inkunu min-naħa l-waħda nirrikonoxxu l-miżerja tagħna u min-naħa l-oħra nkunu qegħdin nirrikonoxxu l-ħniena t'Alla. U fuq dan se nirriflettu fl-ewwel parti ta' din iċ-ċelebrazzjoni penitenzjali: id-dnub tagħna u fl-istess ħin il-ħniena tagħna. ''Missier, aħfrilna dnubietna.'' Ħa nsemmgħalkom xi esperjenzi ta' dnub.

1. ''Ilni erba' snin miżżewweġ. Għandi tifel ta' tliet snin. Jien naħdem f'uffiċċju u ħadt grazzja ma' mara oħra miżżewġa. Sikwit ikolli x'naqsam magħha.''

2. ‘‘Jiena kaxxiera ġo supermarket u mhux l-ewwel darba li ħadt flus minn ġol-*cash register*. Hekk indaħħal xi ħaġa iżjed fix-xahar u kultant inkun nista’ nagħmel xi kapriċċ.’’
3. ‘‘Jiena tfajla ta’ ħmistax-il sena. Is-Sibt filgħaxija nkun irrid indum barra u dejjem bil-ġlied mal-ġenituri tiegħi.’’
4. ‘‘Jiena raġel miżżewweġ u x’ħin marti tidħol torqod, jien niftaħ l-internet, noqgħod nara l-pornografija u niċċettja ma’ nisa oħra.’’
5. “Jien raġel ta’ ħamsin sena u m’għadnix immur il-knisja, laqas nhar ta’ Ħadd, għax nara li dawk li jmorru l-knisja, ħafna minnhom huma fariżej: imorru l-knisja għal għajnejn in-nies.”
6. ‘‘Jiena raġel ta’ 60 sena. Għandi l-vizzju misħut tad-dagħa. Għalxejn nipprova ma nidgħix, imma taqbiżli bi-ikrah. Wara jiddispjaċini, imma la tkun ħarġet tkun ħarġet.’’
7. ‘‘Jiena mara ta’ 55 sena. Ilni ma mmur inqerr iktar minn għoxrin sena għax darba mort inqerr għand wieħed saċerdot u għajjat miegħi kemm felaħ.’’

X’għandna f’dawn l-esperjenzi? Għandna sitwazzjonijiet ta’ dnub, id-dnub li jagħmlek skjav/skjava ta’ xi ħaġa jew ta’ xi ħadd. Id-dnub li jifirdek minn Alla, jifirdek mill-oħrajn u li joħloqlok taħwid f’qalbek, itelliflek il-paċi tal-qalb. Id-dnub li jneżżgħek mid-dinjità tiegħek ta’ bniedem jew ta’ bniedma. Id-dnub li jitfgħek f’solitudni tal-biża’. Però għall-bniedem li jagħraf lil Alla bħala Missieru, id-dnub mhux traġedja, id-dnub mhux l-aħħar kelma. Sibt dan il-ħsieb: ‘‘Id-dnub ibiegħed lill-bniedem minn Alla, iżda qatt ma jista’ jbiegħed lil Alla mill-bniedem.’’ (Jiġifieri hemm mumenti li fihom il-bniedem jipprova jaħrab minn Alla, imma f’każijiet bħal dawn, Alla jiġri wara dal-bniedem, isus warajh, għax m’għandux qalb jitilfu.

Alla huwa mħabba...Alla hu għani fil-ħniena tiegħu.

Jekk ittradejnih, Hu ma jittradina qatt, jekk bdilnieh, Hu ma jibdilna qatt.

Jibqa’ jistenniena u meta niddeċiedu li nirritrornaw għandu, jiġi jiltaqa’ magħna, jgħannaqna miegħu u jagħmlilna festa tal-maħfra.

Hu li ħalaqna mingħajrna, qisu ma jistax jgħaddi mingħajrna. Se nesprimu dan kollu li għedna s’issa b’ġest simboliku: it-tqegħid tal-irmied li se nbierku minn hawn u ftit ieħor. Fi ktieb tal-liturġija sibt din id-definizzjoni: ‘‘It-tqegħid tal-irmied huwa stqarrija pubblika tal-miżerja spiritwali li fiha jitfgħek id-dnub u dan biex tikseb il-maħfra tal-ħażen li għamilt.’’

**<u>It-tberik tal-irmied – talba fuq lirmied</u>.**

O Alla, Int tħenn għalina meta numiljaw ruħna quddiemek, u bit-tqattija li nagħmlulek, ittaffi l-korla tiegħek għalina: fil-ħniena tiegħek isma' t-talb tagħna; kun twajjeb magħna, Mulej, u sawwab il-grazzji tal-barka *(hawnhekk, is-saċerdot iroxx l-ilma mbierek fuq l-irmied)* tiegħek fuq dan l-irmied li aħna, qaddejja tiegħek, sejrin inqegħdu fuq rasna, biex wara li f'dawn il-ġranet qaddisa nkunu ħajjejna ruħna u saffejniha mid-dnub u hekk jistħoqqilna naslu biex niċċelebraw sewwa l-Misteru tal-Għid ta' Ibnek Ġesù Kristu Sidna, li jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.

*(Iż-żgħażagħ jersqu wieħed wieħed u waħda waħda, ibaxxu rashom biex iċ-ċelebrant ipoġġilhom l-irmied fuq rashom. Sakemm iż-żgħażagħ jersqu biex jitqiegħed l-irmied fuq rashom tindaqq muzika adatta.)*

Mela s'issa dorna lejn Alla u ta' midinbin li aħna, għednielu: ''Missier, ħafrilna dnubietna!'' Imma fil-fond ta'qalbna nisimgħu lil Ġesù jgħidilna: ''Jekk intom ma taħfrux lill-bnedmin il-ħtijiet tagħhom, anqas Missierkom ma jaħfrilkom il-ħtijiet tagħkom.'' Għalhekk meta għallimna t-talba tal-Missierna, Ġesù qalilna nduru lejn il-Missier u ngħidulu: ''Missier, ħafrilna bħalma aħna naħfru lil min hu ħati għalina.'' Il-maħfra tal-għedewwa hija kundizzjoni neċessarja biex Alla jaħfrilna n-nuqqasijiet tagħna. Alla jaħfrilna daqskemm lesti naħfru lil min jagħmliln d-deni.

Isimgħu dawn it-tliet esperjenzi...

1. Fl-1978, il-*Brigate Rosse* ħatfu lil Aldi Moro u qatluh. Iktar tard, waħda minn uliedu marret il-ħabs fejn kienu mizmuma dawk li qatlu lil missierha, iltaqgħet magħhom u qaltilhom li bħala Nisranija kienet ħafritilhom id-delitt tagħhom. U d-dinja stagħġbet bil-kuraġġ ta' din it-tfajla.
2. Fl-1980, l-istess *Brigate Rosse* qatlu lil Vittorio Bachelet, maġistrat Nisrani u tal-affari tiegħu. Waqt il-funeral, it-tifel tiegħu Giovanni, tela' fuq l-ambone u ħafer pubblikament lil dawk li kienu qatlulu lil missieru. U d-dinja stagħġbet bil-kuraġġ ta' dan iż-żagħżugħ.
3. Fl-1981, ġuvni Tork ipprova joqtol lill-Papa fi Pjazza San Pietru. Jumejn wara, il-Papa nstema' jgħid fuq ir-Radju Vatikan: ''Lil ħija li sparali naħfirlu minn qalbi.'' Iktar tard, il-Papa Ġwanni II mar fil-ħabs ta' Rebibbia, iltaqa' ma' Alì Agcà, għannqu miegħu u tkellem miegħu fit-tul. U d-dinja reġgħet stagħġbet.

Semmejtilkom tliet eżempji ta' maħfra u ma' kull eżempju, għedtilkom: ''Id-dinja stagħġbet!'' Infatti, dawn it-tliet eżempji konna smajnihom fuq l-aħbarijiet, rajnihom fuq it-televixin u qrajna dwarhom fil-gazzetti. Ngħid jien: ''Għaliex stagħġbet id-dinja b'dawn il-fatti?'' Maria Moro, Giovanni Bachelet u l-Papa għamlu dak li kellhom jagħmlu. Bħala Nsara ħafru lil dawk li għamlulhom id-deni. Ir-risposta qegħda hawn:

id-dinja ma temminx fil-maħfra, id-dinja ma tafx taħfer, id-dinja żżomm f'qalbha, id-dinja timxi għajn b'għajn u sinna b'sinna.

Nistgħu ngħidu li d-dinja pagana qatt m'emmnet fil-maħfra. Infatti fil-Ktieb tal-Ġenesi nsibu l-istorja ta' wieħed raġel jismu Lamek li jum fost l-oħrajn, daħal id-dar u lin-nisa tiegħu (kellu tnejn) qalilhom: ''Illum qtilt raġel għax ferieni u qtilt żagħżugħ għax sawwatni.'' Kompla jgħidilhom: ''Kajjin kien ipatti għal seba' darbiet id-deni li kienu jagħmlulu. Jiena Lamek, inpatti d-deni għal sebgħa u sebgħin darba.'' Interessanti li dawn iż-żewġ numri msemmija fil-ktieb tal-Ġenesi, huma msemmija wkoll fil-Vanġelu ta' San Mattew. Pietru resaq fuq Ġesù u qallu: ''Xi kemm-il darba jrid jonqosni ħija biex naħfirlu? Sa seba' darbiet?'' Ġesù wieġbu u qallu: ''Ma ngħidlekx sa seba' darbiet, imma sa sebgħa u sebgħin darba'' (jiġifieri mingħajr limiti, mal-proxxmu toqgħodx tqis, toqgħodx tikkalkula).

Mela kemm fil-Ġenesi kif ukoll fil-Vanġelu jissemmew in-numru sebgħa u n-numru sebgħa u sebgħin. Fil-Ġenesi huma msemmija f'kuntest ta' mibgħeda u ta' tpattija u fil-Vanġelu huma msemmija f'kuntest ta' mħabba u ta' maħfra. Il-punt qiegħed hawn: biex Alla jaħfirli għal sebgħa u sebgħin darba (ċertament għandu bżonn jaħfirli iktar minn hekk) jiena rrid inkun lest li naħfer għal sebgħa u sebgħin darba l-ħtijiet u n-nuqqasijiet tal-oħrajn.

Nagħlqu din ir-riflessjoni li għamiltilkom billi naqraw silta mill-Vanġelu ta' San Mattew...

Qari mill-Evanġelju ta' San Mattew. **Glorja lilek Mulej.**

**Lettur**: Imbagħad Pietru resaq lejh u qallu: ''Mulej xi kemm-il darba jrid jonqosni ħija biex naħfirlu? Sa seba' darbiet?'' Ma ngħidlekx sa seba' darbiet,'' wieġbu Ġesù, ''imma sa sebgħa u sebgħin darba. Għalhekk is-Saltna tas-smewwiet nistgħu nxebbħuha ma' wieħed sultan li ried jagħmel il-kontijiet mal-qaddejja tiegħu. Kif beda jagħmel dan, ħadulu wieħed quddiemu li kellu jagħtih ħamest elef talent. Billi ma kellux minn fejn iroddhomlu, is-sinjur ordna li jinbigħu hu, martu, uliedu u kull ma kellu. Imma l-qaddej inxteħet quddiemu jitolbu u jgħidlu: ''Sinjur, stabar ftit bija; kollox irroddlok.'' Is-sinjur ġietu ħasra minn dak il-qaddej, bagħtu u ħafirlu dejnu. Mela dak il-qaddej joħroġ, u jiltaqa' ma' wieħed minn sħabu li kellu jagħtih mitt dinar; qabdu minn għonqu u beda jagħfsu. ''Ħallas dejnek,'' qallu. Il-qaddej sieħbu nxteħet quddiemu jitolbu bil-ħniena u jgħidlu: ''Stabar ftit bija u kollox irroddlok. Imma dak ma riedx jaf, mar u xeħtu l-ħabs sa ma jrodd kull ma kellu jagħtih. Sħabu l-qaddejja raw il-ġrajja kollha u sewwdu qalbhom ħafna; marru għand is-sinjur tagħhom u tarrfulu kull ma kien ġara. Imbagħad is-sinjur bagħat għalih u qallu: ''Ja qaddej ħazin, meta jien ħfirtlek dak id-

dejn kollu, ma kienx imissek int ukoll tħenn għal sieħbek kif ħennejt jien għalik?'' U saħan bl-aħrax is-sinjur għalih u tah f'idejn min jaħqru sa ma jrodd kull ma kellu jagħti. Hekk jagħmel Missieri li hu fis-smewwiet jekk ma taħfrux minn qalbkom.

**Espozizzjoni u kant:**

O Ħobż tas-Sema, ikel bnin, nadurak, Mulej u Alla tagħna.
Dawl, qawwa, ħajja tal-bnedmin
nadurawk, Mulej Alla tagħna.
Int Ħobż li tgħajjex lill-bnedmin nadurawk, Mulej u Alla tagħna,
Fik jiksbu l-maħfra l-midinbin nadurawk, Mulej u Alla tagħna.
Ħaruf tas-Sema nħobbuk nadurawk, Mulej u Alla tagħna.
Li tibqa' magħna nitolbuk nadurawk, Mulej u Alla tagħna.

**Barka sagramentali**

**Ringrazzjament**

Grazzi sinjur Alla għal tliet darbiet

**Kant tal-aħħar:**

Salvator mundi, salva nos. Salvator mundi, salva nos.
Salva nos. Salva nos. Salvator mundi salva nos.

•

# Via Sagra għall-adolexxenti

*Rev. Mark Bonello*

## L-EWWEL STAZZJON – ĠESÙ IKKUNDANNAT GĦALL-MEWT BLA ĦTIJA

Nadurawk, O Ġesù u nberkuk, għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.
*Qalilhom Pilatu: "U x'nagħmel b'Ġesù li jgħidulu l-Messija?" Weġbuh ilkoll: "Sallbu!' Hu staqsiehom: "Imma x'għamel ħażin?" Huma aktar bdew jgħajtu u jgħidu: "Sallbu!" Imbagħad telqilhom lil Barabba u lil Ġesù, wara li tah is-swat, tahulhom biex isallbuh. (Mt 27, 22-23.26)*

**Riflessjoni**
Anke llum għadna nikkundannaw lil Ġesù. L-istorja tirrepeti ruħha: illum nikkundannawh kull darba li nittimbraw lill-proxxmu billi nagħtuh xi tikketta dispreġjattiva u dan forsi għaliex jaħsibha differenti minna. B'dan il-mod inkunu qegħdin niktbu u ndendlu ma' għonq "ħutna" t-tikketta bil-kundanna tagħhom, kif għamlu lil Ġesù. B'dan il-mod inkun qegħdin naraw biss l-ikrah fil-persuna l-oħra u ninsew li f'kull persuna hemm xi ħaġa tajba. Qabel niġġudikaw u nikkundannaw lill-oħrajn ejjew nitgħallmu nħarsu lejna nfusna u b'sinċerità nagħmlu eżami tal-kuxjenza fuq kif inġibu ruħna mal-oħrajn, għax inħossuna superjuri, aħjar minnhom.

**Ġesù stess qalilna:**
*Kif tista' tgħidlu lil ħuk, 'Ħi, ejja nneħħilek it-tibna li għandek f'għajnek', meta m'intix tara t-travu li għandek f'għajnek int? Ja wiċċ b'ieħor, neħħi l-ewwel it-travu minn għajnek int, ħalli mbagħad tara sewwa kif tneħħi t-tibna minn għajn ħuk. (Lq 6,42)*

**Aħfrilna Mulej**
- Meta nħossuna ttentanti biex niġġudikaw
- Meta nħossuna superjuri
- Meta ngergru dwar l-oħrajn

**Nitolbu**
Mulej, Ġesù, għinna ma niġġudikawx, għinna ma nikkundannawx, ma "nagħtux tikketti" dispreġjattivi lill-oħrajn: għinna ħalli nħarsu aktar lejna nfusna qabel ma nikkritikaw lill-oħrajn. Ammen

**Ġest:**

Qabel jinqara l-Vanġelu kulħadd huwa mistieden jaħseb f'persuna li ġġudika u jikteb fuq "post-it" il-kumment negattiv li qal fuqha. Dawn il-kummenti negattivi jiġu mwaħħla ma' *silhouette* ta' bniedem stampat fuq karta. Wara r-riflessjoni, waqt mument ta' skiet, kulħadd jerġa' jikteb fuq "post-it" kumment/karatteristika pożittiva fuq l-istess persuna li kkritika qabel. Tagħlima: **Ejjew inħarsu lejn l-oħrajn kif iħares lejhom Alla l-Missier.**

## IT-TIENI STAZZJON – ĠESÙ MGĦOBBI S-SALIB

Nadurawk, O Ġesù u nberkuk, għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.

*Imbagħad is-suldati tal-gvernatur ħadu lil Ġesù fil-Pretorju, u ġabru quddiemu lil sħabhom kollha. Neżżgħuh u xeħtulu fuqu mantar aħmar skur; qegħdulu fuq rasu kuruna minsuġa mix-xewk u qasba f'idu l-leminija, inxteħtu għarkupptejhom quddiemu u qagħdu jiddieħku bih u jgħidulu: "Is-sliem għalik, sultan tal-Lhud?" Beżqu fuqu, u ħadulu l-qasba minn idu u bdew jagħtuh biha fuq rasu. Imbagħad, wara li għaddewh biż-żufjett, neżżgħulu l-mantar u xeddewlu ħwejġu. (Mt 27, 27-31)*

**Riflessjoni**

F'ħajjtina jasal ukoll il-mument tal-prova meta l-piż tal-ħajja jagħfas fuqna. Minn dan il-mument nistgħu nagħrfu jekk aħniex verament Kristjani: minn kif inġorru s-salib meta jkun jinħass itqal mis-soltu! Il-veru Kristjan huwa dak li jieħu kollox bħala don minn Alla u li jagħmel il-parti tiegħu b'impenn u b'ħeġġa, jiġifieri bil-qalb. Huwa dak li ma jisħetx xortih jew li jitbiegħed minn Alla. Ejjew, mela, inġorru s-slaleb tagħna ta' kuljum li niltaqgħu magħhom fil-familja, fl-istudju, fil-ħbiberiji u dan nagħmluh bl-imħabba kif għamel Ġesù: b'hekk aħna wkoll inkunu qegħdin nikkollaboraw għas-salvazzjoni tad-dinja, billi nfejqu l-feriti tas-soċjetà bl-imħabba.

**Ġesù stess qalilna:**

*Imbagħad qal lid-dixxipli tiegħu: "Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu, u jimxi warajja. (Mt:16:24)*

**Aħfrilna Mulej**

- Meta naħarbu mis-salib
- Meta ma naċċettawx it-tbatija
- Meta nkunu egoisti

**Nitolbu**

Mulej Ġesù, għinna nilqgħu s-salib u nġorruh b'dinjità, kif għamilt Int. Ammen.

## IT-TIELET STAZZJON – ĠESÙ JAQA' GĦALL-EWWEL DARBA TAĦT IS-SALIB

Nadurawk, O Ġesù u nberkuk, għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.
*Hu tgħabba bi dnubietna sa fuq is-salib, biex aħna mmutu għad-dnubiet u ngħixu għall-ġustizzja. Bil-ġrieħi tiegħu intom fiqtu. (1Pt:2:24)*

**Riflessjoni**
Meta tonqosna l-fidi, malajr naqgħu taħt it-toqol tas-salib. Mingħajr il-fidi nħossuna bla saħħa u bla kuraġġ għax inkunu qed nafdaw biss fina nfusna jew inkella fl-oħrajn li jistgħu jkunu dgħajfa daqsna jew agħar minna. Il-Fidi tfisser li nkunu nafdaw f'Alla u li nintelqu mingħajr biża' fl-idejn sodi tiegħu, għaliex huwa l-Missier tagħna u jixtiqilna biss il-ġid. Jekk nagħtu daqqa t'għajn lejn il-qaddisin, insibu li dawn jgħallmuna kif, meta huma ntelqu f'idejn Alla, wettqu affarijiet kbar li qatt ma kienu mmaġinaw qabel u dan ġabilhom ħafna ferħ u kuntentezza f'qalbhom. Infatti, uħud minnhom anqas beżgħu jagħtu ħajjithom għal Ġesù. Fil-mumenti tad-dlam, Ġesù biss jista' jkun id-dawl li jurina t-triq.

**Ġesù stess qalilna:**
*Li kieku għandkom fidi mqar daqs żerriegħa tal-mustarda, kontu tgħidu lil din il-muntanja, 'Warrab minn hawn u mur hemm', u hi kienet twarrab; u ma jkun hemm xejn għalikom li ma jistax isir."* (Mt 17, 20)

**Aħfrilna Mulej**
- Meta "nitilfu l-fidi fik" u niddubitaw kollox
- Meta ma nħossuniex kapaċi nitolbu
- Meta nippreferu nibqgħu fid-dlam tad-dubju flok infittxu d-dawl, lileK

**Nitolbu**
Mulej Ġesù, aħfrilna u erfagħna kull darba li naqgħu minħabba n-nuqqas ta' fidi. Ammen.
**Ġest:**
Tinxtegħel xemgħa waħda mdaqqsa (jew xemgħa għal kull persuna) u tinġarr sal-istazzjoni li jmiss. Tagħlima: **ix-xemgħa mixgħula tfakkarna fid-dawl tal-fidi tagħna (Ġesù).**

## IR-RABA' STAZZJON – ĠESÙ JILTAQA' MA' OMMU MARIJA

Nadurawk, O Ġesù, u nberkuk, għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.
*Xmun berikhom u qal lil ommu Marija: "Ara, dan se jġib il-waqgħa u l-qawmien ta' ħafna f'Iżrael; se jkun sinjal li jmeruh,[Lq:2:35] - u inti wkoll, sejf jinfidlek ruħek! (Lq 2, 34-35)*

**Riflessjoni**
Huwa fil-mument tal-prova li niskopru min verament iħobbna u jixtiqilna l-ġid. Żgur li dejjem se nsibu persuni qrib tagħna li jkunu lesti li jagħtuna daqqa t'id. Però jekk ningħalqu fina nfusna m'aħniex ser nindunaw bihom u nibqgħu magħluqin fid-disperazzjoni tagħna. Jista' jiġri wkoll li, biex ma nurux lill-oħrajn li qed inbatu jew li għandna bżonn l-għajnuna, nagħmlu tabirruħna li waħidna kapaċi naslu jew nissuppervjaw malli xi ħadd jistaqsina għandniex bżonn xi ħaġa. Ejjew inħallu lil min jgħinna, ejjew nisimgħu minn min jixtiqilna l-ġid, għaliex fihom jinsab Ġesù li jixtieq ifejjaqna u jserraħna. Ejjew inkunu umli u nħallu lil Ġesù jgħinna nqumu fuq tagħna permezz tal-oħrajn, jgħinna nħossu t-toqol tal-problemi eħfef minn qabel għax inħossu l-preżenza ta' Alla f'ħajjitna.

**Ġesù stess qalilna:**
*Għax fejn tnejn jew tlieta jkunu miġbura f'ismi hemm inkun jien f'nofshom. (Mt 18, 20)*

**Aħfrilna Mulej**
- Meta ma nindunawx bil-bżonn tal-oħrajn
- Meta naħsbu li waħidna kapaċi naslu
- Meta niskreditaw il-pariri tal-kbar u ta' min iridilna l-ġid

**Nitolbu**
Mulej Ġesù, għinna nagħrfuk fil-persuni kollha li niltaqgħu magħhom u nkunu kapaċi nafdaw f'min jixtiqilna l-ġid. Ammen.

## IL-ĦAMES STAZZJON – XMUN MINN ĊIRENE JGĦIN LIL ĠESÙ JERFA' S-SALIB

Nadurawk, O Ġesù, u nberkuk, għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.
*Iżda hu kien miġruħ minħabba fi dnubietna, misħuq minħabba fi ħżunitna. (Is 53, 5)*

**Riflessjoni**

Qatt m'għandna nitilfu l-okkażjoni li nagħmlu t-tajjeb, li "nkunu ċirinej" għal ħaddieħor, li nagħmlu esperjeza ta' ferħ veru sempliċement għax inkunu ħassejna lilna nfusna utili, jew aħjar strumenti f'idejn Alla. Il-parteċipazzjoni fit-tbatija ta' ħaddieħor tgħinna nsiru aktar responsabbli tal-oħrajn. Barra minn hekk, meta nakkumpanjaw lil min jinsab f'sitwazzjoni diffiċli, insiru aktar konxji tal-ħajja tal-oħrajn u dan jgħinna naraw ir-realtà b'nuċċali differenti: nitgħallmu napprezzaw aktar ħajjitna, il-ħbieb u l-familjari tagħna; nitgħallmu nkejlu l-problemi bil-qies tagħhom mingħajr ma nimmaġinaw li aħna biss insofru fid-dinja. Però noqogħdu attenti sabiex inħobbu kif iħobb Alla, jiġifieri li ngħinu lill-proxmu kollu mingħajr preferenza, mingħajr ma nistennew jew nippretendu li niġu megħjuna lura: ngħinu b'mod gratuwitu.

**Ġesù stess qalilna:**

*"Smajtu x'intqal, 'Ħobb lil għajrek, u obgħod lill-għadu tiegħek. Imma jiena ngħidilkom: Ħobbu lill-għedewwa tagħkom u itolbu għal dawk li jippersegwitawkom, biex tkunu wlied Missierkom li hu fis-smewwiet; għax hu jtalla' x-xemx tiegħu sew fuq il-ħżiena u sew fuq it-tajbin u jniżżel ix-xita sew fuq min hu tajjeb u sew fuq min mhuwiex. Għax jekk intom tħobbu lil min iħobbkom, xi ħlas jistħoqqilkom? Mhux il-pubblikani wkoll jagħmluh dan? U jekk issellmu lil ħutkom biss, xi tkunu tagħmlu żejjed? Mhux il-pagani wkoll jagħmluh dan? Kunu mela perfetti bħalma hu perfett Missierkom li hu fis-smewwiet." (Mt 5, 43-48)*

**Aħfrilna Mulej**

- Meta nagħlqu l-bieb lil min jitlobna daqqa t'id
- Meta nkunu indifferenti
- Meta naħsbu biss fina nfusna

**Nitolbu**

Mulej Ġesù, għinna nżommu dejjem għajnejna miftuħa sabiex jirnexxilna ninnutaw il-bżonnijiet ta' dawk ta' madwarna u agħtina l-kuraġġ li mmiddu jdejna mingħajr biża' jew kundizzjonijiet. Ammen

**Ġest:**

F'atmosfera ta' ġabra, il-parteċipanti jagħtu l-paċi lil xulxin permezz ta' tgħanniqa. Tagħlima: **Kristu jgħallimna u jħeġġiġna ngħinu lill-proxmu kollu speċjalment lill-għedewwa tagħna.**

## IS-SITT STAZZJON – IL-VERONIKA TIXXOTTA L-WIĊĊ IMQADDES TA' KRISTU

Nadurawk, O Ġesù, u nberkuk, għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.
*"Ebda sura ma kellu u ebda ġmiel biex inħarsu lejh jew xi sura biex nitgħaxxqu bih. Kien imżeblaħ u mwarrab mill-bnedmin, bniedem li bata u kien jaf x'inhu l-mard, bħal wieħed li n-nies jaħbu wiċċhom minnu, bniedem imżeblaħ, u aħna xejn ma qisnieh."(Is 53,2-3)*

**Riflessjoni**

Fost id-devozzjonijiet u t-tradizzjoni tal-Knisja nsibu lil din il-figura, il-Veronika, li lemħet lil Ġesù għaddej minn ħdejha u waqfet għal ftit ħin maġenbu biex tixxottali wiċċu. Anke llum Ġesù huwa preżenti f'ħutna, speċjalment f'dawk kollha li jbatu: il-foqra, l-anzjani, l-immigranti, sħabna mwarrba tal-klassi, dawk li għandhom il-familja tagħhom imkissra, dawk li jinsabu staġnati u ma jistgħux jerġgħu iqumu fuq saqajhom. Quddiem dawn il-persuni aħna msejħa biex, bil-fidi, naraw fihom il-wiċċ ta' Ġesù u bil-kuraġġ nirbħu l-biża' u l-mistħija ħalli nagħtuhom daqqa t'id. Min jaf kemm-il darba fittixna lil Ġesù fil-kotba, fil-laqgħat jew fil-Knisja stess u ma ħassejniehx, ma sibniehx! Infatti, ħafna drabi Ġesù jinsab maġenbna, fil-ħajja tagħna ta' kuljum, fil-persuni li għandhom bżonna; kien maġenbna u ma għarafniehx!

**Ġesù stess qalilna:**

*" U s-Sultan iweġibhom u jgħid, 'Tassew, ngħidilkom, kull ma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi'." (Mt 25,40)*

**Aħfrilna Mulej**

- Meta ma nagħrfukx f'ħutna fil-bżonn
- Meta l-problemi tal-oħrajn igerrxuna
- Meta ma nsibux kuraġġ biex immiddu jdejna għall-ġid tal-oħrajn

**Nitolbu**

Mulej Ġesù, agħtina l-kapaċità li naraw bil-fidi u bl-imħabba sabiex inkunu nistgħu nagħrfuk f'ħutna fil-bżonn. Ammen.

## IS-SEBA' STAZZJON – ĠESÙ JAQA' T-TIENI DARBA TAĦT IL-PIŻ TAS-SALIB

Nadurawk, O Ġesù, u nberkuk, għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.
*"Imma aħna nxandru 'l Kristu msallab, skandlu għal-Lhud u bluha għall-Griegi; iżda għal dawk li huma msejħin, sew Lhud sew Griegi, Kristu huwa l-qawwa ta' Alla u l-għerf ta' Alla. Għax il-bluha ta' Alla hija għarfa iktar mill-bnedmin u d-dgħufija ta' Alla hija aqwa mill-bnedmin."(1Kor 1,23-25)*

**Riflessjoni**
Ħafna drabi naqgħu meta nitilfu t-tama, meta l-ħarsa tagħna ma tibqax indirizzata lejn l-orizzont, lejn il-futur, iżda ssir ħarsa fil-vojt, lejn il-passat. In-nuqqas ta' tama twassalna għad-disperazzjoni. Il-kawżiet ta' dan il-vojt jistgħu jkunu ħafna: xi fallimenti fl-istudju, fil-ħbiberiji jew fl-imħabba; xi telfa ta' xi ħadd għażiż; xi weġgħa kkawżata minn ħaddieħor mingħajr ebda provokazzjoni; xi vizzju li jkompli jgħaddasna fid-dnub. Però, minkejja dan kollu, aħna nibqgħu wlied Alla. Ma jimpurtax jekk jistħoqqilniex, Alla jibqa' jħobbna u aħna nibqgħu xbieha tiegħu: din hija l-aqwa sigurtà għalina. Kien ghalhekk li Ġesù stess qalilna biex nibnu d-dar (il-fidi) tagħna fuq il-blat u mhux fuq ir-ramel; fuq l-imħabba t'Alla u mhux fuq l-imħabba lejn oġġetti jew persuni oħrajn. Alla jħobbna, jiġri x'jiġri.

**Ġesù stess qalilna:**
*"Araw il-ġilji kif jikbru: u la jitħabtu u lanqas jinsġu. Ngħidilkom li anqas Salamun, fil-glorja kollha tiegħu, ma kien jilbes bħal wieħed minnhom." (Lq 12, 27)*

**Aħfrilna Mulej**
- Meta nitilfu t-tama fik
- Meta nitilfu t-tama u l-kuraġġ fina nfusna
- Meta ningħalqu fina nfusna u ma nħallu lil ħadd jgħinna

**Nitolbu**
Mulej Ġesù, kabbar fina t-tama li tgħinna nirbħu kull disperazzjoni u dnub, sabiex inkunu dejjem kapaċi nħarsu 'l quddiem b'pożittività u b'ħeġġa lejn il-ħajja eterna. Ammen.

**Ġest:**
Tista' titqassam ċaqgħa bil-kitba fuqha "Kristu huwa l-blata tagħna" jew inkella xi simbolu ieħor tat-tama, bħal ankra bil-kitba fuqha "Ġesù". Tagħlima: **F'kull sitwazzjoni li nsibu ruħna fiha, Kristu biss huwa l-veru tama tagħna.**

## IT-TMIEN STAZZJON – ĠESÙ JILTAQA' MAN-NISA TA' ĠERUSALEMM

Nadurawk, O Ġesù, u nberkuk, għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.
*"Imma Ġesù dar lejhom u qalilhom: "Nisa ta' Ġerusalemm, mhux lili ibku, iżda ibku lilkom infuskom u lil uliedkom. Għax jekk dan kollu qegħdin jagħmluh liz-zokk meta għadu aħdar, mela xi jsir minnu meta jinxef?"(Lq 23, 28.31)*

**Riflessjoni**
Il-kliem żejjed, il-ħafna "miskin" jew "miskina" li jingħadu waqt sitwazzjonijiet diffiċli u delikati, ħafna drabi ma jservu għal xejn, anzi jwaqqgħuna fl-ipokrisija. Ġieli jiġrilna li quddiem persuna fit-tbatija, minflok noqgħod fis-skiet maġenbha, noqgħodu nippruvaw naraw kif ser insolvulha jew intaffulha l-problema tagħha b'ħafna tpaċpiċ żejjed; mentri l-aħjar soluzzjoni hija li noqgħod qrib tagħhom u nakkumpanjawhom fis-skiet, li ngħannquhom, li nisimgħuhom, li nxerrdu xi demgħa magħhom, mingħajr ma noqogħdu nippruvaw noffrulhom "l-aqwa parir", jew inwissuhom li "kien ikun aħjar li kieku semgħu minna qabel". F'okkażjonijiet bħal dawn hemm bżonn li noqogħdu attenti biex ma nħallux is-suppervja tmexxina, biex nuru kemm aħna aħjar, iżda li nitgħallmu aktar minn Marija, omm Ġesù, li baqgħet wieqfa fis-skiet ħdejn is-salib tul l-agonija tiegħu.

**Ġesù stess qalilna:**
*"Mhux kull min jgħidli, 'Mulej, Mulej', jidħol fis-Saltna tas-Smewwiet, iżda min jagħmel ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smewwiet!" (Mt 7, 21)*

**Aħfrilna Mulej**
- Meta nippretendu li għandna dejjem l-aqwa kliem ta' faraġ
- Meta m'aħniex kapaċi noqogħdu nisimgħu lill-oħrajn
- Meta ma nifhmux it-tbatija tal-oħrajn

**Nitolbu**
Mulej Ġesù, fuq l-eżempju ta' ommok Marija, agħtina l-ħila li nisimgħu u nikkontemplaw fis-skiet it-tbatija tal-oħrajn. Ammen.

Nadurawk, O Ġesù, u nberkuk, għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.
*"Ħaqruh u hu qagħad għalihom bla biss ma fetaħ fommu; bħal ħaruf meħud għall-qatla u bħal nagħġa mbikkma f'id min iġiżżha, ma fetaħx fommu."(Is 53,7)*

**Riflessjoni**
Waqgħa kbira oħra hija meta "nonqsu mill-karità", nonqsu milli nwettqu ġesti ta' mħabba li jiftħulna qalbna għall-proxxmu. Kull qalb magħluqa hija qalb iffriżata mis-solitudni. L-imħabba hija bħal dak il-melħ li jagħti t-togħma lill-ħajja, hija dik li tkisser il-ħitan tal-egoiżmu għax kapaċi toħroġna minna nfusna. L-imħabba kapaċi toħloq lista twila ta' ġesti oħrajn li jlibbsulna ħajjitna bħall-kuluri tal-qawsalla. Is-solidarjetà, l-altruwiżmu, l-akkoljenza, il-kompassjoni huma kollha termini li għandna ngħixuhom biex induqu l-frott tal-imħabba. Għalfejn, mela, nagħżlu li nibqgħu għaddejjin meta, bħal ma ġara fil-parabbola tas-samaritan it-tajjeb, naraw lill-proxxmu tagħna, forsi anke l-ikbar għadu tagħna, mixħut mal-art?

**Ġesù stess qalilna:**
*"Nagħtikom kmandament ġdid, li tħobbu lil xulxin. Bħalma ħabbejtkom jien, hekk ukoll ħobbu intom lil xulxin. Minn dan jagħraf kulħadd li intom dixxipli tiegħi, jiġifieri, jekk ikollkom l-imħabba bejnietkom." (Ġw 13, 34-35)*

**Aħfrilna Mulej**
- Meta m'aħniex kapaċi nħobbu lill-għadu tagħna
- Meta ningħalqu fina nfusna
- Meta ma nsibux ħin għall-oħrajn

**Nitolbu**
Mulej Ġesù, għinna noffru aktar lilna nfusna lil min hu fil-bżonn, sabiex insiru dejjem aktar sturmenti tal-imħabba tiegħek. Ammen.

**Ġest:**
F'atmosfera ta' ġabra, il-parteċipanti jifformaw ċirku wieħed u jaqbdu id f'id. F'dan il-mument jiġu mistiedna jgħidu talba ġo qalbhom għal dak il-membru fl-istess grupp li jsibuha diffiċli li jgħinu jew li qatt ma kellmu. Tagħlima: **M'għandna qatt inħallu l-mibegħda jew l-indifferenza jgħammru ġewwa qalbna.**

## L-GĦAXAR STAZZJON – ĠESÙ MNEŻŻA’ MINN ĦWEJĠU

Nadurawk, O Ġesù, u nberkuk, għax b’salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.
*“Meta waslu f'post jgħidulu Golgota, jiġifieri post il-Qorriegħa, tawh jixrob inbid b'taħlita morra; hu daqu imma ma riedx jixorbu. Imbagħad sallbuh u qasmu ħwejġu bejniethom billi tellgħuhom bix-xorti.” (Mt 27, 33-35)*

**Riflessjoni**
Lil Ġesù neżżgħuh minn ħwejġu, l-unika ħaġa materjali li kien għad fadallu, però ħadd ma seta’ “jneżżgħu” mill-għaqda tiegħu mal-missier. Ħadd ma seta’ jisraqlu l-imħabba speċjali li kellu għall-umanità, li għaliha ġie fid-dinja biex isalvaha. Quddiem din l-ikona, aħna ta’ bnedmin li aħna, għandna niftakru wkoll fl-għaqda tagħna ma’ Alla. Però aktar u aktar għandna nirriflettu fuq dak kollu li jbegħedna minnu. Għandna ninżgħu dawk il-vizzji, dawk il-ħbiberiji, dawk id-drawwiet li flok iressquna lejn dak li hu tajjeb, ġust u veru, qed iressquna lejn il-ħażen, id-dnub u l-gideb. U minfok, għandna nilbsu l-libsa tal-valuri Kristjani billi npoġġu lil Ġesù fuq quddiem fil-prijorijiet tagħna biex niproggrammaw mill-ġdid ħajjitna u nimxu skont l-istil tiegħu.

**Ġesù stess qalilna:**
*" Mela fittxu l-ewwel is-Saltna u l-ġustizzja ta' Alla u dan kollu jingħatalkom ukoll." (Mt 6, 33)*

**Aħfrilna Mulej**
- Meta m’aħniex kapaċi ninżgħu l-vizzji u d-drawwiet il-ħżiena
- Meta ma npoġġux lil Alla fl-ewwel post qabel kollox
- Meta nagħtu ħafna importanza għall-affarijiet ta’ din id-dinja li jispiċċaw

**Nitolbu**
Mulej Ġesù, għallimna nagħrfu aktar li ta’ id-dinja kollox jgħaddi u li l-ħarsa tagħna trid tkun dejjem indirizzata lejk, Int li int l-unika teżor tagħna. Ammen.

## IL-ĦDAX-IL STAZZJON – ĠESÙ MSALLAB MAS-SALIB

Nadurawk, O Ġesù, u nberkuk, għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.
*"Jien issa nifraħ bit-tbatijiet tiegħi minħabba fikom, għaliex bihom jiena ntemm f'ġismi dak li jonqos mit-tbatijiet ta' Kristu għall-ġisem tiegħu li hu l-Knisja."(Kol 1,24)*

**Riflessjoni**
Meta nħarsu lejn Kristu msallab ma' salib, faċilment niftakru f'diversi esperjenzi, forsi anke ta' oħrajn, li jinsabu msallbin fil-ħajja ta' kuljum. It-tbatija, id-delużjonijiet, l-uġigħ, it-tradimenti, l-ipokrisija li jsammru lill-bniedem mas-salib tiegħu huma esperjenzi li quddiemhom nispiċċaw bla kliem, għax ma nafux inwieġbu l-ħafna "għaliex?" li jiġuna f'moħħna. Qatt m'huwa faċli nagħtu valur jew dawl ġdid lil esperjenzi bħal dawn. Biex inkunu nistgħu nagħmlu dan, irridu nħarsu lejn Sidna Ġesù Kristu li jaċċetta din l-kundanna biex isalvana. Il-miżerikordja hija l-mediċina li tfejjaq dawn il-feriti biex, aktar 'l quddiem, inkunu lesti naċċettaw lil min ikun ġegħelna nsofru, li nerġgħu nifthulu l-bieb ta' ħajjitna b'libertà u li jirnexxilna nlissnu ma' Ġesù l-kelmiet: "Missier aħfrilhom għax ma jafux x'inhuma jagħmlu".

**Ġesù stess qalilna:**
*" Min jagħtik bil-ħarta fuq naħa waħda, dawwarlu wiċċek ħalli jagħtik fuq in-naħa l-oħra; min jeħodlok il-mantar, anqas il-libsa ma għandek tiċħadlu." (Lq 6, 29)*

**Aħfrilna Mulej**
- Meta m'aħniex kapaċi naħfru
- Meta ngergru għal kwalinkwe diffikultà
- Meta tiġina x-xewqa li naħarbu quddiem xi prova

**Nitolbu**
Mulej Ġesù, agħmel li waqt li nikkontemplaw is-sagrifiċċju li għamilt għalina fuq is-salib, inkunu kapaċi nagħtu sens lis-slabeb żgħar tagħna ta' kuljum, sabiex naċċettawhom b'imħabba u paċenzja. Ammen.

**Ġest:**
Il-parteċipanti jiġu mistiedna jiktbu xi weġgħa kkawżata min xiħadd ieħor u li għadhom iħossuha tferilhom qalbhom. Fi ftit kliem jiktbu fuq biċċa karta żgħira din il-ferita u jibqgħu ftit fis-skiet biex jitolbu lil Ġesù jagħtihom il-kuraġġ jaħfru. Imbagħad, skont il-possibbiltà tal-post, jiġu maħruqa jew mgħarrqa fi skutella bl-ilma biex jibqgħu privati. Tagħlima: **Bħalma n-nar (jew l-ilma) qered dawn il-karti bil-feriti tagħna miktuba, ejjew inħallu lil Ġesù jeqred dawn il-weġgħat li għad hemm f'qalbna billi nħalluh idewwina u naħfru lill-oħrajn.**

## IT-TNAX-IL STAZZJON – ĠESÙ IMUT FUQ IS-SALIB

Nadurawk, O Ġesù, u nberkuk, għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.

*"Għall-ħabta tas-sitt siegħa waqgħet dalma kbira fuq il-pajjiż kollu sad-disa' siegħa, għax ix-xemx iddallmet. Il-velu tas-santwarju ċċarrat min-nofs. Imbagħad Ġesù għajjat għajta kbira u qal: "Missier, f'idejk jien nerħi ruħi." U kif qal hekk, ħarġet ruħu. Iċ-ċenturjun, meta ra x'ġara, beda jfaħħar lil Alla u jgħid: "Tassew li dan bniedem ġust!" U n-nies kollha li kienu nġabru hemm biex jaraw, meta raw dawn il-ġrajja, reġgħu lura jħabbtu fuq sidirhom."(Lq 23, 44-48)*

**Riflessjoni**

Alla tant ħabbna li ried li Ibnu l-waħdieni jmut għalina: l-akbar att ta' mħabba. Aħna wkoll, bħala Kristjani msejħa mmutu xi ftit għalina nfusna, jiġifieri li nwarrbu l-egoiżmu li hemm fina, biex nagħmlu aktar spazju f'qalbna għall-oħrajn. Xi drabi hemm bżonn nifhmu aktar mis-soltu li aħna mhux dejjem għandna l-aħjar soluzzjoni għal ħajjitna u li l-oħrajn jistgħu jkunu ta' dawl għalina. Jaf ikun aktar ta' ġid għalina jekk flok niżżattu, għax mingħalina nafu kollox, nagħmlu pass lura u naċċettaw l-għajnuna tal-oħrajn bi gratitudni u umiltà. Is-suppervja qatt ma għamlet nies. L-umiltà hija waħda mill-għodod li jgħinuna mmewtu l-egoiżmu ta' ġo fina u nagħtu l-ħajja lill-konverżjoni tagħna.

**Ġesù stess qalilna:**

*"Tassew tassew ngħidilkom, jekk il-ħabba tal-qamħ ma taqax fl-art u tmut, hi tibqa' weħidha; imma jekk tmut, tagħmel ħafna frott." (Ġw 12, 24)*

**Aħfrilna Mulej**

- Meta m'aħniex kapaċi nċedu għall-ideat ta' ħaddieħor
- Meta ma nagħtux spazju lill-oħrajn
- Meta nimmaġinaw li aħna perfetti

**Nitolbu**

Mulej Ġesù, waqt li nikkontemplaw id-don totali ta' ħajtek għalina, għinna sabiex aħna wkoll inkunu kapaċi nagħtu, mingħajr ma naħsbuha darbtejn, imqar ftit mill-ħin tagħna għal min hu fil-bżonn. Ammen.

## IT-TLETTAX-IL STAZZJON – ĠESÙ MNIŻŻEL MINN FUQ IS-SALIB

Nadurawk, O Ġesù, u nberkuk, għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.
*"Kien ġa sar filgħaxija, u billi kien Jum it-Tħejjija, jiġifieri lejlet is-Sibt, Ġużeppi minn Arimatija, membru magħruf tal-Kunsill, li hu wkoll kien jistenna s-Saltna ta' Alla, għamel il-ħila, daħal quddiem Pilatu u talbu l-ġisem ta' Ġesù. Pilatu stagħġeb li kien ġa miet; bagħat għaċ-ċenturjun u staqsieh jekk kienx ilu li miet. Meta mbagħad sar jaf mingħand iċ-ċenturjun, ta l-ġisem ta' Ġesù lil Ġużeppi."(Mk 15, 42-45)*

**Riflessjoni**
Illum ħafna persuni joqogħdu lura milli jippreżentaw ruħhom bħala Kristjani, anzi r-riskju llum huwa li nneħħu s-slaleb kollha minn ħajjitna u minn kull post biex ma nkunux skomodati mill-preżenza tiegħu. Meta nistħu ngħidu li aħna Kristjani u noqgħodu lura milli nuru l-valuri tagħna, inkunu qed infaqqru s-soċjetà li fiha ngħixu. Il-veru Kristjan huwa dak li jħobb mingħajr ma jistenna xejn lura; huwa dak li saħansitra jħobb lill-għadu tiegħu; huwa dak li jrid jimita lil Kristu f'kollox; huwa dak li kapaċi jmur kontra l-kurrent bħal ma għamel Ġesù. Iva, il-kurċifiss jista' jfakkarna mhux biss f'kemm Alla jħobbna, iżda wkoll f'kemm ngħixu ħajja ta' lussu u f'kemm nevitaw kull tip ta' tbatija. Għalhekk irridu nneħħuh minn ħajjitna. Però, qatt daqs illum ma kellna tant bżonn il-kurcifiss f'ħajjitna! Ejjew inżommuh quddiem għajnejna mhux biss bħala sinjal tal-imħabba ta' Ġesù għalina, imma wkoll bħala t-trofew li Alla jagħti lil dawk li jixtiequ jimxu warajh biex bih isalvaw lilhom infushom u lill-oħrajn.

**Ġesù stess qalilna:**
*"Għax jekk xi ħadd, minn dan in-nisel żieni u midneb ta' llum, għad jistħi minni u minn kliemi, Bin il-bniedem ukoll għad jistħi minnu meta jiġi fil-glorja ta' Missieru flimkien mal-anġli mqaddsa." (Mk 8, 38)*

**Aħfrilna Mulej**
- Meta nistħu nuru li aħna Kristjani
- Meta nsoddu widnejna għall-Vanġelu
- Meta nagħżlu li nagħlqu ħalqna quddiem l-okkażjoni li nxandruk

**Nitolbu**
Mulej Ġesù, Int il-Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja, agħmel li waqt is-skiet tal-prova u tat-tentazjoni nagħrfu nitolbuk biex tidħol għalina u toħroġna mill-hemm. Ammen.

**Ġest:**

F'atmosfera ta' ġabra, il-parteċipanti jiġu mistiedna jpinġu s-sinjal tas-salib (jew is-simbolu tal-ħuta li jfakkarna fl-isem ta' Ġesù) fuq in-naħa ta' barra tal-pala ta' idhom. Tagħlima: **M'għandniex nistħu nuru li aħna ta' Kristu!**

## L-ERBATAX-IL STAZZJON – ĠESÙ MIDFUN F'QABAR ĠDID

Nadurawk, O Ġesù, u nberkuk, għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.
*"Ġużeppi ħa l-ġisem u keffnu f'liżar nadif, qiegħdu fil-qabar ġdid tiegħu li kien ħaffer fil-blat, gerbeb ġebla kbira fid-daħla tal-qabar u telaq."(Mt 27, 59-60)*

**Riflessjoni**

Meta l-affarijiet ma jiġuniex kif nixtiequ aħna, arana nagħlqu l-bibien kollha lil Alla u nwarrbuh 'l bogħod minn ħajjitna. Dan jista' jiġri l-aktar meta ma nifhmux għaliex Alla ma wettaqx dak li tlabnieh, speċjalment meta t-talba tkun waħda ġusta, pereżempju, għall- fejqan ta' xi ħadd marid serjament. F'sitwazzjonijiet bħal dawn jiġrilna li lil Ġesù nerġgħu nidfnuh mill-ġdid ġo qabar biex ninsewh għax naħsbu li mhux veru "jista' kollox". Iżda l-Vanġeli stess jgħidulna li l-qawwa ta' Ġesù kapaċi tiftaħ kull "qabar" li jeżisti: imbasta nistennew il-ħin opportun. Anke meta l-bniedem jitlef kull tama, Alla kapaċi "joħroġ il-ward mill-blat", għax għal Alla xejn ma hu impossibbli; huwa ħalaq kollox mix-xejn. Kull paġina tal-iskrittura tipprova tgħidilna dan! Mela għalfejn inkomplu niddubitaw?

**Ġesù stess qalilna:**

*"Ġesù weġibhom: "Ħottu dan it-tempju u fi tlitt ijiem nerġa' ntellgħu."Iżda hu tkellem fuq it-tempju tal-ġisem tiegħu. Meta mbagħad qam mill-imwiet, id-dixxipli tiegħu ftakru f'dan li kien qal u emmnu fl-Iskrittura u fil-kliem li kien qal Ġesù." (Ġw 2, 19. 21-22)*

**Aħfrilna Mulej**

- Meta nimbarrawlek il-bibien ta' ħajjitna
- Meta ma nifhmux is-skiet tiegħek
- Meta nxerrdu d-dubji fuqek b'għemilna

**Nitolbu**

Mulej Ġesù, eħlisna minn kull biża' u għinna nwaqqgħu kull ħajt li nkunu bnejna bejnna u bejnek sabiex ma nħallu qatt u xejn jifridna minnek. Ammen.

## 9.
## Għajnuna għal eżerċizzi għaż-żgħażagħ
*Kan. Mikiel Galea*

## "HENJIN DAWK LI JĦENNU GĦAX HUMA JSIBU ĦNIENA"

### L-EWWEL MEDITAZZJONI

### L-IMĦABBA TA' ALLA GĦAL KULL WIEHED U WAĦDA MINNA

**Esperjenza**: Nibda billi nirrakkuntalkom xena minn film li rajt snin ilu. Mela żewġ *honeymooners* kienu fuq in-naħa ta' barra ta' vapur igawdu x-xemx nieżla u l-arja friska ta' filgħaxija. Tinstema' mużika ġejja minn ġewwa. F'ħin minnhom, il-mara ddur lejn żewġha u tgħidlu: "Kieku kelli mmut illejla, kont ngħid li ħajti għextha għax jien ħabbejtek u int ħabbejtni" Ir-raġel jagħtiha bewsa ħafifa. Inwarrbu minn hemm bil-mod il-mod u fuq waħda mill-*life-boats* tidher il-kelma "Titanic", l-isem tal-vapur li ħabat ma' *iceberg* u għereq dakinhar stess li varawh. Fit-traġedja tat-"Titanic" kienu mietu mill-inqas 1500 ruħ, u skont il-film, kienu mietu wkoll dawn iż-żewġ *honeymooners*. Nixtieq nagħmel riflessjoni qasira fuq is-sentenza li qalet din il-miżżewġa żagħżugħa ftit qabel ma mietet. "Kieku kelli mmut illejla, kont ngħid li ħajti għextha għax jien ħabbejtek u int ħabbejtni." Ir-riflessjoni hija din: il-ħajja u l-imħabba huma żewġ esperjenzi marbutin ħafna flimkien. Infatti bniedem jista' jgħid: "Qed ngħix, għandi skop fil-ħajja, naf li jien bniedem daqskemm inħossni maħbub u daqskemm naf inħobb."

Fl-ewwel enċiklika tiegħu, il-Papa Ġwanni II (illum qaddis) kien qal: "Il-bniedem ma jistax jgħix mingħajr imħabba; u mingħajr imħabba, il-bniedem ma jifhem qatt lilu nnifsu u ħajtu tkun bla sens." *(Red. Hom, 10)* u Michele Quost, saċerdot Franċiż, jgħid: "Man was made by love and for love" *(Christian Response, p 108)* "Il-bniedem kien magħmul bl-imħabba u għall-imħabba".

Qed jiġini f'moħħi l-eżempju ta' dak l-ispeċjalista tat-tfal li kull filgħodu kien idur il-*wards* jara l-pazjenti żgħar tiegħu u jordnalhom il-mediċina.

Lit-trabi mgħaxxin, donnhom ma jridux joħolqu, kien jordnalhom ftit imħabba kull tliet sigħat. Dak li jgħodd għal tarbija jgħodd għalija u għalik għax l-imħabba hija bżonn naturali. Bniedem normali jħoss il-bżonn li jkun maħbub mill-oħrajn u, fl-istess ħin, il-bżonn li jħobb lill-oħrajn. Jekk tonqos din l-esperjenza tal-imħabba, il-bniedem jiddispra u jitlef l-iskop tal-ħajja. Sibt ittra fuq il-*Famiglia Cristiana*, rivista Taljana, ittraduċejtha bil-Malti u se naqrahielkom. L-ittra tgħid hekk: "Father, twelidt bi żball! La ommi u lanqas missieri ma riduni u ma ħabbewni. Ommi ppruvat tabortini, iżda ma rnexxilhiex. Sfortunatament, it-tobba salvawli ħajti. Ngħid "sfortunatament" għax qiegħda ngħix fl-infern minn din id-dinja stess...ninsab waħdi. Ħadd ma jħobbni, jien ma nħobb lil ħadd, lanqas lil Alla li ħalaqni! Għalfejn qiegħda ngħix? Nixtieq immut!"

Dan huwa każ estrem u allura jidher daqsxejn imbiegħed, però jien ngħid li jekk nagħtu daqqa t'għajn madwarna, jaħbtu magħna, imissu magħna, għandna nies qegħdin imutu għal ftit imħabba. Agħmluha man-nies, iftħu ftit għajnejkom, iftħu ftit widnejkom u tgħidu: "Iva, veru, hawn nies li qegħdin imutu għal ftit imħabba. Michele Quoist, diġà semmejtulkom jgħid: "Hunger kills millions of human beings each year. Hunger for love is even more devastating, destroying untold human lives." (*Christian Response*, p 108) "Il-ġuħ joqtol miljuni ta' nies fis-sena. Il-ġuħ għall-imħabba huwa iktar gravi, joqtol ħafna iktar milli joqtol il-ġuħ tal-istonku!"

Il-veru foqra mhumiex dawk li m'għandhomx x'jieklu, iżda dawk li m'għandhomx min iħobbhom u jagħti kashom. Dan l-aħħar mort inżur dar tax-xjuħ fl-Ingilterra. Hija dar attrezzata tajjeb, però ma stajt nilmaħ ebda tbissima fuq wiċċ dawn l-anzjani. Rajthom iħarsu kontinwament lejn il-bieb ta' barra. Sirt naf li dawn il-povri anzjani huma minsijin minn kulħadd, ħadd ma jiġi jżurhom u għalhekk dejjem iħarsu lejn il-bieb ta' barra.

Issa ilu ftit taż-żmien. Kont fil-vaganzi tal-Milied u kont qed nisma' ftit l-R.T.K. Patri Elija Vella (kulħadd jafu) kien qiegħed jirrispondi t-telefonati

tas-semmiegħa. Ċemplet waħda mara u qaltlu: "Father, dawn il-jiem ta' festi huma jiem diffiċli ħafna għalija. Kelli tifla li telqet mid-dar u ma tridx taf iktar bija. Kull sena nibagħtilha kartolina, però hi ma tibgħatlix lura. Ilni snin twal nistenna din il-kartolina..." U hawnhekk infaqgħet tibki. Kompliet tgħidlu: "Daqsxejn ta' kartolina ffirmata minnha kulma rrid u dan ifejjaqni."

Min jaf kemm nistgħu nfejqu nies b'daqsxejn imħabba, b'daqsxejn apprezzament, b'kelma sinċiera. L-imħabba kapaċi tagħti sens, skop u tifsira lil ħajjitna. Mela s'issa għedna li kull bniedem iħoss li għandu jkun maħbub, li kull bniedma tħoss li għandha tkun maħbuba. Issa ħa niġu għas-suġġett tal-lejla: **l-imħabba ta' Alla għal kull wieħed u waħda minna**. U hawnhekk se ngħidilkom dak li jikteb San Alfons Marija de' Liguori, isqof u duttur tal-Knisja, dwar l-imħabba li Alla għandu għal kull wieħed u waħda minna. Ara x'jgħidilna. Kulħadd japplika dan il-kliem għalih innifsu. Jgħid San Alfons Marija de' Liguori: "Ġib quddiem għajnejk, ja bniedem, li kien Alla li ħabbek l-ewwel. Kont għadek ma rajtx id-dawl, id-dinja kienet għadha ma saritx, imma jien kont diġà ħabbejtek. Ilni nħobbok minn kemm ilni neżisti. Alla jaf li l-bniedem jinġibed lejn min jagħmillu l-ġid u għalhekk ried jagħtih id-doni tiegħu biex iħajru jintrabat miegħu bl-imħabba: irrid naqbad lill-bniedem għal imħabbti bl-istess xbiek li huma stess iħallu lil min jaqbadhom: bix-xbiek tal-imħabba."

**1.** Fl-ewwel ittra tiegħu, San Ġwann jgħidilna li Alla huwa mħabba. *(4,8)* Imma qabel ma San Ġwann wasal għal din l-akbar rivelazzjoni kien hemm bżonn li l-bniedem jgħaddi minn tisfija kbira għax umanament kien imbiegħed wisq mill-idea li Alla hu mħabba. Infatti fl-imgħoddi (qegħdin nitkellmu dwar eluf u eluf ta' snin qabel Kristu) b'imħabba l-bniedem kien jifhem imħabba tal-ġisem, imħabba emozzjonali, imħabba passjonali, imħabba erotika. Il-bniedem kien jaf iħobb xi ħaġa li togħġbu, kien jaf iħobb annimal, kien jaf iħobb lil bniedem ieħor, kien kapaċi jħobb lil ħabibu, kien kapaċi jħobb it-tfal tiegħu, kien kapaċi jħobb mara. Bħala eżempji nistgħu nsemmu l-ġrajja fil-Ġnien tal-Għeden. Wara li ħalaq lil Adam, Alla ħa kustilja minn ġenb Adam u minnha sawwar mara biex tkun is-sieħba tiegħu. Jgħidilna l-

Awtur tal-Ġenesi: "Alla ġab il-mara li kien ħalaq u taha lil Adam u Adam qal: "Sa fl-aħħar...din id-darba din hi għadma minn għadmi, laħam minn laħmi, għalhekk tissejjaħ mara għax mir-raġel ittieħdet din." Hawnhekk għandna mħabba karnali, tal-ġisem. Imbagħad għandna l-ħbiberija ta' David ma' Ġonatan, it-tifel ta' Sawl. Għandna lil David li jkollu x'jaqsam ma' Betsabeja, jekk din tista' tissejjaħ imħabba. Għandna l-ktieb kollu tal-Għanja tal-Għanjiet. Dan il-ktieb mhux ħlief għanja ta' mħabba bejn għarus u għarusa. Fi ftit kliem, il-bniedem tal-Antik Testment jaf bil-valur tal-imħabba umana.

Wieħed kittieb jagħmel ħafna mistoqsijiet dwar l-imħabba ta' Alla lejna l-bnedmin. Jistaqsi, pereżempju: "Imma din kif inhi li Alla, daqshekk kbir u daqshekk safi, jitbaxxa u jħobb bniedem daqshekk żgħir u daqshekk midneb? U jekk Alla jħobb lill-bniedem, kif jista' dan il-bniedem jirrispondi għal din l-imħabba b'imħabba oħra? X'rabta hemm bejn l-imħabba ta' Alla u l-imħabba tal-bniedem?" Għal dawn id-domandi, l-Iskrittura twieġeb ċar u tond: f'dil-kwistjoni tal-imħabba bejn Alla u l-bniedem, huwa Alla li jieħu l-inizjattiva, huwa Alla li jagħmel l-ewwel pass, huwa Alla li jilgħab l-ewwel karta.

**2.** Ħa naraw ftit kif kien id-djalogu ta' mħabba bejn Alla u l-bniedem fl-Antik Testment. Alla jibda d-djalogu ta' mħabba mal-bniedem bi kmandament. "Il-Mulej qal lill-bniedem: mis-siġar kollha tal-ġnien tista' tiekol, imma mis-siġra ta' tagħrif it-tajjeb u l-ħażin, la tikolx minnha, għax dakinhar li tiekol minnha tmut żgur" *(Ġen 2,16-17)* Imma Adam u Eva dinbu għax kielu mis-siġra li minnha ma setgħux jieklu. Allura, il-misteru tal-imħabba ta' Alla nbidel fi ħniena lejn il-midneb. Alla jwiegħed Feddej. Bil-mod il-mod Alla u l-bniedem reġgħu bdew relazzjoni ta' mħabba bejniethom: l-istorja kollha tas-salvazzjoni.

**3.** L-Antik Testment jippreżentalna l-ħbieb ta' Alla. Nibdew b'Abraham. Alla jsejjaħ lil Abraham u jagħżlu minn fost poplu pagan u jagħmlu ħabib tiegħu. Alla jesprimi l-imħabba tiegħu billi jagħżel nies u jagħmilhom ħbieb tiegħu. Hekk pereżempju, lil Abraham Alla jafdalu s-sigrieti tiegħu. *(Ġen 18,17)* U dan għaliex Abraham wieġeb b'mod pożittiv għall-imħabba li wera miegħu Alla. Narawh iħalli art twelidu għax hekk

xtaq minnu Alla. Narawh lest jissagrifika lil Iżakk kif talbu Alla. Imbagħad niġu għal Mosè. Ħtija tal-Poplu afdat f'idejh, lil Mosè narawh jissielet bejn il-qdusija ta' Alla u d-dnub tal-bniedem. Imma hu jibqa' jirreżisti u jħobb lil Alla sal-mewt għax din kienet is-sejħa tiegħu. Narawh dejjem miexi 'l quddiem fl-imħabba tiegħu lejn Alla u Alla kien jitkellem miegħu wiċċ imb'wiċċ, bħalma bniedem ikellem lil ħabibu. (Eż 33,11) Mosè jkollu rivelazzjoni tal-imħabba kbira u tal-ħniena kbira ta' Alla. Jgħidilna l-Awtur Sagru: "Il-Mulej għadda minn quddiem Mosè u għajjat: Jaħweħ! Jaħweħ! Alla li jagħder u jħenn; tqil biex jagħdab u kbir fit-tjieba u l-fedeltà. Iħares it-tjieba għal elf ġenerazzjoni u jaħfer il-ħażen, id-dnub u l-ħtija." *(Eż 34,6)*

**4.** Imbagħad niġu għal żmien il-profeti. Il-profeti kienu xhieda tal-imħabba ta' Alla għall-Poplu tiegħu. Osea, imbagħad Ġeremija u Eżekjel jitkellmu mal-poplu ta' Iżrael dwar Alla bħallikieku kien għarus li jħobb l-għarusa tiegħu. Issa ħalliha li l-poplu kien ta' sikwit jittradixxi lil Alla u jwebbes rasu. Imma l-imħabba ta' Alla hija dejjem ikbar mid-dnub. Kull darba li l-Poplu jidneb, Alla kien jaħfirlu u jerġa' jagħtih qalb ġdida li kapaċi tħobb. Imbagħad hemm tixbihat oħra li jesprimu l-imħabba ta' Alla lejn il-Poplu Lhudi, bħalma hija it-tixbiha tar-ragħaj u tal-għalqa tad-dwieli li nsibu fil-ktieb tal-Profeta Ezekjel. Sfortunatament, il-Poplu Lhudi ma kienx dejjem fidil lejn Alla li tant ħabbu. Ġieli dar lejn allat foloz...imma xorta waħda Alla dejjem jaħfirlu u jerġa' jibni pont bejnu u bejn dal-Poplu traditur.

Wara l-Eżilju, ippurifikat mid-dnubiet tiegħu, il-Poplu ta' Alla jiskopri dejjem iżjed li r-relazzjoni tiegħu m'Alla hija djalogu ta' mħabba. Hekk pereżempju rridu ninterpretaw il-Ktieb tal-Għanja tal-Għanjiet. L-għarus u l-għarusa jħobbu lil xulxin b'imħabba qawwija bħall-mewt. *(8,6)*. Wara l-Eżilju, il-Poplu Lhudi beda jinduna li Alla ma jħobbux biss bħala poplu, iżda wkoll individwu individwu. Alla jħobb mhux biss lill-mexxejja li Hu kien jagħżel imma lil kull Lhudi u Lhudija. Alla jħobb lill-fqir u liż-żgħir. Iktar ma beda jgħaddi ż-żmien, Alla wera ruħu qed iħobb ukoll lill-pagani, bħal fil-każ ta' Ġona, anzi jħobb kulma ħoloq. L-Awtur tal-Ktieb tal-Għerf idur lejn Alla u jgħidlu: "Int, Mulej, tħobb lil kulħadd, għax tista' kollox; int tagħlaq għajnejk għal dnubiet il-bnedmin biex huma

jindmu. Għax int tħobb il-ħlejjaq kollha u xejn ma tistmell minn kull ma għamilt; li kien hemm xi ħaġa li stajt tobgħodha, int ma kontx tagħmilha." (23,24)

Hekk kif bdiet riesqa l-miġja tal-Messija, il-Lhudi tajjeb li kien jimmedita l- Iskrittura jibda jinduna li hu maħbub minn Alla u jgħanni l-ħniena tiegħu. (Salm 136) Din l-imħabba tal-bniedem lejn Alla għaddiet mill-prova tan-nar kemm-il darba. Xi Lhud waslu anki għall-martirju, bħal fil-każ tal-Makkabej u iktar tard, tar-Rabbi Akiba li miet għall-fidi tiegħu fis-sena 135 qabel Kristu. Dan ir-Rabbi kuraġġjuż wasal biex qal: "Jien ħabbejt lil Alla b'qalbi kollha u bil-qawwiet tiegħi kollha; kien għad ma kellix l-okkażjoni li nħobbu b'dak kollu li jien, imma issa l-mument wasal."

**5.** Issa ħa niġu għat-Testment il-Ġdid. Jekk fl-Antik Testment (kif għadna kemm rajna) l-imħabba ta' Alla lejn il-bniedem dehret permezz ta' fatti konkreti, issa fit-Testment il-Ġdid l-imħabba ta' Alla tidher fil-Persuna ta' Ġesù Kristu li ġie fid-dinja u għex fostna bħala Alla u bniedem fl-istess ħin biex ikun id-djalogu ta' mħabba bejn Alla u l-bniedem. Ġesù huwa r-rigal tal-Missier lilna l-bnedmin. Il-wegħdiet tal-Profeti tal-Antik Testment issa seħħew fir-realtà għax Alla bagħat lil Ibnu fid-dinja biex ikun il-Feddej ta' kulħadd għax Alla jixtieq is-salvazzjoni ta' kulħadd. Fil-Persuna ta' Ġesù jseħħ it-tieġ etern bejn Alla u l-umanità. Quddiem din il-ġrajja tal-għaġeb, il-bniedem ma jistax ma jumiljax ruħu u jrid jagħraf li l-Persuna ta' Ġesù ngħatatlu bħala don gratuwitu. Ġesù qal lil Nikodemu li mar għandu bil-lejl: "Għax Alla hekk ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni, biex kull min jemmen fih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem. (Ġw 3,16)

Issa wasal il-mument li l-imħabba ta' Alla ma tinħassx biss fil-kuntatti li n-nies ta' żmienu kellhom ma' Ġesù, imma iktar minn hekk, permezz tal-istess Persuna ta' Ġesù. L-eżistenza ta' Ġesù fid-dinja hija d-dehra, il-manifestazzjoni, l-epifanija, tal-imħabba ta' Alla lejna l-bnedmin. Il-ħajja kollha ta' Ġesù hija xhieda ta' dan id-djalogu ta' mħabba (semmejnieh kemm-il darba) bejn Alla u l-bnedmin. Ġesù ġie fid-dinja biex jagħmel ir-rieda tal-Missier. Huwa jisma' kontinwament il-Kelma ta' Missieru u

jagħmilha. Għadda fit-toroq tal-Palestina jagħmel il-ġid u jfejjaq lil dawk kollha li kienu maħkuma mix-xitan, għax Alla kien miegħu. Ħabb lil kulħadd, b'mod speċjali lil dawk l-aktar iddisprezzati u lil dawk li ma kienx jistħoqqilhom. Kollox gratwitament u mingħajr kundizzjonijiet. Lill-Appostli tiegħu ma baqax isejħilhom qaddejja tiegħu, imma ħbiebu, għax il-qaddejja ma jafux x'jagħmel sidhom. Kulma kien jisma' mingħand Missieru, hu kien jgħarrafulhom. Naturalment, din l-imħabba ta' Ġesù lejna l-bnedmin titlob imħabba min-naħa tagħna lejh. Il-kmandament: "Ħobb lill-Mulej Alla tiegħek b'qalbek kollha, b'ruħek kollha u bis-saħħa tiegħek kollha," għadu jgħodd. Min iħobb lil Ġesù ikun qed iħobb lill-Missier. Fl-aħħar nett, tħobb lil Ġesù jfisser iżżomm f'qalbek il-Kelma tiegħu u tagħmilha. Fl-istess ħin tiċħad lilek innifsek u timxi warajh mgħobbi bis-salib tal-ħajja.

**6.** Fuq is-salib, l-imħabba ta' Alla għalina l-bnedmin tidher fl-aqwa tagħha. Is-salib huwa d-dehra, il-manifestazzjoni, l-epifanija tal-imħabba ta' Alla. Kien hemm bżonn li Ġesù jbati tbatija kbira sabiex jiġu murija l-ubbidjenza tiegħu lejn il-Missier u l-imħabba tiegħu lejn dawk li l-Missier fdalu f'idejh. Bil-libertà kollha u meta Alla jidher assenti (xi kittieba jitkellmu dwar is-silenzju ta' Alla) Ġesù jasal għall-mument tal-akbar imħabba, jaħfer u jiskuża lil dawk li sallbuh u hemmhekk, imdendel fuq is-salib, huwa juri l-glorja tiegħu. Hu stess kien qal: "Meta nkun merfugħ 'il fuq jiena niġbed il-bnedmin kollha lejja."

**7.** Iktar kmieni f'din il-meditazzjoni aħna kkwotajna lil San Ġwann li ħareġ bid-definizzjoni stupenda li Alla huwa mħabba. In-Nisrani, immexxi mill-Ispirtu s-Santu biex jgħix dan id-djalogu ta' mħabba mal-Missier, ikun qed joqrob lejn Alla. Għax illum il-ġurnata Alla ma jurix lilu nnifsu kif inhu billi jitkellem, billi jseħħ, billi jaġixxi...Imma, Hu u jagħti lil ibnu għalina lkoll, Alla jkun qed juri kif kien sa mill-eternità, kif inhu fil-preżent u kif se jkun fil-ħajja ta' dejjem.

Ħa nagħlaq din il-meditazzjoni b'żewġ eżempji. **L-ewwel eżempju**: Fatt veru. Mela jum fost l-oħrajn, San Franġisk Reġis ried jirbaħ ruħ ta' bniedem ikkundannat għall-mewt biex dan jerġa' jitħabbeb m'Alla qabel joqtluh. Meta dak kollu li qallu kien jidher għal xejn, Franġisk Reġis beda

jkellmu fuq l-imħabba li Alla għandu għal kull bniedem. Urieh il-kurċifiss u qallu: "Dan l-Imsallab iħobb lilek ukoll!" U hawnhekk sar il-miraklu tal-konverżjoni. Il-kriminal staqsieh: "Veru li Kristu Msallab iħobbni kif jien?" U Franġisku Reġis qallu: "Dażgur li jħobbok." Dak il-ħin stess, il-kriminal għamel qrara ġenerali u mar għall-mewt ħabib m'Alla. **It-tieni eżempju**: Mela l-Indjani għandhom din il-leġġenda: mela anġlu mis-sema deher lil wieħed Indjan u wrieh il-lista ta' dawk li jħobbu lil Alla. Dan l-Indjan talab lill-anġlu jsiblu ismu fuq din il-lista. L-anġlu beda jaqra l-lista tal-ismijiet u meta spiċċa ħassu imbarazzat jgħidlu li ismu ma kienx fil-lista. L-Indjan tant iddispjaċieh li beda jibki. Però mbagħad l-anġlu wrieh lista oħra, il-lista ta' dawk maħbubin minn Alla u ħaġa tal-għaġeb, l-anġlu sab li isem dan l-Indjan kien l-ewwel wieħed fil-lista ta' dawk maħbubin minn Alla.

## IT-TIENI MEDITAZZJONI

## IL-ĦNIENA TA' ALLA

**Esperjenza**: Pietro kien missier Giovanna u Claudia. L-ewwel waħda kellha sbatax-il sena u t-tieni waħda kellha ħmistax-il sena. Pietro kien iħobbhom b'imħabba tal-ġenn, kif ġeneralment jagħmlu missirijiet oħrajn. Mela jum fost l-oħrajn Giovanna, titriegħed bil-biża' għax ma tafx kif kienu se jeħduha missierha u ommha, waqt li kienu jieklu qaltilhom li kienet inqabdet tqila.Veru li żbaljat, imma issa ma kienx hemm x'tagħmel. Ovvjament missierha u ommha ddispjaċihom ħafna. Però quddiem dal-fatt mhux mistenni u doloruż (għax huma kienu taw lil uliedhom valuri tajbin), il-missier għamel minn kollox biex iġib ruħu kif kieku kien iġib ruħu Ġesù. Il-ħniena għelbet id-dispjaċir u r-rabja li kellu. U wieħed ħabib tiegħu stagħġeb bl-atteġġjament ta' Pietro, dan il-missier imnikket, u tah parir biex ikun aħrax ma' Giovanna għax billi kien jaf kemm dan Pietro kellu żgħożija mgerfxa u kemm għamel ġennati, qisu ma ridx li t-tifla ta' ħabibu tkun bħal missierha. Imma Pietro wieġbu b'kalma kbira: "Ħabib tiegħi, xi tridni nagħmel? Inkeċċiha 'l barra? Dak li ma nagħmilx! Anzi nilqagħha b'dirgħajja miftuħin u naħfrilha, ħalli nibki f'qalbi. Jekk inkun aħrax magħha kif qed tgħidli int, inkun fariżew...Binti għamlet dnub...imma kienu tnejn li għamlu dnub...it-tieni midneb kont jien...mela nsejt kemm praspar għamilt meta kont għadni ta' għoxrin sena? Iva, il-ħati huwa jien!" *(J. Hericourt, Ecco la notte)*

**1.** Fil-meditazzjoni tal-lum se nitkellmu fuq il-**ħniena ta' Alla**. Ħa nibdew billi nfissru l-kelma "ħniena". Meta fl-Antik Testment tintuża din il-kelma, "ħniena materna", dejjem intużat b'tifsira speċjali. X'inhi din it-tifsira speċjali? Immaġinaw xi tħoss mara għal uliedha. L-imħabba tal-omm lejn uliedha hija mħabba ġejja mill-vixxri tagħha, kważi kważi mill-organi interni tagħha, jiġifieri minn qalbha, minn fwiedha, mill-imsaren tagħha. Jgħidu li l-ħniena hija l-akbar attribut ta' Alla. San Tumas ta' Aquino jgħid li hi xi ħaġa proprja ta' Alla li juża l-ħniena u b'dan il-mod hekk speċjali. Dan il-kliem ta' San Tumas ta' Aquino juri kemm il-ħniena divina mhi xejn sinjal ta' dgħufija, imma pjuttost il-kwalità tas-setgħa bla tarf ta' Alla. F'waħda mill-eqdem kolletti (il-kolletta hija t-talba li jgħid is-

saċerdot fil-bidu tal-quddiesa wara l-att penitenzjali), il-Knisja titlob hekk: "O Alla, inti tagħtina l-aqwa xhiedha tas-setgħa tiegħek bla tarf billi taħfrilna u tħenn għalina." Fl-istorja tal-bniedem, Alla huwa dejjem dak li hu preżenti, qrib tagħna, providenzjali, qaddis u ħanin. Il-Kurat ta' Ars kien iħobb jgħid tliet affarijiet fil-katekeżi tiegħu: 1) Ma tistax tpoġġi limiti lill-ħniena ta' Alla. Jekk tpoġġi xi limiti lill-ħniena ta' Alla tkun qed tidgħi, għax il-ħniena ta' Alla hija infinita. 2) Jekk nitolbuh il-ħniena, Alla li hu tjubija bla qies, ikollu jgħaġġel jagħtihielna eżattament bħalma omm tkun lesta li toħroġ min-nar lil binha l-għażiż. 3) Meta wieħed jersaq għall-qrar biex jirċievi l-ħniena u l-maħfra ta' Alla jkun qisu qed jersaq lejn Ġesù Msallab u jneħħilu l-imsiemer li bihom huwa msammar mas-salib. Il-Ġiżwita Anthony de Mello jagħmel din l-osservazzjoni. Jgħid: "Alla bħal qisu marbut mal-bniedem b'daqsxejn ta' spaga. Meta jidneb, din l-ispaga tinqata'. Dal-midneb jitlob lil Alla jaħfirlu u Alla jagħmel għoqda biex jerġa' jorbot l-ispaga. B'dan il-mod il-bniedem ikun resaq iktar qrib ta' Alla. Arah jerġa' jidneb u l-ispaga tinqata' għal darba oħra u Alla jerġa' jorbotha. Hekk il-midneb niedem minn dnubietu jerġa' jersaq biċċa oħra lejn Alla u nistgħu nkomplu sejrin hekk. Ma jfissirx li għandek tidneb kemm tiflaħ, imma żomm f'moħħok li kull darba li tidneb, il-Mulej qed iressqek lejh dejjem iżjed. Darba wieħed prinċep kellu ġawrha li kienet prezzjuża ħafna għalih. Jum fost l-oħrajn, bi żball, dil-ġawhra waqgħet fl-art u xxelfet mhux ħażin. Għalhekk il-prinċep sejjaħ għandu l-aqwa speċjalisti biex, jekk jista' jkun, jerġgħu jillixxaw dil-ġawhra prezzjuża. Imma minkejja l-isforzi kollha tagħhom ħadd minnhom ma rnexxielu jirranġa l-ħsara li kienet saritilha. Mela jasal f'dak il-pajjiż wieħed li jaħdem fid-djamanti. Kellu kapaċità mhix tas-soltu biex jaħdem fuq il-ġawhar u fuq id-djamanti. X'taħsbu li għamel minn din il-ġawhra imxellfa? B'sengħa kbira u b'ħafna paċenzja naqqax dil-ġawhra f'warda sabiħa, anzi isbaħ minn qabel. Hekk jiġri meta wieħed jersaq lejn Alla u jitolbu jħenn għalih. Il-bniedem isir isbaħ minn qatt qabel.

Wara li tajna tifsira tal-kelma "ħniena", se nibdew il-meditazzjoni tagħna llum billi naraw ftit x'valur għandha dil-ħniena ta' Alla fl-Antik Tesment. Nibdew bil-ktieb tas-salmi. Hemm ħafna drabi f'dan il-Ktieb tas-Salmi fejn is-salmista jitlob lil Alla u jgħidlu: "Ikollok ħniena minni, Mulej." *(ara Sal 4,2; 6,3; 9,14; 25,16)* Fil-ktieb tas-salmi nsibu wkoll lis-salmista

jirringrazzja lil Alla għall-imħabba dejjiema tiegħu. "Roddu ħajr lill-Mulej, għax hu tajjeb, għax għal dejjem il-ħniena tiegħu." *(Salm 106,1)* Alla juri ħniena wkoll ma' dawk li jsejħulu fil-miżerja tagħhom, pereżempju l-baħħara fil-periklu. Jgħid is-salmista: "Dawk li jbaħħru fuq l-iġfna...raw l-opri tal-Mulej u l-għeġubijiet tiegħu f'qiegħ il-baħar...Għolew sas-smewwiet u niżlu sa qiegħ il-baħar, qalbhom bdiet tferfer bil-biża'...imma għajtu lill-Mulej fil-hemm tagħhom u mid-dwejjaq tagħhom ħelishom." *(Salm 107,23-28)* Alla hu ħanin mal-bnedmin kollha, huma min huma. Infatti jippreżenta ruħu bħala avukat tal-fqir, tar-romol u tal-orfni. Dawn huma l-iktar nies ipprivileġġjati tiegħu. Imbagħad għandna l-esperjenza tal-ħruġ tal-Poplu Lhudi mill-art tal-Eġittu. Il-kelma "ħniena" ma tissemmiex, iżda fis-sejħa li għamel lil Mosè, Alla jgħidlu: "Jiena ħarist u rajt it-tbatija tal-poplu tiegħi fl-Eġittu. U jiena smajt il-karba tagħhom u għaraft l-ugigħ tagħhom. Issa nżilt biex neħlishom minn idejn l-Eġizzjani..." *(Eż 3,7.80)*

**2.** Imma x'jiġri jekk dan il-poplu magħżul u li Alla għamel tant miegħu, jinfired minnu permezz tad-dnub? Il-ħniena ta' Alla terġa' tirbaħ, dejjem jekk il-poplu ma jwebbisx rasu. Infatti, anki jekk jidneb u forsi jlaqqat xi kastig għax dineb, Alla jrid dejjem isalva lill-bniedem midneb. Hekk, meta fid-dnub, il-bniedem jista' jagħmel esperjenza mill-iktar profonda tal-ħniena infinita ta' Alla li jħobbu.

Fuq il-Muntanja Sinai, Mosè jħoss li Alla rrivelalu verament min hu. Il-Poplu Lhudi għadu kif bidel lil Alla ma' għoġol tad-deheb. Imma Alla, wara li afferma l-libertà tiegħu li juri ħniena ma' min irid *(Eż 33,19)*, jipproklama li mingħajr ma jonqos mill-qdusija tiegħu, il-ħniena divina tiegħu tista' tirbaħ fuq id-dnub. Jgħidilna l-Awtur Sagru: "Il-Mulej għadda minn quddiem Mosè u għajjat: Jaħweh! Jaħweh! Alla li jagħder u jħenn; tqil biex jagħdab u kbir fit-tjieba u l-fedeltà. Iħares it-tjieba għal elf ġenerazzjoni u jaħfer il-ħażen, id-dnub u l-ħtija; imma ma jħalli xejn għaddej; jikkastiga l-ħażen tal-missirijiet f'uliedhom u f'ulied uliedhom sat-tielet u sar-raba' ġenerazzjoni." (Eż 34,6s) Infatti, matul l-istorja kollha tas-salvazzjoni, mhux l-ewwel darba li Alla kkastiga lill-poplu tiegħu, però jerġa' jaħfirlu jekk jindem minn dnubietu. Fil-Ktieb tal-Imħallfin għandna lil Alla li kultant jimtela bil-korla għall-poplu li jkun tbiegħed

minnu, imma mbagħad jerġa' jħenn għalih. Jgħid l-Awtur Sagru: "Kull meta l-Mulej kien iqajmilhom l-imħallfin, Hu kien ikun mal-imħallef u kien isalvahom minn id l-għedewwa tagħhom sakemm idum ħaj l-imħallef; għax il-Mulej kien iħenn għall-krib tagħhom minħabba dawk li kienu jaħqruhom u jgħakksuhom." *(Imħallfin 2,18)*. Għandna mbagħad lil Osea li jgħid li jekk Alla jiddeċiedi li jikkastiga lill-poplu tiegħu u ma jurix iktar ħniena miegħu, qalbu u l-vixxri tiegħu jerġgħu jitqanqlu u jerġa' lura minn kelmtu. Dan sabiex forsi l-mara li ttradiet lil Alla terġa' lura mill-iżball tagħha u l-Mulej iħenn għaliha. Anki meta l-profeti jħabbru kastigi kbar, fl-istess ħin iħabbru l-ħniena ta' Alla. Għandna, pereżempju, dak li ħabbar il-profeta Ġeremija: "Jaqaw Efrajm l-iben għażiż! Jaqaw it-tfajjel tal-għaxqa tiegħi? Għax kull meta nitkellem kontrieh, jien niftakar iktar fih. Għalhekk il-ġewwieni tiegħi jitqanqlu għalih u żgur li nħenn għalih. *(31,30)*

**3.** Però issa ħa niġu għat-Testment il-Ġdid. Papa Franġisku, huwa u jniedi l-Ġublew tal-Ħniena, jgħidilna li Ġesù Kristu huwa wiċċ il-ħniena tal-Missier. Ikompli jgħid li l-Misteru tal-fidi Nisranija donnu jsib f'din il-kelma l-ġabra sħiħa tiegħu. Il-ħniena tal-Missier saret ħajja, dehret b'mod viżibbli u laħqet il-quċċata tagħha f'Ġesù ta' Nazareth. Il-Missier, għani fil-ħniena, wara li wera ismu lil Mosè bħala "Alla li jagħder u jħenn; tqil biex jagħdab u kbir fit-tjieba u l-fedelta" *(Eż 34,6)*, ma hediex, b'ħafna modi u f'bosta waqtiet tal-istorja, jgħarraf in-natura divina tiegħu. Fil-milja taż-żmenijiet, Huwa bagħat lil Ibnu mwieled mill-Verġni Marija biex jurina darba għal dejjem l-imħabba tiegħu. Bil-kelma tiegħu, bl-għemejjel tiegħu u bil-persuna tiegħu, Ġesù ta' Nazareth jurina l-ħniena tal-Missier. Hawn ħa nagħmel **erba' riflessjonijiet**.

**4.** **L-ewwel riflessjoni**: Ġesù Kristu huwa Salvatur ta' kulħadd, imma b'mod speċjali tal-midinbin. Ħa nitkellmu ftit fuq il-ġrajja tal-Inkarnazzjoni, meta l-Iben ta' Alla sar bniedem bħalna fil-ġuf ta' Marija, bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu. Dan ġara meta hi u Ġużeppi kienu għadhom għarajjes, allura qabel ma marru joqogħdu flimkien. Ġużeppi tħawwad mhux għax ħaseb ħażin f'Marija, imma għax, ta' bniedem umli li kien, ma ħassux denn li jidħol f'dal-Misteru ta' Alla. Però, jgħidilna San Mattew, deherlu anġlu waqt ħolma u qallu: "Ġużeppi, xejn la tibża' tieħu

għandek lil Marija bħala martek, għax dak li tnissel fiha ġej mill-Ispirtu s-Santu. Hi se jkollha Iben u int issemmieh Ġesù għax hu jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom." Mela, fi kliem ieħor, f'Ġesù ta' Nazareth, il-ħniena u l-maħfra ta' Alla tat-Testment il-Qadim, isiru laħam, jikkonkretizzaw ruħhom b'mod li jidher. U dan se narawh fil-ftit ħin li baqgħalna.

**5. It-tieni riflessjoni**: Ġesù tal-Vanġelu jipprietka l-konverżjoni u l-maħfra tad-dnubiet. Immaġinaw ix-xena ta' Ġwanni l-Battista ħdejn ix-Xmara Ġordan, qed jgħammed lill-midinbin niedma minn ħtijiethom. Ġesù, għalkemm ma kellu ebda dnub, jidħol fil-filliera tal-midinbin u jitlob li jitgħammed Hu wkoll. Din kienet ġrajja importanti ħafna għax, sa mill-bidu nett tal-ħajja pubblika tiegħu, Ġesù xtaq juri ruħu solidali mal-midinbin, ma' dawk li jindmu u jixtiequ jibdew ħajja ġdida, ma' dawk li ma kinux kuntenti bil-ħajja li kienu qegħdin jgħixu. Malli Ġwanni l-Battista ġie arrestat u maqful il-ħabs, Ġesù kompla u pperfezzjona l-predikazzjoni ta' Ġwanni: "Indmu għax is-Saltna ta' Alla waslet: indmu u emmnu fil-bxara t-tajba." Iktar tard, fost il-parabboli li kien iħobb jirrakkonta, Ġesù għandu tliet parabboli marbutin mal-ħniena u mal-maħfra ta' Alla. Insibuhom wara xulxin fil-kaptilu 15 tal-Vanġelu ta' San Luqa. Nibdew bil-parabbola tar-ragħaj li kellu mitt nagħġa u ntilfitlu waħda minnhom. X'jagħmel dan ir-ragħaj? Iħalli d-disgħa u disgħin l-oħra fid-deżert u jmur ifittex lill-mitlufa sa ma jsibha. Meta jsibha, jifraħ biha, jerfagħha fuq spallejh, imur id-dar u lil ħbiebu jgħidilhom: "Ifirħu miegħi, għax sibt in-nagħġa li kienet intilfitli." Ernesto Olivero, kittieb Taljan, jagħmel dal-kumment fuq din il-parabbola. Jgħid: "Il-kalkoli ta' Ġesù huma differenti mill-kalkoli tagħna. Jekk għalina disgħa u disgħin huma iktar importanti minn waħda, għal Ġesù dik il-waħda li ntilfet kemm kemm mhix importanti iktar mid-disgħa u disgħin li jinsabu ġewwa! Tiġi mbagħad il-parabbola tal-mara li kellha għaxar drakmiet u tilfet waħda minnhom. X'tagħmel din il-mara? Tixgħel il-musbieħ, tiknes id-dar u tfittixha bil-għaqal sa ma ssibha. Meta ssibha, issejjaħ lill-ġirien u lil ħbiebha u tgħidilhom: "Ifirħu miegħi, għax sibt id-drakma li kienet intilfitli." Fuq din il-parabbola, ċertu Father Martin Burne għandu ktieb jismu: "A furiously Sweeping Woman." Jgħid Burne, lil dil-mara tiknes b'kemm għandha ħila, nistgħu nqisuha "l-kaċċa tal-imħabba ta' Alla għal

kull wieħed u kull waħda minna." Fl-aħħar nett tiġi l-parabbola tal-iben il-ħali. Nafuha bid-dettalji kollha tagħha. Il-kumment li jagħmlu ħafna dwar din il-parabbola huwa dan: forsi aħjar nitkellmu dwar il-parabbola tal-Missier il-ħali milli dwar il-parabbola tal-iben il-ħali, għax il-missier ħela mħabbtu kollha fuq dan l-iben li tbiegħed minnu u reġa' ġie lura għandu fqir u mċerċer. Helder Camara, Arċisqof tal-Brażil (illum mejjet) għandu din it-talba sabiħa lill-iben il-ħali. Tgħid hekk din it-talba: "Iben il-ħali li tinsab fis-sema, iben salvat mill-mewt għax fdajt lil missierek, kun ta' eżempju għal tant żgħażagħ ħaljin bħalek. O żagħżugħ ħali, li messejt b'idejk il-kruha tas-solitudni, il-vojt li jġib miegħu d-dnub, għenni nitlob f'dan il-lejl ta' dwejjaq għal dawk il-missirijiet ħaljin li qallbu ta' taħt fuq il-parabbola ta' Kristu u li imitaw sal-aħħar ix-xbieha tal-missier il-ħali.

6. **It-tielet riflessjoni**: Darba waħda, il-qaddis kbir Sant'Antnin ta' Padova, b'ispirazzjoni ġejja minn Alla, sar jaf li fl-Eġittu kien hemm jgħix fost ħafna midinbin skarpan umli iktar qaddis minnu. Billi xtaq jipperfezzjona lilu nnifsu dejjem iżjed fil-ħajja spiritwali, Sant'Antnin mar sabu u ried ikun jaf is-sigriet tal-qdusija tiegħu u staqsieh: "X'għamilt biex imxejt daqshekk 'il quddiem fil-ħajja tal-qdusija?" L-iskarpan wieġbu: "Jiena ma jien xejn fil-ħajja tal-qdusija. Xogħli hu li nagħmel u nsewwi ż-żraben." "X'tagħmel iżjed?" staqsieh Sant'Antnin? Kif tgħaddi l-ġurnata tiegħek?" L-iskarpan wieġbu: "Naqsamha fi tliet partijiet. Nagħmel tmien sigħat xogħol, tmien sigħat talb u tmien sigħat irqad." Sant'Antnin, wara li ħaseb bejnu u bejn ruħu li l-ġranet tiegħu kienu saħansitra iktar mimlijin b'opri tajba minn tal-iskarpan, kompla jinsisti miegħu: "Imma x'inhu s-sigriet tal-qdusija tiegħek? Forsi l-faqar tiegħek?" L-iskarpan umli wieġbu: "Anki f'dil-ħaġa jiena naqsam id-dħul tiegħi fi tliet biċċiet. Nagħti biċċa minnhom lill-foqra, biċċa oħra lill-Knisja u l-parti l-oħra nżommha għalija." U Sant'Antnin, li kien ta kollox lill-foqra biex jimxi wara Ġesù iktar mill-qrib, kompla jistaqsi lill-iskarpan: "Imma x'tagħmel iktar għal Alla? Kif tagħmel biex tgħix intimament ma' Alla f'din il-belt mimlija midinbin?" B'sempliċità kbira l-iskarpan wieġbu: "Nistqarr li jien ma nħossnix f'posti f'din il-belt. Spiss bil-lejl ma norqodx nara madwari tant midinbin u naqbad nibki. Imma mbagħad insib il-konsolazzjoni tiegħi meta nibda nitlob lill-Mulej u ngħidlu: "Mulej,

ismagħni. Dawn il-midinbin huma ħuti! Tikkundanhomx, ikkundanna lili flok tikkundanna lilhom! Ibgħat lili l-infern flok tibgħat lilhom." Imbagħad Sant'Antnin fehem is-sigriet tal-qdusija vera: dik li tkun tixbah lill-Missier tas-sema, li jtella' x-xemx tiegħu fuq it-tajbin u fuq il-ħżiena u jibgħat ix-xita tiegħu kemm fuq it-tajbin kif ukoll fuq il-ħżiena. U l-aħħar imma mhux l-inqas, meta bagħat lill-Ibnu fid-dinja biex isalva lill-midinbin.

7. **Ir-raba' riflessjoni**: Ġesù tal-Vanġelu jbati u jmut għall-midinbin. Fil-Vanġelu ta' San Ġwann, Ġesù jxebbah lilu nnifsu ma ragħaj u jgħid: "Jiena r-ragħaj it-tajjeb...għan-ngħaġ tiegħi jiena nagħti ħajti." Fl-aħħar ċena, kif irrakkuntata minn San Mattew, Ġesù jieħu l-kalċi f'idejh, irodd ħajr, inewlu lid-dixxipli tiegħu u jgħidilhom: "Ixorbu lkoll minnu, għax dan huwa demmi, id-demm tal-patt il-ġdid li jixxerred għall-kotra għall-maħfra tad-dnubiet. Ftit tas-sigħat wara, Ġesù kien qed ixerred demmu u jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra tal-bnedmin kollha, speċjalment għall-midinbin. Dun Karm Psaila jgħidlu: "L-aħħar qatra ta' demmek tajthielna..." Marie Noel tikteb hekk fid-djarju tagħha: Iddur lejn il-Mulej u tgħidlu: "Mulej ġejt ħdejk imma m'għandi xejn x'noffrilek ħlief l-offiżi li għamiltlek, il-kuxjenza nkallata tiegħi, id-dubji tiegħi, id-dnubiet tiegħi, il-miżerja tiegħi...Meta semmejtlu dan il-ħmieġ tiegħi, il-Mulej qalli: agħtihomli! Aghtihomli! U jien għedtlu: x'se tagħmel b'dan iż-żibel u b'dan il-ħmieġ? Il-Mulej weġibni: se nagħmel is-saltna ta' Alla."

Hemm leġġenda Ċiniża li tgħid hekk: Kien hemm wieħed sultan li kien jiggverna l-pajjiż b'ġustizzja mill-iktar skrupluża. Ħareġ digriet li kien jgħid hekk: min jagħmel xi delitt, ikollu jħallas bil-qares. Jinqalgħulu ż-żewġ għajnejn ħalli ma jarax iżjed. Mela jum fost l-oħrajn ġabulu quddiemu wieħed żagħżugħ li kien wettaq delitt gravi. Kif rah quddiemu, is-sultan tnikket għall-aħħar għax daż-żagħżugħ kien ibnu stess. "X'se nagħmel?", beda jaħseb bejnu u bejn ruħu s-sultan. Naħfirlu? Imma mbagħad kif inkun ġust? Naqlagħlu għajnejh it-tnejn bħalma ħriġt fid-digriet? Imma mbagħad jibqa' ma jarax ħajtu kollha. Is-sultan ġie bejn ħaltejn x'jaqbad jagħmel. Wara li rrifletta għal ftit minuti qal naf x'nagħmel. "Lil ibni naqlagħlu għajn waħda u naqla' oħra minn tiegħi. It-tagħlima li toħroġ minn din il-leġġenda hija din. Hekk għamel Alla

tagħna magħna meta ssagrifika lil Ibnu fuq is-salib. Żagħżugħ Ingliż mar iqerr biex mingħalih jgħaddi biż-żmien lill-konfessur u rrakkuntalu xkora dnubiet li ma kienx għamel. Is-saċerdot mill-ewwel ħaseb ħażin u qallu, "Qabel ma ntik l-assuluzzjoni, trid tmur quddiem l-altar maġġur, tħares lejn il-kurċifiss u għall-erba' darbiet tgħidlu: "Ara sa fejn kelli nasal minħabba l-amor proprju tiegħi, u jien ma jimpurtani xejn..." Hekk għamel dan iż-żagħżugħ. Mar quddiem l-altar maġġur, ħares lejn il-kurċifiss u għal erba' darbiet irrepeta dak li qallu jgħid il-konfessur. "Ara sa fejn kelli nasal minħabba l-amor proprju tiegħi u jien ma jimpurtani xejn..." Ma setax ikompli. Qam minn fejn kien għarkupptejh u telaq 'il barra. Illum il-ġurnata, daż-żagħżugħ li mingħalih mar iqerr biex jgħaddi biż-żmien lill-konfessur, huwa saċerdot, qaddej tal-Mulej.

**8.** Nispicca b'fatt veru li ġara f'Settembru tal-1864 fil-ħabs ta' Bordeaux. Mela ċertu patri Dumnikan Franċiż, li kien jismu Giovanni Giuseppe Lataste, mar jipprietka l-eżerċizzi tar-Randan ġo ħabs għan-nisa. Dan il-patri żagħżugħ ipprepara l-meditazzjonijiet tiegħu u għamel enfasi fuq il-ħniena ta' Alla li toffri maħfra lill-midinbin kollha li jixtiequ jibdew ħajja ġdida. Biex jesprimi aħjar il-konvinzjoni tiegħu (li Alla hu ħanin u lest jaħfer lil min jindem) lit-350 nisa maqfulin fil-ħabs qalilhom: "Alla mhux qed jitlobkom x'kontu, imma qed jitlobkom x'intom. Ma jimpurtahx li qabel kontu tajbin u issa intom ħżiena. Li jimpurtah hu li, kien x'kien l-imgħoddi tagħkom, issa ma tridux tikkunsidraw iktar lilkom infuskom bħala ħabsin, imma bħala erwieħ mogħtija lil Alla, fuq l-eżempju tal-erwieħ ikkonsagrati..." Mela din l-aħbar it-tajba li wasslilhom dan il-patri, jiġifieri li huma maħbubin minn Alla għamlu x'għamlu, qanqlet emozzjonijiet ta' ferħ f'dawn in-nisa emarġinati. Wara li qarret, waħda minnhom qalet lill-patri: "X'nista' nixtieq iktar milli anki jien nidħol f'komunità ta' sorijiet meta noħroġ minn hawn biex inkompli ngħix din ir-realtà meraviljuża li skoprejt waqt il-prietki tiegħek?" Mara oħra jisimha Anġelika, afdat mal-konfessur li dik il-ġurnata kellha f'moħħha li toqtol ruħha b'idejha. Għaliha, il-ħajja ma kien għad baqgħalha sens ta' xejn...Fi tmiem il-qrar tagħha, Anġelika esprimiet mal-konfessur ix-xewqa tagħha li ssir soru...Jekk Alla kien ħafrilha u issa waslet biex tħobbu b'imħabba tal-ġenn, ma kienx għad baqgħalha x'tagħmel ħlief tfaħħru u tħobbu. Ir-reazzjoni ta' dawn il-ħabsin

emozzjonaw lil dal-patri Dumnikan...Imbagħad, il-ħsieb ta' kongregazzjoni ta' sorijiet li fiha ex-ħabsin li nsew il-passat tagħhom u bdew ħajja ġdida, beda jkun fiċ-ċentru tal-preokupazzjonijiet u tat-talb tiegħu. Minkejja li ħafna ppruvaw jaqtgħulu qalbu u jisfiduċjawh, fl-14 t'Awissu tas-sena ta' wara, infetħet l-ewwel dar ta' kongregazzjoni ġdida jisimha Betanja.

## IT-TIELET MEDITAZZJONI

## ID-DNUB JEŻISTI IMMA TEŻISTI WKOLL IL-MAĦFRA TAD-DNUBIET FIS-SAGRAMENT TAL-QRAR

**Esperjenza**: Kienet is-sena 1854. Fil-Belt ta' Turin kienet tgħix tfajla ta' xi ħamsa u għoxrin sena. Kienet sinjura ħafna, għax il-familja tagħha kienet tat-tajjeb, kienet sabiħa u kellha għadd ta' ġuvintur li kienu jiffansjawha, però sfortunatament ma kinetx fil-grazzja ta' Alla u kienet qiegħda tgħix ħajja ħażina. Mela dit-tfajla mardet serjament u ftit tas-sigħat wara kienet qiegħda tmut. L-iktar tobba famużi ta' dak iż-żmien ġew imsejħa biex forsi jsalvawha, imma Don Giuseppe Cafasso, qaddis kbir, wasal qabilhom. It-tfajla ma ħallitux jidħol ħdejhaa għax qalet li ma tridx tara qassisin. It-tobba qalu li l-każ tagħha ma kellux tama u meta t-tfajla semgħethom jgħidu hekk, qamet bil-qiegħda fuq is-sodda u qalet: "La l-każ tiegħi huwa bla tama, ħalluni mmut fid-disperazzjoni." Don Cafasso semagħha u resaq lejn is-sodda tat-tfajla li kienet agunija. Offrielha l-kurċifiss u qalilha: "Tfajla, it-tobba qalulek li ma jistgħu jagħmlulek xejn, iżda dan jista'!" Hekk kif rat il-kurċifiss, it-tfajla nfexxet tibki bħal tarbija u, kemm kemm imfarrġa, talbet lil Don Cafasso biex iqararha. Ftit tal-ħin wara mietet tbus il-kurċifiss.

**1.** Fil-meditazzjoni tal-lum se naraw **<u>min-naħa l-waħda li d-dnub jeżisti u min-naħa l-oħra li d-dnub mhux l-aħħar kelma</u>.** Għal min jindem sinċerament hemm il-maħfra ta' Alla. Iż-żmien tar-Randan li ninsabu fih huwa żmien tajjeb mhux biss biex nagħrfu aħjar id-dgħufija tagħna, imma wkoll biex nagħmlu esperjenza tal-kenn u tal-wens ta' Alla li jħobbna. Alla jaf li aħna bnedmin fraġli. Nogħtru kemm nogħtru, il-Mulej jibqa' jħobbna u jistenniena nindmu u nirritornaw fid ħdanu.

**2.** Ir-realtà tad-dnub: Fit-tieni ittra tiegħu lit-Tessalonikin, San Pawl jitkellem dwar il-misteru tal-ħażen li qiegħed jaħdem fina *(ara 2,7)* u fl-ittra lill-Galtin, l-istess San Pawl isemmi l-għemejjel tal-ġisem, fost l-oħrajn, iż-żina, il-faħx, in-nuqqas ta' rażan, l-idolatrija, is-seħer, il-

mibegħda, il-ġlied, l-għira, il-korla, l-ambizzjoni, il-firda, il-partiti, l-invidja, is-sokor u t-tbaħrid. *(ara 5,19-21)* Hawnhekk, il-kelma "ġisem" ma rridux nifhmuha f'kuntrast mar-"ruħ spiritwali" għax nafu li għal San Pawl il-ġisem hu xi ħaġa sabiħa ħafna, tempju tal-Ispirtu s-Santu. Allura x'irridu nifhmu bil-kelma "ġisem"? Irridu nifhmu l-bniedem li qed jgħix ta' pagan f'kuntrast mal-bniedem li qed jgħix skont l-Ispirtu ta' Alla. Però minn fejn id-dnub? X'inhu d-dnub? Fl-1946, Papa Piju XII kien ħareġ b'esprezzjoni li baqgħet proverbjali. Kien qal: "Forsi l-akbar dnub tas-seklu hu dak li ntilef is-sena tad-dnub." X'ried ifisser il-Papa? Il-Papa kien qed josserva fin-nies ta' żmienu kuxjenza li kienet qiegħda tillaxka ħafna. Dak li qabel kien ikkunsidrat bħala dnub, issa ma kienx aktar meqjus bħala dnub. Nistgħu ngħidu li llum il-ġurnata dit-tendenza mhux biss iggravat, iżda saret kultura. Illum minn kollox dnub għaddejna għal xejn mhu dnub. Sirna nistħu nsemmu l-kelma dnub. Dak li qabel kien dnub sirna nippreferu niddefenuh bħala dgħufija psikoloġika, żball, nuqqas ta' maturità. M'hemmx morali stabbli, iżda kulħadd għandu jħossu liberu li jimxi skont il-kuxjenza tiegħu. U jekk il-kuxjenza tkun żbaljata? Papa Ġwanni II ġieli tkellem dwar eklissi u dwar anestesija tal-kuxjenza!. Però jgħidu x'jgħidu llum, l-ispirtu tal-ħażen jeżisti u skont San Pawl, "dan l-ispirtu qiegħed jaħdem". Huwa spirtu giddieb li jġarrabna u li jittentana; huwa spirtu li jipprova jwaqqagħna fid-dnub. Ta' min jirrifletti ftit fuq l-ewwel tentazzjoni u fuq l-ewwel waqgħa li ġarrab il-bniedem ... is-serp qal lill-mara: "Jekk tieklu mis-siġra ma tmutux; issiru bħal allat u ma tmutux ..." Il-mara kielet u tat ukoll lil żewġha ... Dakinhar fid-dinja daħlet il-mewt ... Adam u Eva bdew iwaħħlu f'xulxin ... l-art bdiet tnibbet xewk u għollieq ... Iktar tard Kajjin qatel lil ħuh Abel ... *(ara Ġenesi 3 u 4)* Għax ġejja mix-xitan, missier il-gideb, kull tentazzjoni hija gidba, wegħda li ma sseħħx, sqaq li ma jwassal għal imkien, mediċina li tmarrad, ilma li jġiblek iktar għatx. Kull dnub huwa diżubbidjenza lejn Alla u firda minn Alla. Mifrud minn Alla, il-bniedem jispiċċa mifrud fih innifsu, jispiċċa wkoll idur kontra l-oħrajn, jinfired mill-oħrajn.

Barra mid-dnub personali, jeżisti wkoll id-dnub soċjali. X'inhu d-dnub soċjali? Kull dnub huwa soċjali għax San Pawl jgħid: aħna membri tal-Ġisem Mistiku ta' Kristu ... jekk membru jbati, ibatu lkoll miegħu. *(ara*

*1Kor 12,12-26)* Kif hemm ix-xirka tal-qaddisin (li minħabba fiha kull bniedem tajjeb itejjeb lid-dinja), hekk ukoll hemm ix-xirka tal-midinbin (li minħabba fiha kull midneb iħażżen id-dinja, anki jekk id-dnub tiegħu huwa dnub moħbi u intimu ħafna). Imbagħad hemm dnubiet soċjali. Huma soċjali għax imorru direttament kontra l-ġustizzja soċjali, kontra d-dritt tal-ħajja (l-abort, l-ewtanasja), kontra d-dritt għal paga ġusta, kontra d-dritt għal-libertà...

**3.** Issa ħa niġu għas-Sagrament tal-Maħfra jew tar-Rikonċiljazzjoni. Dik it-tfajla qarret dnubietha fl-aħħar mument ta' ħajjitha. Nistaqsi: għaliex għandna ndumu xi drabi xhur u snin biex inqerru. Importanti li nkunu dejjem fil-grazzja ta' Alla għax ma nafux meta Alla se jsejħilna. Importanti li, bħala żgħażagħ, nibqgħu nemmnu f'dan is-sagrament u ma niddejqux nersqu għalih. Hawn min jgħid li s-Sagrament tal-Qrar jinsab fi kriżi, speċjalment fost il-ġenerazzjoni żagħżugħa. Veru? Jekk veru, għaliex? Fost il-kawżi ta' din il-kriżi nistgħu nsemmu: kuxjenza żbaljata, naqas is-sens tad-dnub, il-materjaliżmu, amministrazzjoni arida u mekkanika tas-sagrament, nuqqas ta' disponibbiltà min-naħa tagħna s-saċerdoti li nqarru, mentalità suġġettiva ta' jekk żbaljajt nirranġa direttament ma' Alla u penitenzi ħorox li kultant jagħtu ċerti konfessuri. Sant'Ambroġ kien jitolbu hekk lill-Mulej: "Mulej, agħtini l-grazzja li naghraf inħoss mal-penitenti li jiġu jqerru għandi. Din hija virtù mill-aqwa ... Agħtini l-grazzja li nkun ħanin kull darba li penitent jiġi jistqarr ħtijietu għandi. Agħtini l-grazzja li ma nikkastigahx bl-arroganza, imma nibki u nitnikket miegħu!" Imbagħad importanti li ma nabbużawx minn dan is-sagrament ... fis-sens li nagħmlu atti moralment żbaljati għax imbagħad hemm is-saċerdot u fixx fixx nirranġaw kollox. Jien naħseb li meta nagħmlu hekk inkunu qegħdin nabbużaw mill-ħniena ta' Alla jew niggravaw id-dnub li nkunu għamilna. Das-sagrament mhux *washing machine ...* mhux *ticket* biex inkun nista' nitqarben f'xi funeral, fil-festa tar-raħal, fid-Duluri, f'xi tieġ jew meta nkun se nsiefer biex jekk jaqa' l-arjuplan inkun *o.k.* mal-Mulej.

**4.** Il-kobor ta' dan is-sagrament: Irridu ngħidu li s-sagrament tal-qrar huwa rigal ta' Kristu Rxoxt. Kien nhar Ħadd il-Għid filgħaxija u d-dixxipli kienu miġbura flimkien bil-bibien magħluqa, imbeżża' mil-

Lhud. Ġie Ġesù, qagħad f'nofshom u qalilhom: "Is-sliem għalikom!" Kif qal hekk, uriehom idejh u ġenbu ... imbagħad tenna jgħidilhom: "Is-sliem għalikom! Kif il-Missier bagħat lili, hekk jien nibgħat lilkom." Kif qal hekk, nefaħ fuqhom u qalilhom: "Ħudu l-Ispirtu s-Santu. Dawk li taħfrulhom dnubiethom ikunu maħfura u dawk li żżommuhomlhom ikunu miżmuma (Ġw 20,19-23) Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika jgħidilna li permezz ta' dan is-sagrament, l-imgħammdin li bi dnub gravi jitilfu l-grazzja tal-Magħmudija u jfieru x-xirka tal-Knisja, ikollhom il-possibiltà li jerġgħu jiksbu l-grazzja tal-ġustifikazzjoni. *(ara 1446)* Il-kelma "ġustifikazzjoni" hija kelma tqila. Xi tfisser? Tfisser salvazzjoni. Anki l-kelma "salvazzjoni" hija tqila. Xi tfisser? Inġibilkom eżempju: mela tkun qed titħabat mal-mewġ fil-maltemp, kemm kemm ma tkunx se tegħreq, u xi ħadd jitfagħlek ħabel, int taqbad miegħu u titla' fuq il-blat. Tgħid: "Għall-erwieħ, kelli x-xorti li nsalva!" Irridu ngħidu wkoll li minkejja t-tibdil kollu li sar matul iż-żmenijiet fil-mod li bih jiġi ċċelebrat dan is-sagrament, l-istruttura tiegħu baqgħet dejjem l-istess. Fiha żewġ elementi importanti: min-naħa l-waħda l-għemejjel tal-penitent (issa naraw x'inhuma) u min-naħa l-oħra l-ħidma t'Alla permezz tal-Knisja. F'isem Ġesù Kristu, hija l-Knisja li taħfer id-dnubiet tal-penitent u b'dan il-mod terġa' ddaħħlu biex jagħmel parti mill-komunità tal-Insara. *(ara K.K.K, 1448)*

**5.** X'inhuma l-għemejjel tal-penitent? Se nsemmi erba' għemejjel li għandu jagħmel dak li se jersaq iqerr. <u>L-ewwel nett</u> għandu bżonn iħejji ruħu tajjeb billi jagħmel eżami tal-kuxjenza bis-serjetà. Dan l-eżami tal-kuxjenza m'għandux ikun eżami anzjuż u skrupluż, imma konfront sinċier u seren mal-kmandamenti ta' Alla, mal-kmandamenti tal-Knisja u mal-Vanġelu ta' Ġesù. Fl-aħħar mill-aħħar, Ġesù Kristu huwa mgħallem u mudell ta' perfezzjoni. <u>It-tieni nett,</u> għal min jersaq iqerr huma essenzjali l-indiema, jew l-istmerrija tad-dnub li sar, flimkien ma' proponiment li dad-dnub ma jerġax isir. Qed indaħħal il-proponiment mal-indiema għax min jindem tassew nifhem li għandu f'moħħu d-distakk mid-dnub. Hawnhekk wieħed jista' jagħmel distinzjoni bejn "indiema perfetta" (sobgħa għax ma ħabbejtx lil Alla li tant iħobbok) u "ndiema imperfetta" (sobgħa ġejja mill-biża' li wieħed jista' jmur l-infern.) <u>It-tielet nett</u> hemm l-istqarrija tad-dnubiet. Meta

jistqarr ħtijietu, il-penitent ikun diġà qed jagħmel att ta' umiltà. Fl-istess ħin ikun qed jammetti li hu responsabbli tad-dnubiet li għamel. Obbligati nqerru d-dnubiet mejta kollha li nafu li għamilna mill-aħħar qrara, inklużi wkoll id-dnubiet tax-xewqa li ma jafhom ħadd. Il-Knisja tinkoraġġixxi li nqerru wkoll id-dnubiet venjali, anki jekk dawn jistgħu jinħafru b'xi talba penitenzjali. Dan għaliex qrar regolari, anki tad-dnubiet venjali, ikun għalina mediċina kontra l-ġibdiet ħżiena, jgħinna nimxu 'l quddiem fil-ħajja Nisranija tagħna u, aktar ma nircievu dan id-don tal-maħfra, iktar inħossu li għandna nħennu għall-proxxmu tagħna u naħfrulu l-offiżi li jagħmlilna. Fl-aħħar nett irridu nsemmu l-penitenza, jew it-tewba, li l-konfessur jagħti lill-penitent. Veru li bl-assuluzzjoni d-dnub jinħafer, però nafu li d-dnub idgħajjifna minn ġew, idgħajjef ir-relazzjoni tagħna m'Alla u mal-oħrajn. It-tewba (li tista' tkun talba, għemil ta' ħniena, xi offerta' ta' karità, xi sagrifiċċju, sabar fis-salib tagħna ... hija dik il-mediċina li terġa' ssaħħaħna bħala Nsara, mhux biss personalment, imma wkoll f'dik li hi relazzjoni tagħna m'Alla u mal-proxxmu. Imbagħad il-ġustizzja titlob li jekk bid-dnub tagħna saret xi ħsara lil xi ħadd (serq, malfama, kalunja, ittra anonima ...), dil-ħsara titranġa mill-aktar fis possibbli. La qegħdin fis-sena tal-Ġublew tal-Ħniena tajjeb insemmu r-rebħ tal-indulġenzi jekk nidħlu mill-bieb tal-Katidral, mill-bieb tas-Santwarju Ta' Pinu jew minn dak tas-Santwarju tal-Kunċizzjoni ġewwa l-Qala. X'tagħmel biex tirbaħ l-indulġenza tal-Ġublew? Trid tagħmel daqsxejn ta' pellegrinaġġ lejn waħda minn dawn it-tliet knejjes, trid tidħol mill-bieb tal-Ġublew, trid tgħid il-Kredu, trid tagħmel talba għall-Papa, tqerr qrara tajba, titqarben u tagħmel xi opra tal-ħniena. Xi whud m'għadhom jemmnu fl-indulgenzi. X'inhuma l-indulġenzi. Meta wieħed jagħmel dnub u jmur iqerru dan id-dnub jinħafirlu, imma jibqagħlu bħal marka, (biex inġibilkom eżempju bħal marka ta' ferita). Bl-indulġena din il-marka titħassar u jitnaqqas iż-żmien li wieħed irid jagħmel fil-purgatorju.

**6.** L-għemil ta' Alla permezz tal-Knisja: Kif diġa' għedna, Ġesù Kristu ried jafda dan is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni f'idejn il-Knisja, jiġifieri f'idejn l-isqfijiet, suċċessuri tal-Appostli, u f'idejn is-saċerdoti, kollaboraturi tagħhom. Fit-tieni ittra tiegħu lill-Korintin, San Pawl jgħidilna: "Kollox ġej minn Alla li ħabbibna miegħu permezz ta' Kristu u

tana l-ministeru ta' din il-ħbiberija tal-bnedmin m'Alla." *(5,18)* Barra mill-fatt li f'dan is-sagrament qed jaġixxi f'isem Ġesù Kristu, is-saċerdot huwa wkoll rappreżentant tal-Knisja. Meta, umilment, jiena nistqarr ħtijieti għandu, huwa qed jaġixxi wkoll f'isem il-Knisja li terġa' tirrikonoxxini bħala membru sħiħ tagħha.

Ilum issib min jgħidlek: "Ma nqerrx għand saċerdot, bniedem bħali, imma nqerr direttament mal-kurċifiss." Veru li s-saċerdot huwa bniedem bħalek, bid-difetti, bid-debolizzi u bid-dnubiet tiegħu, imma Ġesù hekk iddispona. Is-saċerdot konfessur huwa "the wounded healer", ferut, imma jfejjaq lill-feruti. Forsi minħabba l-esperjenza tad-dgħufija tiegħu, huwa jista' jifhem u jagħder ħafna iktar lid-dgħajfin. Sant' Wistin kien iħobb jgħid: "Fil-qrar jien ma nakkużax imma nfejjaq." Bernard Haring, moralista magħruf (illum mejjet), jiddispjaċih li ċerti nies telqu l-qrar u marru jikxfu dnubiethom għand il-psikanalisti u għand il-psikoloġi. Veru li, xi kultant, il-bniedem ikollu bżonn ta' dawn ix-xjenzi moderni biex jirranġa ħajtu. Imma, ikompli jgħid Haring, f'ħafna każijiet qrara tajba kapaċi toħroġ bniedem mid-disperazzjoni għax kull ma jkollu bżonn jiksbu mill-qrar: paċi m'Alla, paci mal-oħrajn, paċi miegħu nnifsu u paċi mal-ambjent. San Ġwanni Pawlu II jgħidilna li l-Mulej, għani fil-ħniena, jista' jkollu diversi toroq li minnhom jilħaq lill-midneb niedem minn dnubietu, imma għan-Nisrani s-sagrament tal-qrar u tar-rikonċiljazzjoni jibqa' dejjem it-triq ordinarja biex tinkiseb il-maħfra tad-dnubiet gravi magħmulin wara l-Magħmudija. *(Reconciliatio et paenitentia, 31)*

Nispiċċa b'fatt impressjonanti, kemm kemm jitwemmen, mill-ħajja ta' San Luigi Orione (1872-1940), ikkanonizzat mill-Papa Ġwanni Pawlu II f'Mejju tas-sena 2004. Mela dan Don Orione kien qed jipprietka fil-knisja parrokkjali ta Castelnuovo Scrivia. Kien qed jipprietka fuq il-ħniena t'Alla. Biex ifisser il-kobor tas-sagrament tal-qrar, spontanjament ħareġ minn fommu dan l-eżempju: "Anki jekk iben jasal biex ipoġġi l-velenu fl-iskudella ta' ommu biex joqtolha, jekk jindem, Alla jaħfirlu!" Mela spiċċa l-prietka u telaq jgħaġġel biex jilħaq l-aħħar tren għal Tortona fejn kien joqgħod. Ma laħaqhiex u allura, fi ksieħ ixoqq il-għadam, erħielha bil-mixi ... kellu mixja ta' tmien kilometri.

Hekk kif ħareġ mir-raħal, jersaq fuqu wieħed raġel kbir u mimli, b'leħja twila sewda u liebes kapott oħxon u kappell mgħaddas ġo rasu. Don Orione, suspettuż xi ftit bid-dehra għall-għarrieda ta' dan il-bniedem, qallu: "Il-lejl it-tajjeb," u kien se jibqa' miexi bil-għaġla. Iżda dal-bniedem qallu: "Ħallik mil-lejl it-tajjeb! Ieqaf ftit. Int is-saċerdot li għadek kif ippritkajt?" Don Orione wieġbu: "Iva, jien hu." Qallu l-ieħor: "Int tkellimt fuq il-qrar. Temmen dak li għedt? Semmejt li anki jekk iben ipoġġi l-velenu fl-iskudella ta' ommu jista' jikseb il-maħfra ta' Alla. Temmen dak li għedt?" "Dażgur li nemmen," wieġbu Don Orione, "basta dal-bniedem jindem mid-dnub tiegħu." L-ieħor kompla jistaqsieh: "Jaqaw inti tafni?" Don Orione wieġbu: "Le ma nafikx." L-ieħor kompla jsostni: "Imma żgur li tafni. Int tkellimt fuqi fil-prietka tiegħek. Iva, jiena dak l-iben li poġġejt il-velenu fl-iskudella ta' ommi u qtiltha!"

Komplew jitkellmu għal xi żmien. Imbagħad dan l-emarġinat, b'umiltà kbira fuqu, qallu: "Dun, jekk nista' nakkwista l-maħfra t'Alla u inti tista' tagħtihieli, jiena niedem, jekk jogħġbok aħfirli." U hemmhekk fil-ġenb tat-triq u fi dlam ċappa, Don Orione refa' jdejh u f'isem Ġesù Kristu tenna l-kelmiet mirakolużi: "Jiena naħfirlek dnubietek fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu." Fil-pjan ta' Alla kollox kien imfassal biex dal-bniedem, wara tant snin, jaqla' l-maħfra tad-delitt li kien għamel.

## IR-RABA' MEDITAZZJONI

## INKUNU DEJJEM ĠENERUŻI MAL-OĦRAJN PERMEZZ TAL-OPRI TAL-ĦNIENA

**Esperjenza**: Minn *businessman* sinjur ħafna sar fqir għax ta kulma kellu u lilu nnifsu lill fqar. Qed nirreferi għal Marcello Candia (1916-1983). Sa mill-ewwel snin taż-żgħożija tiegħu, Marcello Candia għaraf jgħaqqad flimkien ix-xogħol tiegħu b'amministrazzjoni għaqlija tal-ġid li kellu mal-karità, kull ma jmur dejjem iżjed attenta u ħawtiela. Meta, imbagħad, iċ-ċirkustanzi ġabuh f'kuntatt ta' ħbiberija ma' xi missjunarji Brażiljani, ikkonkluda u qal: "Mhux biżżejjed nagħti flusi bħala karità. Għandi bżonn ngħix il-ħajja li qegħdin jgħixu l-fqar, almenu sakemm ikun possibbli. Hija ħaġa ħafna komda li nibqa' ngħix ġo pajjiżi, ngħix ħajja trankwilla u mbagħad ngħid: iż-żejjed li għandi nibagħtu l-missjoni. Le, jien imsejjaħ biex immur ngħix magħhom." Telaq lejn Macapà fejn waqqaf u mexxa sptar għall-ifqar fost il-fqar u lebbrużarju f'Marituba. Għadda l-aħħar tmintax-il sena ta' ħajtu jagħmel opri ta' karità: bena djar għall-kura tal-morda, skejjel, irħula, lebbrużarji, kunventi, seminarji, knejjes, postijiet ta' volontarjat u wasal sa Belo Horizonte, fid-djar fqar ta' Rio de Janiero, u fil-limiti tal-Bolivja. Wieħed ħabib tiegħu, li kultant kien imur iżuru fil-missjoni, ta din ix-xhieda fuq Marcello Candia. Jgħid dan ħabibu: "Marcello kien bniedem dinamiku, ċert minnu nnifsu, imdorri jikkmanda u l-kelma tiegħu kienet tkun l-aħħar kelma. Kien bniedem ġeneruż, twajjeb u li kellu ħafna mezzi għad-dispożizzjoni tiegħu, imma b'kuxjenza li taf tużahom sewwa .... Imma kull meta kont nirritorna fl-Amazonia, kont dejjem insibu bniedem mibdul. Kien għaraf li kellu bżonn ta' kulħadd biex ipoġġi fil-prattika x-xewqat tiegħu. Kien jidher tibdil kbir f'Marcello: minn bniedem fiċ-ċentru tad-dinja tiegħu, beda jinbidel bil-mod il-mod f'qaddej ta' kulħadd. Kien jinħass sewwa l-qadi li kien joffri lil dawk li Alla jkun laqqagħhom miegħu." Fuq in-naħa ta' barra tad-dar fqira li fiha kien joqgħod fil-Brażil ried li tinkiteb din is-sentenza: "Ma tistax taqsam il-ħobż tas-sema, jekk ma taqsamx mal-oħrajn il-ħobż tal-art."

L-eżempju tal-Beatu Piergiorgio Frassati: Dan Piergiorgio Frassati kien iħobb jgħid: "Ġesù jiġi jżurni kuljum fit-Tqarbin Imqaddes. Jien nagħtih lura lill-oħrajn meta mmur inżur lill-foqra". Piergiorgio fehem tajjeb ħafna xi jfisser ikollok qalb li tħenn u li tħoss għal dawk fil-bżonn. Lill-foqra ma kienx jagħtihom biss għajnuna materjali iżda kien jagħtihom lilu nnifsu, kien jagħtihom il-ħin tiegħu, il-kelma ħelwa tiegħu u widnejn kapaċi jisimgħu. Kien jaqdi lill-foqra fil-moħbi; qatt m'għamel *show* b'dak li kien iwettaq. Kien jgħix fil-prattika dik is-sentenza li nsibu fil-Vanġelu ta' San Mattew: "Meta tagħmel karità tmurx idoqq it-trombi quddiemek ... iżda meta tagħmel karità, idek ix-xellugija m'għandhiex tkun taf x'inhi tagħmel idek il-leminija, biex hekk il-karità tiegħek issir fil-moħbi, u Missierek, li jara dak li hemm fil-moħbi, iroddlok hu. (6,2-4). Aħsbu ftit! Jum fost l-oħrajn kien marid serjament u wasal biex imut. Ta struzzjonijiet lil ta' madwaru u qalilhom kif għandhom jgħinu lill-ħbieb privileġġjati tiegħu. Fil-funeral tiegħu, il-familjari stagħġbu bil-preżenza ta' tant foqra li għalihom kienu skonoxxuti.

**1.** Fil-meditazzjoni tal-lum se nħeġġikom **tkunu ġenerużi mal-oħrajn permezz tal-opri tal-ħniena**. Fil-messaġġ tiegħu għall-Jum Dinji taż-Żgħażagħ għal din is-sena, Papa Franġisku jistedinkom tiskopru l-opri tal-ħniena li jmissu l-ġisem: itma' lil min hu bil-ġuħ, isqi lil min hu bil-għatx, libbes lil min hu għarwien, ilqa' lill-barranin, żur lill-morda, żur lill-ħabsin u idfen lill-mejtin. Papa Franġsiku jistedinkom ukoll terġgħu tiskopru l-opri tal-ħniena li jmissu r-ruħ: agħti parir tajjeb lil min hu fid-dubju, għallem lil min ma jafx, wissi lill-midinbin, farraġ lill-imnikktin, aħfer lil min jagħmillek id-deni, ħu paċenzja b'min idejqek u itlob lil Alla għall-ħajjin u għall-mejtin. Kif taraw, ikompli jgħidilkom Papa Franġisku, il-ħniena mhix sempliċi sentimentaliżmu imma l-prova tad-dixxipolat tagħkom wara Kristu. Fl-opri tal-ħniena tinsab is-sustanza tal-aħbar tajba li ġabilna Ġesù. Fid-djarju ta' Santa Fawstina nsibu talba li tista' tkun il-mixja konkreta tal-ħajja spiritwali tagħna. Din it-talba tgħid hekk: "Għinni, o Mulej, sabiex għajnejja jħaddnu l-ħniena, ħalli qatt ma nissuspetta f'ħadd u lanqas niġġudika lil ħaddieħor minn dak li jidher minn barra, imma nfittex is-sabiħ fl-erwieħ tal-proxxmu tiegħi u nagħmel ħilti biex ngħinhom...widnejja jkunu ħanina, billi nagħti kas tal-ħtiġijiet ta' għajri u ma nkunx indifferenti għall-uġigħ u għall-krib tagħhom.

Inkun ħanina fi lsieni, u ma nqasqas qatt fuq ħaddieħor, imma jkolli kelma ta' faraġ u maħfra għal kulħadd. Idejja jagħmlu ħafna għemejjel ta' ħniena, riġlejja jgħaġġlu għall-għajnuna ta' min ikun fil-bżonn billi, imqanqla mill-ħniena, ninsa t-taħbit u l-għeja tiegħi. Qalbi tkun daqshekk ħanina, li jiena stess inġarrab it-tbatija kollha tal-oħrajn..." Però biex nipprattikaw dawn l-opri tal-ħniena, jeħtieġ li nkunu żgħażagħ ġenerużi, żgħażagħ qalbhom kbira. Allura, issa se naraw xi jfisser tkun qalbek ġeneruża. Se nagħmlilkom tliet mistoqsijiet.

**2.** Se nibda b'mistoqsija. Intom, bħala żgħażagħ, għandkom x'tagħtu jew m'għandkomx? Qed nagħmlilkom din il-mistoqsija għaliex biex wieħed jagħti jrid ikollu x'jagħti. Jien naħseb li ħadd minnkom mhu daqshekk fqir li ma jista' jagħti xejn. Forsi m'għandkomx flus, m'għandkomx l-għelieqi, m'għandkomx il-ġid li kellu dak iż-żagħżugħ tal-Vanġelu li mar jistaqsi lil Ġesù x'għandu jagħmel biex jikseb il-ħajja ta' dejjem, però għandkom iż-żgħożija u ż-żgħożija hija l-akbar ġid. Aħsbu ftit: iż-żgħożija hija l-isbaħ żmien tal-ħajja. Isejħulha r-rebbiegħa tal-ħajja u bir-raġun ... għaliex fiż-żgħożija wieħed jibda jinduna li għandu ġejjieni quddiemu. Iż-żagħżugħ ma jħarisx lejn iż-żmien u lejn il-ħajja bħala xi ħaġa li diġà għaddiet, iżda bħala ħaġa li għad trid tiġi. Allura ż-żagħżugħ għandu l-ħeġġa, għandu l-enerġija, għandu l-entużjażmu. Fiż-żgħożija, imbagħad, wieħed jibda jifhem u jagħraf aħjar lilu nnifsu. Jara li għandu ċerti difetti, però fl-istess ħin jinduna wkoll bil-ħafna talenti u kwalitajiet li tah Alla. B'dan il-mod, żagħżugħ jista' jikseb ċerta fiduċja fih innifsu, isir bniedem kuraġġjuż, bniedem ottimist. Fiż-żgħożija wkoll, wieħed jibda jiskopri l-liberta' tiegħu. Jiġifieri jibda jħossu iktar ħieles u aktar rajh f'idejh, jibda jikkmanda lilu nnifsu u jieħu deċiżjonijiet għalih innifsu. Dan iż-żmien huwa importanti għaż-żagħżugħ għax fih irid jagħżel b'ċerta responsabbilità l-vokazzjoni tiegħu, x'se jagħmel fil-ħajja. Nistgħu ngħidu wkoll li fiż-żgħożija wieħed jibda jiskopri l-imħabba. Jibda jinduna li mingħajr imħabba ma jistax jgħix. Iħoss il-bżonn li jħobb lil xi ħadd u li xi ħadd ikun iħobbu. Dawn il-ħwejjeġ li qed insemmi, u tant ħwejjeġ oħra, kollha huma ħwejjeġ sbieħ u pożittivi. Flimkien jifformaw dan il-ġid kbir li għandna f'idejna, jiġifieri ż-żgħożija. Il-Mulej qed jgħidilkom: "Jekk tridu tkunu ferħanin, dan il-kapital li għandkom

f'idejkom iżżommuhx għalikom, tintrabtux iżżejjed miegħu, iżda użawh għall-ġid tal-oħrajn.

Issa ngħiduha kif inhi: id-dinja tal-lum ma tantx tħajjarna u tgħinna nkunu ġenerużi m'Alla u mal-oħrajn. Qegħdin ngħixu f'dinja egoista fejn isaltnu l-liġi tal-jien u l-liġi tal-profitt. Ċerti nies moħħhom biss kif se joqogħdu tajjeb huma, kemm se jaqilgħu, kemm se jkunu aħjar minn ħaddieħor, kemm se jpappuha tajjeb. Però żagħżugħ Nisrani m'għandux iħares lejn dawn l-eżempji, m'għandux jikkopja dal-mod ta' ħajja. Għandu jħares lejn min hu ġeneruż u qalbu kbira. U nista' nsemmilkom xi eżempji. Jikkalkulaw li fl-Italja diversi miljuni ta' nies, il-biċċa l-kbira minnhom żgħażagħ, qegħdin jagħtu xogħol volontarju biex jgħinu lil min hu inqas ixxurtjat minnhom. Rapport tal-Caritas li ħareġ ftit tas-snin ilu jsemmi li fl-Italja hemm madwar 7000 grupp ta' dawn il-voluntieri. Fl-Italja wkoll jagħtu premju għat-tjubija u xi ftit tas-snin ilu dal-premju rebħitu koppja minn Bergamo: mara u raġel ipparalizzati li minn fuq il-wheelchair tagħhom jirnexxilhom ikunu ġenerużi u jgħinu lill-proxxmu tagħhom: jaċċettaw f'darhom żgħażagħ u anzjani li jkunu għaddejjin minn xi problema, minn xi diffikultà. Però m'hemmx għalfejn nitbiegħdu ħafna, għax anki f'Għawdex għandna l-għaqda tal-voluntieri. Il-membri tagħha jaħdmu s-sena kollha mal-anzjani u ma' persuni b'diżabilità. Għandna wkoll ir-*Respite Centre* f'Għajnsielem. Diversi individwi jmorru jagħtu daqqa t'id ukoll. Żagħżugħ Għawdxi li għadda xi żmien mal-foqra ta' Madre Tereża ġewwa l-Indja qal hekk: "Qatt ma ħassejt paċi f'qalbi daqs f'dak ix-xahar li għaddejt mal-foqra ta' Madre Tereża. Ħassejtni utli...bil-mod il-mod bdejt nilmaħ lil Kristu f'dak bla saqajn, f'dik għamja mit-twelid, fl-ieħor li ilu 30 sena f'qiegħ ta' sodda bla ma jitħarrek." Qegħdin taraw mela li fid-dinja hawn min għandu qalbu kbira, hawn min hu ġeneruż, hawn min jaf iħenn għall-oħrajn. Jien nara li ż-żgħażagħ għandhom sfida quddiemhom. F'dinja marida bl-egoiżmu, irridu nħarsu lejn u nikkopjaw lil dawk li jafu jkunu ġenerużi.

Forsi xi ħadd jista' jgħid: "Imma x'nista' nagħmel jien? X'tiswa l-qatra ġenerożità tiegħi ħdejn oċean kbir ta' egoiżmu u ta' nuqqas ta' mħabba?" Don Primo Mazzolari, qassis Taljan li miet fl-1959, kien qal hekk: "Ir-rebbiegħa tibda bl-ewwel warda, il-lejl jibda bl-ewwel kewkba, ix-xmara

tibda bl-ewwel qatra ilma ... Hekk ukoll l-imħabba fid-dinja ... tibda bl-ewwel sinjal ta' mħabba. Id-dinja titħarrek jekk kull wieħed u waħda minna jibda jitħarrek. Id-dinja tinbidel jekk kull wieħed u waħda minna jibda jinbidel. Għalhekk toqgħodx tgħid: "Jien x'nista' nagħmel? Jien ma niswa għal xejn," għax il-ftit tiegħek magħqud ma' dak tal-oħrajn jiswa ħafna. Fid-dinja ma tridx toqgħod tisħet id-dlam, imma trid tipprova tixgħel xemgħa. U hawnhekk se niġi għat-tieni mistoqsija.

**3.** Għaliex għandna nkunu ġenerużi? Se nsemmi erba' punti. L-ewwel nett għandna nkunu ġenerużi għaliex Alla stess huwa ġeneruż ħafna magħna. Alla ħalaqna, Alla qed iżommna ħajjin, Alla jipprovdilna, Alla jaħfrilna kull darba li nonqsuh, Alla jieħu paċenzja bina, Alla ma jinsina qatt! Mela ftit qabel il-Milied, kont qed nitkellem ma' wieħed żagħżugħ li kien għaddej minn problemi u diffikultajiet kbar. Ngħidilkom il-verità tħassartu lil dan iż-żagħżugħ. Tħassartu għaliex telqitu t-tfajla li kellu (kien iħobbha b'imħabba tal-ġenn), kellu problemi kbar fil-familja u fuq il-post tax-xogħol. Però tħassartu l-aktar għaliex kien qata' qalbu mill-ħajja u tilef kull tama. B'ċerta konvinzjoni qalli: "Għalfejn qed ngħix? Lili Alla nsieni!" U Alla jista' jinsik xi darba? U ddiżgrazzjat kemm int iddiżgrazzjat jew iddiżgrazzjata Alla jista' qatt jitilqek jew jabbandunak? Ir-risposta ma nagħtihielkomx jien. Jagħtihielkom Alla stess. F'wieħed mill-kotba tal-Antik Testment, Alla jgħidli: "Tista' omm tinsa t-tarbija tagħha. Mhux suppost tinsieha. Imma anki jekk tinsieha jien ma ninsik qatt!" Dan mhuwiex kliem tiegħi, iżda kliem ta' Alla u Alla ma jqarraqx bina. Alla huwa mħabba. Alla huwa għani fl-imħabba. Alla huwa ġeneruż fl-imħabba tiegħu lejna. Infatti jgħidilna San Ġwann: "Alla hekk ħabb id-dinja li bagħat lil Ibnu fid-dinja biex kull min jemmen fih ma jintilifx iżda jkollu l-ħajja ta'dejjem." Mela jekk Alla kien u għadu daqshekk ġeneruż magħna, kif nistgħu ma nkunux ġenerużi mal-oħrajn? It-tieni nett: għandna nkunu ġenerużi mal-oħrajn għaliex bl-eżempju tiegħu u bi kliemu, Ġesù għallimna l-ġenerożità. Jum fost l-oħrajn, omm ulied Żebedew resqet lejn Ġesù u qaltlu: "Ħaġa waħda nixtieq nitolbok. Agħmel li fis-Saltna tiegħek, dawn uliedi joqogħdu ħdejk, wieħed fuq il-lemin u l-ieħor fuq ix-xellug tiegħek." L-Appostli l-oħra din il-pretensjoni ma felħuhiex, bdew igergru u jinkorlaw kontra dawn iż-żewġt aħwa. Ġesù nduna u qalilhom: "L-

ewwel u l-akbar wieħed fostkom huwa dak li jservi u jaqdi lill-oħrajn." Kompla jgħidilhom Ġesù: "Jiena stess ma ġejtx biex inkun moqdi iżda biex naqdi." Ġesù kien konvint li l-missjoni tiegħu fuq l-art kellha tkun waħda ta' qaddej li jbati. Dan narawh fil-ħajja pubblika kollha tiegħu, però narawh b'mod speċjali fl-aħħar ċena meta ħasel saqajn l-Appostli tiegħu, proprju biex jurihom kemm ried jaqdihom b'ġenerożità (għaliex il-ħasil tar-riġlejn kien ix-xogħol tal-ilsiera u tal-qaddejja) Ġesù qalilhom: "Rajtu x'għamiltilkom: Jien li jien l-imgħallem ħsiltilkom saqajkom. Hekk għandkom tagħmlu ma' xulxin: taħslu saqajn xulxin." Ġesù qalilna wkoll: "M'hemmx imħabba ikbar minn dik li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu. U dil-ħaġa Ġesù mhux biss qalha iżda poġġieha fil-prattika fuq il-Kalvarju. Qalilna wkoll: "Ħobbu lil xulxin kif ħabbejtkom jien." Mela nkunu ġenerużi ma' xulxin għaliex Ġesù hekk għallimna u hekk talabna nagħmlu. Għan-Nisrani li hu miexi sinċerament wara Ġesù, l-imħabba ġeneruża mhix lussu, mhijiex ornament, mhijiex xi ħaġa *optional*, iżda hija dmir li joħroġ mill-fidi tiegħu. Hija risposta għas-sejħa ta' Ġesù. It-tielet nett: <u>Għandna nkunu ġenerużi għaliex fuq hekk se nkunu ġġudikati</u>. Raoul Follereau, raġel Franċiż li ħadem ħafna b'riżq il-lebbrużi tad-dinja, jirrakkonta daqsxejn ta' ħolma. Jgħid: "Wieħed raġel miet u mar quddiem Alla għall-ġudizzju. Fetaħ idejh beraħ u qallu: 'Mulej, ara m'għamilt xejn ħażin, ara jdejja kemm huma nodfa.' Alla qallu: 'Ibni, nodfa tassew imma vojta. M'għamiltx dak li kellek tagħmel ma' ħutek fil-bżonn.'" Skont Ġesù, il-ġenerożità tfisser titma' lil min hu bil-ġuħ, tisqi lil min hu bil-għatx, tilqa' lil min hu barrani, tlibbes lil min hu għarwien, iżżur lill-morda u lil min hu fil-ħabs. Fi kliem ieħor tgħix il-ġenerożità jfisser tgħix u tipprattika l-opri tal-ħniena. Ġesù jgħidilna li fuq dan se nkunu ġġudikati għaliex dak li nagħmlu mal-iżgħar minn fost ħutu l-bnedmin, inkunu għamilnieh miegħu. <u>Fl-aħħar nett għandna nkunu ġenerużi biex nagħtu xhieda ta' Kristu</u>. Mahatma Gandhi, dak li tħabat ħafna għall-indipendenza tal-Indja, lilna l-Insara kien iħobb ifaħħarna u jċanfarna fl-istess ħin. Ġieli qal: "Lil Kristu tagħkom inħobbu u nammirah, imma l-Kristjaneżmu tagħkom nistmerru." Dan għaliex aħna, bħala Nsara, mhux dejjem ngħixu dak li għallimna Ġesù. Pereżempju, Ġesù qalilna: "Minn dan jagħrfukom li intom dixxipli tiegħi, jekk tħobbu lil xulxin kif ħabbejtkom jien." Però qegħdin inħobbu lil xulxin b'dan il-mod? Qegħdin inkunu xhieda ta' mħabba ta' Kristu fid-dinja? Qegħdin inkunu dawl li

jdawwal lill-oħrajn, ħmira li ttejjeb lis-soċjetà? Id-dinja tal-lum il-Vanġelu ma tridux stampat fil-kotba iżda ħaj fil-membri tal-Knisja li waqqaf Ġesù. Id-dinja tal-lum m'għandhiex bżonn paroli iżda fatti. Ċerti nies jixtiequ jibdlu d-dinja. U għandhom raġun għax kultant id-dinja tkun sejra tinqaleb ta' taħt fuq. Iftaħ it-television, isma' r-radju, aqra l-gazzetti u ma tismax u ma taqrax ħlief fuq stejjer negattivi: qtil, vjolenza, gwerer, pornografija...però forsi jieħdu daqsxejn ta' żball. Però dawn l-individwi jaħsbu li se jibdluha bl-istrikes, bil-protesti, bid-dimostrazzjonijiet, bil-vjolenza, bil-politika...Ngħidilkom li x-xhieda tal-imħabba ġeneruża biss tista' tibdel id-dinja. Dan id-diskors kien qalu Martin Luther King.

**4.** U niġi għat-tielet u l-aħħar mistoqsija: Xi jfisser fil-prattika nkunu ġenerużi?

Se nsemmi xi punti malajr malajr. Inkunu ġenerużi jfisser <u>inkunu kapaċi nagħtu bla ma nistennew li nirċievu</u>: fis-sens li l-għajnuna li qegħdin nagħtu lill-oħrajn ma rridux nagħtuha għal għajnejn in-nies, biex dak li jkun jgħidilna "prosit" jew biex nirċievu l-grazzi. Ħalli jfaħħruk, ħalli jgħidulek "grazzi", ħalli jpattulek għal dak li tagħmel, iżda dawn l-affarijiet tistennihomx. Irridu nitgħallmu nkunu ġenerużi b'intenzjoni retta. Lin-nies ta' żmienu Ġesù qalilhom: "Meta tagħmlu xi pranzu tistednux lill-kbarat u lis-sinjuri, għax dawn jistgħu jpattulek. Għall-kuntrarju, stieden lill-foqra u lill-morda għax dawn ma jistgħu jagħtuk xejn. Għandu jkun il-Missier tas-smewwiet li jpattilek. "B'xejn ħadtu u b'xejn agħtu," jgħidilna Ġesù. Inkunu ġenerużi jfisser <u>nirrispettaw lill-oħrajn bħalna nfusna u bħala persuni</u>. Kull bniedem, hu min hu, kien maħluq xbieha t'Alla. Huwa, biex ngħid hekk, ritratt ta' Alla. Għandna ħafna drittijiet bħala bnedmin...wieħed mid-drittijiet fundamentali tal-bniedem hu li jkun irrispettat bħala persuna. Però x'jiġri? Kull tant dan ir-rispett nippretenduh għalina nfusna (nixtiequ li nkunu rrispettati) u ftit li xejn inħabblu moħħna biex dan ir-rispett nagħtuh lill-oħrajn. Pereżempju: issib ħbieb li ma huma ħbieb xejn. Flok iħobbu u jirrispettaw lil xulxin, ikunu qegħdin jużaw lil xulxin. Hekk ukoll ċerti żgħażagħ li jiltaqgħu flimkien, jieħdu grazzja ma' xulxin, jibdew joħorġu ma' xulxin u jibdew jitgħallmu s-sengħa tal-imħabba. Ħafna drabi jaslu biex jissodisfaw il-passjonijiet tagħhom qabel iż-żwieġ. Din ma tkunx vera mħabba, għax il-vera mħabba lesta li tistenna. Inkunu ġenerużi jfisser <u>naħfru lil xulxin</u>.

Tgħiduli: mhux hekk nagħmel?! Veru, il-maħfra mhijiex xi ħaġa faċli għax mill-esperjenza nafu li kull meta ħfirna reġgħu għamluhielna. Fl-istess ħin ma nixtequx nidhru dgħajfin u boloh quddiem l-oħrajn. In-natura tagħna ma tippermettilniex inkunu tapiti u paljazzi tal-oħrajn. Anzi, in-natura dgħajfa tagħna tissuġġerilna npattu l-ħsara li saritilna bi ħsara oħra, (dik li jsejħulha l-*lex talionis*), jiġifieri għajn b'għajn u sinna b'sinna. Però l-espert tal-imħabba jgħidilna: "Ħobbu lill-għedewwa tagħkom u itolbu għal dawk li jippersegwitawkom." Hu stess, qed imut fuq is-salib, ħafer lil dawk li sallbuh u skużahom quddiem il-Missier: "Missier, aħfrilhom għax ma jafux x'inhuma jagħmlu." Kien it-tlettax ta' Mejju tal-1981. Għall-ħabta tat-tlieta ta' wara nofsinhar, Papa Ġwanni Pawlu II (illum qaddis) kien qed idur fi Pjazza San Pietru jsellem lin-nies meta Ali Agca' sparalu biex joqtlu. Lill-Papa ħaduh malajr l-Isptar Ġemelli u l-għada, instema' jgħid fuq ir-Radju Vatikan: "Lil ħija li sparali naħfirlu mill-qalb!" Iktar tard mar iżuru fil-ħabs ta' Rebibbia u tkellem miegħu fit-tul. Inkunu ġenerużi jfisser tagħti dak li għandek bil-qalb. Jum fost l-oħrajn, Ġesù kien qiegħed fit-Tempju josserva n-nies deħlin u ħerġin, jitolbu u jitfgħu l-offerti tagħhom. L-għonja kienu qegħdin jitfgħu ħafna. F'ħin minnhom, ġiet waħda armla fqira li tefgħet biċċtejn żgħar tal-flus, kulma kellha biex tgħix. U Ġesù dar fuq l-Appostli u qalilhom: "Din l-armla tefgħet ħafna iktar minn dawk l-għonja, għax l-għonja tefgħu miż-żejjed li kellhom u l-armla tefgħet kollox, dak kollu li kellha biex tgħix." Minn dan l-episodju naraw li l-ġenerożità ma titkejjilx minn kemm nagħtu, iżda minn kif nagħtu. Inkunu ġenerużi jfisser inħaddmu t-talenti li silifna Alla għall-ġid tal-oħrajn. Kif għedt fil-bidu, intom bħala żgħażagħ tibdew tagħrfu lilkom infuskom u tindunaw bit-talenti tagħkom (il-ħajja, is-saħħa, l-intelliġenza, il-fidi...). Dan kollu għandna nużawh għalina nfusna, iżda ma niqfux hemm. It-talenti tagħna rridu nħaddmuhom għall-ġid tal-oħrajn. Tant hu hekk li 'l quddiem Alla għad jitlobni kont ta' kif użajt it-talenti li silifni. Tiftakruha l-parabbola ta' dak is-sinjur li ħalla f'idejn tlieta mill-qaddejja tiegħu t-talenti li kellu. L-ewwel tnejn ħaddmuhom u t-tielet wieħed ma ħaddimhomx. Inkunu ġenerużi jfisser immutu għalina nfusna. Dan hu test tal-vera imħabba. Madre Tereża kienet tgħid: "Love until it hurts" (Ħobb sakemm tweġġa') Jekk irridu nkunu nafu jekk aħniex ġenerużi mal-oħrajn jew le, niċċekkjaw ftit jekk aħniex kapaċi nbatu għall-oħrajn, jekk aħniex kapaċi

mmutu għall-oħra. Hekk dak il-fatt sabiħ ta' Santa Giovanna Beretta Molla li ppreferiet tmut hi biex tiġi mħarsa l-ħajja tat-tarbija li kellha fil-ġuf. Ftit qabel ma mietet qalet: "Irrid naqdi l-missjoni tiegħi ta' omm ... Inġedded lill-Mulej l-offerta tal-ħajja tiegħi ... Jekk ikollkom tagħżlu bejn il-ħajja tiegħi u l-ħajja tat-tarbija, toqogħdux taħsbuha: agħżlu, anzi nesiġi li tagħżlu l-ħajja tat-tarbija." Fi kliem Ġesù stess, il-bniedem bħal qamħa: jekk ma taqax fl-art u tmut il-qamħa tibqa' weħidha, imma jekk taqa' fl-art, titħassar u tmut, din tagħti ħafna frott. Iħobbu jġibu wkoll l-eżempju tax-xemgħa. Ix-xemgħa tinħela u tispiċċa biex tagħti d-dawl lill-oħrajn. Inkunu ġenerużi jfisser ma niddiskriminawx. Fl-imħabba tagħna lejn xulxin, fis-simpatija tagħna lejn xulxin, ma rridux noqogħdu nagħżlu bejn dak u l-ieħor, bejn dik u l-oħra, iżda nħobbu lil kulħadd fuq l-eżempju tal-Missier tas-sema għax hu jtella' x-xemx fuq it-tajbin u fuq il-ħżiena u jniżżel ix-xita tiegħu kemm fuq it-tajbin kif ukoll fuq il-ħżiena. Fl-aħħar nett, inkunu ġenerużi jfisser nitolbu għal kulħadd. It-talb magħmul sewwa huwa l-akbar ġid li nistgħu nagħmlu lill-oħrajn. Inkunu qegħdin inħallu f'idejn Alla biex iqassam hu. Fl-awtobijografija tagħha, Santa Tereża tal-Bambin Ġesù tirrakkonta li, meta kienet għadha tifla żgħira, qrat fil-gazzetta li ċertu Alessandro Pranzini wettaq delitt u ġie kkundannat għall-mewt. Qrat ukoll li ma riedx jindem minn dak li għamel. Allura bdiet titlob bil-ħerqa għalih, toffri sagrifiċċji għalih u tbati għalih. Mela meta ġie maqtul marret tiġri taqra l-gazetta biex tara kif spiċċa ħajtu dan Alessandro Pranzini. Qrat b'sodisfazzjon kbir li qabel ġie mgħallaq, dan Pranzini bies il-kurċifiss li ppreżentalu s-saċerdot li kien qed jassistih. Reċentement, Papa Franġisku qal li t-talb jagħmel il-mirakli u semma' l-eżempju ta' Santa Monika li baqgħet titlob bil-perseveranza sakemm binha Wistin ikkonverta u tgħammed.

Nispiċċa b'fatt. Mela jum fost l-oħrajn, wieħed xjenzat mar ħdejn San Patri Piju tal-Pjagi li kellu fama ta' qaddis. Kien sinċier miegħu u qallu: "Patri, jiena ma nemminx f'Alla!" Patri Piju, li kellu kelma tajba għal kulħadd, wieġbu u qallu: "Inti ma temminx f'Alla, imma ftakar li Alla jemmen fik." Alla jemmen fikom iż-żgħażagħ għax iż-żgħożija qisha siġra fir-rebbiegħa mimlija żahar. Hemm tama kbira li se tagħti l-frott. Il-Konċilju Vatikan II jgħidilkom: "Issieltu kontra l-egoiżmu, tħallux

jaħarbu bikom l-istinti ta' vjolenza u ta' mibgħeda li jġibu gwerer u miżerja ... Kunu ġenerużi, safja, rispettużi u sinċieri. Ibnu bl-entużjażmu dinja aħjar minn dik ta' dawk li ġew qabilkom."

## IL- ĦAMES MEDITAZZJONI

## MARIJA OMM IL-ĦNIENA

**Esperjenza**: Ġrajja li seħħet f'Lourdes diversi snin ilu ... Mela fillieri kbar ta' morda kienu qegħdin jistennew biex jinħaslu fl-ilma mirakoluż ta' dan il-post qaddis li fih il-Madonna tiltaqa' kuljum ma' mijiet u eluf ta' morda minn kull parti tad-dinja, tfarraġhom u kultant tfejjaqhom ... Wieħed raġel, ma jemmen b'xejn, kien qed josserva dawn il-morda meta għajnejh waqgħu fuq waħda tfajla mimduda fuq *strecher*. Wiċċha kien isfar lellux, kellu dehra tal-mewt, imma hi kienet kalma, kważi kuntenta! Dar-raġel resaq lejha, sellmilha u staqsieha isimha. Qaltlu: "Jisimni Marija." Qalilha: "Nimmaġinak qiegħda tbati, Marija! Ġejt hawn titlob lill-Madonna tfejqek, mhux hekk? La ma fiqtx, sinjal li l-Madonna ma teżistix!" Weġbitu: "Ġejt hawn drabi oħra, imma llum ma tlabthiex tfejjaqni. Tlabtha biss biex għat-tbatija tiegħi, ikun hemm xi ħadd li jsalva ... u nemmen li diġà semgħetni! Kif tara, jien m'għadni niswa għalxejn, dalwaqt immut." Għal dal-kliem, ir-raġel baqa' b'ħalqu magħluq. X'setà jwieġeb għal stqarrija bħal din? Kompla jaħseb fuq dan il-kliem ta' din it-tfajla qiegħda tmut u waranofsinhar għamel f'moħħu li jmur ifittixha. Daħal f'sala, imbagħad f'sala oħra, jistaqsi għal Marija, tfajla marida ħafna ... Sa fl-aħħar, waħda soru fehmet għal min kien qed jistaqsi, qabditu minn idu u wasslitu ħdejn sodda mgħottija b'liżar abjad. Qaltlu: "Marija mietet xi siegħa ilu. L-aħħar kelmiet tagħha kienu: 'Madonna ta' Lourdes, noffrilek ħajti biex jibda jemmen fik!' Naħseb kellha f'moħħha lil xi ħadd għażiż għaliha ... offriet ħajjitha għall-bżonnijiet tiegħu. Xi jumejn wara, fil-funeral ta' din it-tfajla ġeneruża kien hemm hu wkoll. Mexa wara t-tebut tagħha jibki ... Xtaq jgħid 'grazzi' lil dik li offriet ħajjitha għalih. Permezz ta' din it-tfajla, il-Madonna kienet omm tal-ħniena għal dan ir-raġel ateu.

Fis-Salm 89, hemm sentenza addattata ħafna għal din il-meditazzjoni. Is-sentenza hija din: "Il-ħniena tal-Mulej irrid dejjem ngħanni." Dan il-kliem għandu-eku tiegħu fil-*Magnificat*, il-kantiku li Marija għanniet fuq l-għatba tad-dar ta' Eliżabetta: "Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien." Allura, sa mill-ewwel mument tal-Inkarnazzjoni, meta l-Iben t'Alla sar

bniedem fil-ġuf tagħha, Marija għarfet din il-ħniena li l-Mulej għandu għall-bnedmin kollha ta' kull żmien. Fil-meditazzjoni tal-lum (l-aħħar waħda) se nirriflettu fuq **Marija bħala Omm tal-ħniena**. Se nagħmel sitt riflessjonijiet.

1. **L-ewwel riflessjoni**: Fl-enċiklika stupenda tiegħu *"Dives in misericordia"* (Għani fil-ħniena), Ġwanni Pawlu II jgħid li l-ħniena hija l-akbar attribut ta' Alla l-Ħallieq u ta' Ġesù, Salvatur tal-bnedmin, u ħadd fuq l-art ma kellu esperjenza hekk radikali u tal-għaġeb bħal ma kellha Marija. Meta fl-Antik Testment tintuża l-kelma "ħniena materna" dejjem intużat b'tifsira speċjali. X'inhi din it-tifsira speċjali? Immaġinaw xi tħoss mara għal uliedha. L-imħabba tal-omm lejn uliedha hija mħabba ġejja mill-vixxri tagħha, kważi kważi mill-organi interni tagħha, jiġifieri minn fwiedha, minn qalbha u mill-imsaren tagħha. Imma dak ma li ġara lil ebda omm, issa ġara lil Marija fil-Misteru tal-Inkarnazzjoni, meta l-ħniena ta' Alla lejn il-bniedem dehret fil-fatt li Alla ddeċieda li jagħżel ħlejqa umana biex tkunlu bħala omm u għalhekk ikollha lejh f'sens fiżiku, imħabba u ġibda ġejja mill-organi interni tagħha. Papa Franġisku jgħidilna hekk dwar Marija: "Magħżula biex tkun omm l-Iben tiegħu, Marija kienet imħejjija u ppjanata mill-imħabba tal-Missier biex tkun l-Arka tal-Patt bejn Alla u l-umanità".

2. **It-tieni riflessjoni**: Marija hija dik li b'mod tassew tal-għaġeb, b'mod li ma hemmx ieħor bħalu, għarfet x'inhi l-ħniena u ebda ħadd ieħor ma għarafha daqsha. Għaliex? Għax hi, nhar il-Ġimgħa l-Kbira assistiet bilwieqfa ħdejn is-salib ta' Binha Ġesù qed imut. Forsi l-akbar żewġ mumenti li fihom rat lil Binha Ġesù jħenn għall-midinbin kienu dawn: <u>l-ewwel mument</u> kien meta l-ħalliel ikkonvertit karab lil Ġesù u qallu: "Ġesù, ftakar fija meta tidħol fis-saltna tiegħek." U Ġesù wieġbu: "Tassew ngħidlek, illum tkun il-Ġenna miegħi!" <u>It-tieni mument</u> nistgħu ngħidu li kien dan: billi kien jum it-tħejjija tal-Għid, il-Lhud ma ridux li f'Jum is-Sibt l-iġsma jibqgħu fuq is-salib, għax dak tas-Sibt kien jum solenni għalihom. Għalhekk talbu lil Pilatu biex ikissrulhom riġlejhom u jneħħu l-iġsma. Għalhekk ġew is-suldati u kissru r-riġlejn tal-ewwel u tat-tieni li kienu msallbin miegħu. Iżda meta waslu għal Ġesù, billi raw li kien diġà miet, ma kissrulux riġlejh. Madankollu, wieħed mis-

suldati nifidlu ġenbu b'lanza u minnufih ħareġ demm u ilma. Inġib hawnhekk ix-xbieha ta' Ġesù mimli ħniena kif deher lil Santa Fawstina. Ta' min jirreċitaha l-kurunella tal-Ħniena Divina għax għal min jgħidha bil-qalb, hemm ħafna grazzji tal-ħniena ta' Ġesù lesti għalih.

3. **It-tielet riflessjoni:** Lil Marija nistgħu nsejħulha Omm tal-Ħniena għax batiet ma' Binha s-sofferenzi kollha tiegħu. Ratu tiela' t-telgħa tal-Kalvarju mgħobbi bis-salib, riedet tersaq lejh imma s-suldati ma ħallewhiex. Hi li fisqietu f'maxtura u min jaf kemm ħwejjeġ ħititlu, rat lis-suldati jneżżgħuh minn ħwejġu. Imbagħad, għal tliet sigħat, assistietu fl-agunija tiegħu. Hekk seħħet il-profezija li kien għamlilha Xmun meta marret tippreżenta lil Binha fit-Tempju. Xmun kien qalilha: "Ara, dan se jġib il-waqgħa u l-qawmien ta' ħafna f'Iżrael; se jkun sinjal li jmeruh - u int ukoll sejf jinfidlek ruħek." Hawnhekk ta' min jagħmel aċċenn għal dak id-dettal (insibuh f'San Ġwann biss) meta Ġesù tana l-akbar rigal li setà jagħtina, jiġifieri meta tana lil Marija bħala Ommna. Jgħidilna San Ġwann: "Kien hemm wieqfa ħdejn is-salib ta' Ġesù ommu, oħt ommu, Marija ta' Kleofa, Marija ta' Magdala u d-dixxiplu l-maħbub. Mela kif Ġesù lemaħ lil ommu u lid-dixxiplu li kien iħobb wieqaf ħdejha, qal lil ommu: "Mara, hawn hu ibnek." Imbagħad qal lid-dixxiplu: "Hawn hi ommok." U minn dak il-ħin, id-dixxiplu ħadha għandu. L-espressjoni "ħadha għandu" ma tfissirx biss ħadha f'daru u ħa ħsiebha sakemm mietet, imma wkoll ħadha f'qalbu b'dawk is-sentimenti kollha ta' ħniena, ta' mħabba u ta'mogħdrija għal kull wieħed u waħda minna.

Imma kif se norbtu flimkien l-"iva" ta' Marija ġewwa Nazaret u l- "iva" tagħha fuq il-Kalvarju? Ejjew nimmaġinawha fuq il-Kalvarju, wieqfa taħt is-salib ta' Binha qed imut. Diġà għedna: id-dixxipli kollha telqu. Magħha kien għad hemm biss xi nisa twajbin u Ġwanni, id-dixxiplu l-maħbub. Il-Vanġelu jgħidilna li min-nofsinhar sat-tlieta waqgħet dalma kbira fuq il-pajjiż kollu. Ċertament anki Marija kienet għaddejja minn dalma kbira. It-torturi li kien qed ibati Binha Ġesù kienu qegħdin jinfdulha qalbha, imma l-akbar ferita f'qalbha kienet is-silenzju ta' Alla. Hi kellha f'moħħha l-Misteru tal-Inkarnazzjoni. Kienet taf li Binha kellu kull dritt isejjaħ lil Missieru tas-sema. Dak il-ħin żgur li ftakret fil-kliem tal-Arkanġlu Gabrijel: "Ġesù jkun kbir u jkun jissejjaħ bin il-Għoli. Il-Mulej jagħtih it-

tron ta' David missieru u jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb u ma jkunx hemm tmiem għas-saltna tiegħu." Imma hemmhekk imdendel mas-salib, Binha donnu kien qed jitlob għalxejn. Nisimgħu lil Ġesù jdur lejn Missieru tas-sema u jgħajjatlu: "Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?" U Marija, mħarrġa sewwa fl-Iskrittura, kienet taf li din it-talba kienet parti mis-Salm 22. U naħseb li qalbha bdiet tferfer meta dan l-istess salm ikompli jgħid: "Int minn ġuf ommi lqajtni; fi ħdan ommi fis-sod qegħedtni. Fuqek qegħduni sa minn twelidi; int Alla tiegħi sa minn ġuf ommi. La titbigħedtx, għax qrib hu t-taħbit u m'hawn ħadd biex jgħinni."

Marija kienet taf li dawk il-kelmiet kienu veri. Hija kienet hemm biex tixhed dan kollu bil-verġinità dejjiema tagħha. Hija kienet il-mara li offriet il-ġuf tagħha. Imma Alla jibqa' sieket. Ftit sekondi qabel ma Ġesù għajjat għajta kbira u qal: "Kollox mitmum" u reħa ruħu f'idejn il-Missier, Hu nnifsu rrevela il-Misteru tal-Missier. Il-Missier tas-sema kien se jagħti lil Ibnu għas-salvazzjoni ta' kulħadd. U Ġesù mhux biss aċċetta din il-missjoni, imma ried li anki ommu taċċetta flmkien miegħu din il-missjoni. Iktar minn hekk, Marija fehmitha din il-missjoni. Issa fehmet ukoll li hi twieldet mingħajr dnub tan-nisel mertu tad-demm imxerred ta' Binha Ġesù. U hi, għall-ewwel darba, ħasset li kienet kollha kemm hi l-bint ta' Binha, magħmula u ppjanata għalih, u mifdija sa mill-ewwel mument tat-tnissil tagħha. Kif jgħidilna l-Katekiżmu tal-Knsija Kattolika, "Taħt is-salib, Marija fehmet li hija l-Mara (kapital M), Eva l-ġdida, l-omm tal-ħajjin kollha, u minn dak il-mument il-Knisja saret taf li għandha Omm u Marija saret taf li għandha għadd kbir ma jispiċċa qatt ta' wlied li jduru lejha u jgħidulha: "Sliema għalik Sultana, Omm tal-ħniena: ħajja, ħlewwa u tama tagħna."

4. **Ir-raba' riflessjoni**: Marija għarfet l-għoli kollu tal-ħniena t'Alla. Għarfet ukoll kemm kienet tiswa u fehmet kemm kienet tassew tal-għaġeb. Għalhekk insejħulha Omm il-ħniena, Sidtna tal-ħniena, Omm il-ħniena t'Alla. F'dawn it-titli hemm teoloġija kbira għaliex juru kemm u kif kienet imħejjija ruħha, l-intelliġenza tagħha, anzi hija kollha kemm hi biex tagħraf il-ħniena ta' Alla, l-ewwel fil-ġrajja mqallba ta' Iżrael, imbagħad fil-ġrajja ta' kull bniedem u fl-aħħar fil-ġrajja tal-bnedmin

kollha kemm huma, dik il-ħniena li hi għandha minnha "f'kull żmien", kif tkanta hi stess fil-Magnificat.

**5. Il-ħames riflessjoni**: Marija ssieħbet b'mod speċjali fil-missjoni ta' Binha bħala Messija, intagħżlet b'mod speċjali biex twassal lill-bnedmin kollha dik l-imħabba li binha ġie biex jurihom. Din l-imħabba li tintwera b'mod l-aktar konkret ma' dawk li qegħdin ibatu, mal-foqra, ma' dawk li huma mċaħħdin mil-libertà tagħhom, mal-għomja, mal-maħqurin, mal-midinbin, kif kien qal Ġesù bi kliem il-Profeta Iżaija meta kien is-Sbt u daħal fis-sinagoga ta' Nazaret. Hekk ukoll meta wieġeb għall-mistoqsija ta' dawk li bagħat għandu San Ġwann Battista: "Morru agħtu lil Ġwanni l-aħbar ta' dak li smajtu u rajtu: kif l-għomja qegħdin jerġgħu jaraw, iz-zopop jimxu, il-lebbrużi jfiequ, il-mejtin iqumu u kif il-bxara qiegħda tixxandar lill-fqar."

6. **L-aħħar riflessjoni**: Il-Konċilju Vatikan it-Tieni jgħallimna li Marija saret ommna u għadha ommna fl-ordni tal-grazzja: bdiet tkun ommna minn dak il-waqt li, b'fidi kbira, laqgħet il-messaġġ li tħabbrilha mill-Anġlu. Bla biża' ta' xejn baqgħet iġġib ruħha ta' ommna fejn is-salib, u għadha u tibqa' ommna sa ma sseħħ għal kollox ix-xirka kollha tal-magħżulin. Għax għalkemm imtellgħa s-sema, hija ma telqitx minn taħt idejha din il-ħidma għas-salvazzjoni tagħna, imma għadha tidħol għalina b'kull mod biex Alla jagħtina l-grazzji meħtieġa għas-salvazzjoni ta' dejjem. Fl-imħabba tagħha ta' omm, hija l-ħin kollu taħseb f'ħut binha fil-mixi tagħhom lejn is-sema, fost it-tiġrib u d-dwejjaq kollu tal-ħajja, sa ma jaslu fil-hena tas-sema pajjiżhom.

Se nispiċċa b'fatt veru. San Franġisk Reġis kien qed jassisti kriminal ikkundannat għall-mewt. Il-qaddis ħa miegħu l-aħħar arma, ħa miegħu santa żgħira tal-Madonna u wrieha lill-midneb. Staqsieh Reġis, "Tagħrafha din il-mara?" "Iva," wieġbu l-kriminal. Frangisk Reġis qallu: "Hija tħobbok u titlob għalik. Hija omm u sultana ħanina." Il-kriminal irbattielu u qallu: "Inti qed tgħid li l-Madonna tħobbni u li titlob għalija?

Mela ma tafx min jien: ma tafx li ċħadt il-fidi, ma tafx li jien apostata, ma tafx li jien offendejt lil Binha, ma tafx li jiena qtilt u ma tafx li jiena mostru!" "Ibni," qallu Franġisk Reġis: "Marija taf kollox, tafek sewwa, tħobbok u qiegħda titlob għalik minkejja dak kollu li għamilt. Il-kriminal ħa nif 'il ġewwa, bħal ħa r-ruħ, bħal tniehed u qal lis-saċerdot: "Raġel ta' Alla, agħtini kelma li dak kollu li qiegħed tgħid huwa minnu." Regis assigurah li dak li qallu kien kollu verità. Hawnhekk il-kriminal infaqa' jibki bħal tarbija u qal lil Reġis: "Irrid inqerr dnubieti u rrid nispiċċa ħajti bil-giljottina bi tpattija għad-delitti li kkommettejt. U qal is-sliema u l-qaddisa. Bħall-ħalliel it-tajjeb, seraq il-Ġenna fl-aħħar minuta.

# 10.
# Via Matris
*Mons. Carmelo Mercieca*

**L-EWWEL DULUR**
*IX-XWEJJAĦ XMUNI JĦABBAR LIL MARIJA LI SEJF TA' DULUR GĦAD JINFDILHA QALBHA.*

**Sejf aħrax kien għal qalbek**
**Omm safja mingħajr dnub**
**Dak li bassarlek Xmuni**
**Fuq Ibnek il-maħbub.**
*Refrain:* ***Marija ħajja tagħna,***
***F'dal-wied tad-dmugħ kun magħna.*** *Versi ta' Anton Haber.*

**Qari mill-Vanġelu skont San Luqa (2, 33-35)**
Wara li għalqilhom iż-żmien għall-purifikazzjoni tagħhom skont il-liġi ta' Mosè, ħaduh Ġerusalemm biex jippreżentawh lill-Mulej. F'Ġerusalemm kien hemm wieħed jismu Xmun, raġel ġust u tajjeb li kellu l-Ispirtu s-Santu fuqu. Xmun berikhom u qal lill-ommu: 'Ara, dan se jkun sinjal li jmeruh. U int ukoll sejf jinfidlek ruħek.'

**Ħsibijiet**
- 'Sejf ta' dulur jinfidlek ruħek'. Is-sejf ser ikun l-istess binha Ġesù.
- Xmun kien qed jgħidilha li dan binha ser ikun Vittma li jbati għad-dnubiet, u hi ser tingħaqad mal-istess Vittma u tbati miegħu.
- Il-ħajja tagħha ser tkun sagrifiċċju, martirju u salib bħal tiegħu. Jekk hu ser ikun l-Imsallab, hi ser tkun l-imsallba. Jekk hu ser ibati f'ġismu, hi ser tbati wkoll f'qalbha.

**Talba**
O Madonna tad-duluri, għal dan in-niket li ħassejt għal din l-aħbar meta smajt il-profezija ta' Xmuni li sejf jinfidlek lil qalbek.

Għinna biex inkebbsu l-fiduċja tagħna f'Alla.
Għinna biex inkunu lesti li noffru kollox lil Alla, anke l-aktar ħwejjeġ għeżież għal qalbna.

O Marija, nirrikmandawlek:
l-ommijiet li tilfu l-għeżież tagħhom
l-ommijiet li tilfu lil żwieġhom

l-ommijiet li uliedhom ġew misruqin jew issekwestrati
l-ommijiet tal-ulied agonizzanti
l-ommijiet li qed jgħaddu ħajjithom fid-dmugħ u fit-tbatija.

**IT-TIENI DULUR**
*IL-FAMILJA MQADDSA TAĦRAB LEJN L-EĠITTU*

**Fuq ħmara lejn l-Eġittu**
**B'Ġesù f'dirgħajk marsus**
**Ħrabt minn Erodi kburi**
**Bla lġiem u lsir tal-flus.**
Refrain: ***Marija ħlewwa tagħna***
***F'dal-wied tad-dmugħ kun magħna.***

**Qari mill-Evanġelju skont San Mattew (2, 13-18)**
Meta telqu l-Maġi, deher anġlu tal-Mulej f'ħolma lil Ġużeppi u qallu: "Qum, ħu miegħek lit-tifel u 'l ommu u aħrab lejn l-Eġittu. Ibqa' hemm sa ma ngħidlek jien, għax Erodi sa jfittex lit-tifel biex joqtlu. Ġużeppi qam, ħa miegħu lit-tifel u lil ommu bil-lejl u warrab lejn l-Eġittu. Erodi mbagħad, meta ra li l-Maġi daħku bih, inkorla bis-sħiħ u bagħat joqtol f'Betlehem it-tfal subien kollha ta' minn sentejn 'l isfel. Imbagħad seħħ dak li kien ingħad permezz tal-profeta Ġeremija meta qal: "F'Rama nstema' leħen, biki u lfiq kbir. Rakel tibki lil uliedha u ma tridx min ifarraġha għax ma għadhomx iżjed."

**Ħsibijiet**

1. Ġesu għadu tarbija, anqas minn sentejn. U diġa hemm min irid joqtlu. Alla, sid il-ħajja – diġa hemm min irid jagħtih il-mewt.
2. Marija flimkien ma' Ġużeppi ħallew kollox biex jiddefendu u jħarsu lil Dak li hu Kollox.
3. Marija wkoll kellha tgħaddi mill-Eżilju... u tmur tistkenn f'art barranija f'pajjiż imbiegħed.
4. – fsdfsdfsadfsdfsdfsdfsdf
5. – Marija wkoll kienet refuġjata. Sabet il-kenn f'art barranija flimkien ma' Ġużeppi biex issir omm ir-refuġjati tad-dinja.
6. Erodi kellu pjan terribbli. Quddiem il-ħsieb li ser jitwieled il-Messija, l-ewwel reazzjoni tiegħu kienet: kif ser neħles

minnu? Kif se nqaċċtu min-nofs? Dan kien il-pjan tiegħu... joqtol lil Kristu.

7. Din ukoll hi t-traġedja ta' żminijietna – il-bniedem irid joqtol lil Alla... Kemm Erodijiet għaddew matul l-istorja tad-dinja... Ġew... u kollha spiċċaw.... Kristu biss baqa'.

**Talba**

O Madonna tad-duluri, għinna:
Naħarbu dak kollu li jagħti l-mewt lil ruħna bid-dnub il-mejjet,
Inkunu lesti li nbatu kollox biex niddefendu lil Kristu.

**IT-TIELET DULUR**

*Marija titlef lil Ġesu u wara tlitt ijiem issibu fit-Tempju.*

**Ġesu ta' tnax-il sena**
**Inħbielek tlitt ijiem**
**Fit-tempju, w int mikduda**
**Fittixtu kullimkien**

Refrain: ***Marija tama tagħna***
***F'dal-wied tad-dmugħ kun magħna.***

**Qari mill-Evanġelju skont San Luqa**

Ta' kull sena, il-ġenituri ta' Ġesu kienu jmorru Ġerusalemm għall-festa tal-Għid. Meta kellu tnax-il sena, telgħu wkoll. Wara li għaddew dawk il-ġranet qabdu t-triq lura, imma t-tfajjel Ġesu baqa' Ġerusalemm bla ma kienu jafu l-ġenituri tiegħu... Wara tlitt ijiem sabuh fit-tempju, f'nofs l-għalliema jismagħhom u jistaqsihom. U kull min semgħu baqa' mistagħġeb bid-dehen u t-tweġibiet tiegħu. Kif raw instamtu u ommu qaltlu: "Ibni, għaliex għamiltilna hekk?"

**Ħsibijiet**

1. Marija taf xi jfisser l-ansja li tfittex lil Alla. Ma kellhiex sabar... ma kellhiex kwiet... Ma setgħetx tkun moħħha mistrieħ qabel fittxitu... u sabitu. Għalhekk Marija hija l-kenn tal-midinbin.
2. Li jkollok lil Alla u titilfu... x'piena... x'vojt... x'ħasra. Mingħajr Alla m'hemmx paċi fil-qalb (Fulton J. Sheen).
3. Dak hu d-dnub... titlef lil Alla. U l-agħar dnub hu li titlef is-sens tad-dnub. U tibqa' tqis li xejn mhux xejn... u kollox mhu xejn. Titlef lil dak li hu kollox... u qisu ma ġara xejn. Din hi l-ikbar bluha tagħna l-bnedmin.

**Talba**
Marija, int taf xi jfisser ikollok lil Alla u titilfu. Int tliftu bla ma kien tort tiegħek. Jien, meta nitilfu, ikun tort tiegħi għax inkun jien stess li nkeċċi lil Alla minn qalbi bid-dnub.

O Marija, agħmel li bħalek ma nsibx mistrieħ qabel ma nerġa' nsibu. Int sibtu wara tlitt ijiem u jien insibu wara li nagħmel tliet għemejjel: indiema, qrara sinċiera, proponiment sod li ma nerġax nidneb iżjed.

**IR-RABA' DULUR**
*MARIJA TILTAQA' MA' ĠESÙ FIT-TELGĦA TAL-KALVARJU*

O Madonna tad-Duluri,
Mhux il-ward
Jiena fittixt ħa nsebbaħ darek
U nfewwaħlek lil altarek,
Imma x-xewk minn qalb ix-xagħri
U għollieq, marrâd, musfari,
O Madonna tad-Duluri,
Dana biss!

O Madonna tad-Duluri,
l-oħrajn ġew
U bid-deheb għammru lil darek,
U bil-ħaġar sawru altarek –
Jiena biss kont il-barrani
Mingħajr ward u deheb il-għani,
Jiena biss!

O Madonna tad-Duluri,
Ma stmerrejtx
Int l-imnikket ġewwa darek,
'Ma tbissimt minn fuq altarek,
Kollok ħlewwa, kollok ħniena,
Serraħt Int lill-qalb għajjiena.
Inti biss! (*L-Għanja tal-Imnikket,* ta' Rużar Briffa)

**Qari mill-ktieb tal-Profeta Ġeremija:**
"Ara Mulej kemm sirt immaqdra O intom li għaddejjin mit-triq, ħarsu u araw jekk hemmx għali (niket) bħal dan tiegħi."

**Ħsibijiet**

1. Hemm qiegħda Marija, f'postha.
   Fejn hemm id-dulur u t-tbatija, hemm post l-omm – hemm post Marija.
   F'nofs folla ta' nies li ħaduha kontra Alla u qalulu 'le' – hemm tinsab Maria li baqgħet tgħid 'iva' lil Alla sal-aħħar. (Pronzato)

2. Marija mxiet l-istess triq – telgħet l-għolja
   xorbot l-istess kalċi
   nifidiha l-istess sejf
   refgħet l-istess salib
   qasmet fl-istess tbatija,
   ma' Ġesù.

3. Kristu u Marija, it-tnejn flimkien issieħbu fl-istess Passjoni:
   - Hu l-innoċenti jbati għall-ħatjin,
     Hi l-immakulata tbati għall-midinbin.
   - Hu l-ħaruf bla tebgħa,
     Hi l-omm bla tebgħa,
     Ibatu t-tnejn flimkien.
   - Huma t-tnejn bla dnub qed jerfgħu l-piż tad-dnubiet tal-midinbin kollha.

4. Kristu qal: *"Min irid jiġi warajja għandu jerfa' salibu u jimxi warajja."*
   U Marija li kienet l-eqreb lejh issieħbet fil-qrib miegħu u tgħannqet mal-istess Salib.

5. Din l-Omm qed iġġorr it-tiġrib tal-ommijiet 'Addolorati' kollha tad-dinja, ta' kull żmien.
   - L-ommijiet li għandhom uliedhom il-ħabs;
   - L-ommijiet li uliedhom ikkundannati bla ħtija;
   - L-ommijiet imġarrbin bil-mard ta' uliedhom.
   - Marija hija l-mudell tal-ommijiet imġarrbin tad-dinja.
   - Araw il-bniedem tad-dulur... Araw miegħu l-omm ta' kull dulur.

6. Marija għexet fil-moħbi ġo Nazareth imma issa reġgħet tfaċċat fit-Triq tal-Kalvarju biex tgħix u twettaq sat-tmiem din l-'*IVA*' li hi qalet fil-bidu ġo Nazareth. Bl-'*IVA*' li qalet ġo Nazareth Marija tat kollox lil Alla. Bl-'*IVA*' tagħha hi aċċettat mingħajr riservi u mingħajr kundizzjonijiet il-Pjan t'Alla. (Don Alessandro Pronzato)
   - Kien hemm bżonn l-'*IVA*' ta' Marija biex Binha jitwieled.

- Issa hemm bżonn l-'*IVA*' tagħha biex Binha jmut.
- F'ċertu sens din l-omm hi msejħa:
    - Biex tagħti l-ħajja;
    - U biex tagħti l-mewt.

(Don Alessandro Pronzato)

**Talba**
O Marija

- Jekk mara twajba bħalek ma ħlisthiex mis-Salib,
  fif nista' jien midneb bħali niskarta s-sagrifiċċju.
- Int ma gergirtx mis-Salib, imma ħaddantu.
  Agħtini l-kuraġġ u l-qawwa biex naċċetta s-Slaleb tal-ħajja.
  Agħmel li nkun ġeneruż biżżejjed biex infarraġ lill-imnikktin u ntaffilhom it-toqol tat-tbatija.

**IL-ĦAMES DULUR**
*MARIJA ĦDEJN KRISTU MSALLAB*

**Minxur quddiem il-ġemgħa**
**Bejn sema w art mislub**
**Taħt ħarstek imbikkija**
**Imut Ġesù l-maħbub.**
***Marija saħħa tagħna***
***F'dal-wied tad-dmugħ kun magħna.***

*Versi ta' Anton Haber*

**Qari mill-Vanġelu ta' San Ġwann**
Kien hemm wieqfa ħden is-salib ta' Ġesù, ommu, oħt ommu, Marija ta' Kleofa u Marija ta' Magdala.
Malli Ġesù lemaħ lil ommu u lid-dixxiplu li kien iħobb, wieqaf ħdejha, qal lil ommu:
*'MARA HAWN HU IBNEK.'*
Imbagħad qal lid-dixxiplu:
*'HAWN HI OMMOK.'*
U minn dak il-ħin id-dixxiplu ħadha għandu.

**Ħsibijiet**

1. Tlieta kienu li ħadu sehem fil-waqgħa tal-bniedem ġewwa l-Eden:
    - Raġel diżubbidjenti – Adam
    - Mara supperva – Eva
    - Siġra

U tlieta wkoll insibu fil-fidwa tal-bniedem:

- Adam il-Ġdid ubbidenti sal-mewt – Kristu
- Eva l-Ġdida, il-mara umli – Marija
- Is-siġra tas-Salib
  Fuq il-Kalvarju għandna l-Eden bil-maqlub (Fulton J. Sheen)

2. Kien hemm l-ewwel Mara, Eva, li qalet 'Le' lil Alla.
   Dehret issa Mara oħra li f'kollox tgħid 'Iva'. Din hi Marija.
   F'Nazaret Marija kienet qalet 'Iva' lil Alla. U seħħet l-Inkarnazzjoni.
   Issa fuq il-Kalvarju, Marija terġa' ttenni l-'Iva' tagħha – u sseħħ il-Fidwa.

3. Marija ma tbegħditx mis-Salib; imma kienet imħaddna miegħu.
   Kif il-liedna tkun imqabbda u mxebilka mas-siġra, hekk Marija kienet imħaddna mas-Salib ta' Binha.
   Hi l-mara qalbiena li baqgħet ħdejn is-Salib sal-aħħar.
   Fl-Antik Testment insibu li:
   - Eliżew twarrab minn martu għax ma felaħx jaraha tmut.
   - L-istess Agar telqet lil binha Ismael għax ma felħitx tarah imut bil-għatx.
     IMMA MARIJA BAQGĦET ĦDEJN IS-SALIB.

4. IL-FESTA TAD-DULURI hi l-festa tal-MARA TAL-KURAĠĠ.
   U tant hu hekk li San Ġwann ma nesiex jikteb fl-Evanġelu tiegħu li Marija kienet wieqfa ħdejn is-Salib ta' Ġesù. (Ġw 19,25) Marija kienet mara ta' fibra, ta' polz, mara li kellha personalità qawwija. Hija għaddiet mis-Slaleb tal-ħajja, iżda kellha ħafna tama u ħafna kuraġġ f'ħajjitha. (Patri William Axiaq)

5. Kristu msallab u Marija msallba miegħu.
   - Il-qalb ta' Kristu u l-qalb ta' Marija kienu qalb waħda fuq il-Kalvarju, qalb waħda billi aċċettaw il-volontà tal-Missier.
   - Is-sejf ta' dulur għandu żewġt ixfar – u nifed il-qalb ta' Kristu u l-qalb ta' Marija.
   - Dak li Kristu bata f'ġismu, Marija sofrietu f'qalbha. Dak li Kristu ħass f'ġismu, Marija ħassitu f'qalbha.

6. Kull daqqa li laqtet lil ġisem Kristuu, dwiet f'qalbha. Ħassitu f'qalbha.
   Dak li ħass hu, ħassitu hi.
   Dak li laqqat hu, laqtitu hi.

7. Kristu miet FQIR.
   Fuq is-Salib beda jqassam kollox. Kollox ta biex żgur imut fqir....
   Ta Demmu, Ħajtu, il-Maħfra, il-Ġenna lill-ħalliel it-tajjeb.
   Kien baqagħlu ħaġa waħda ........LIL OMMU. U din taha wkoll.
   "*Hawn hi ommok*," qal lil Ġwanni. U Marija saret Ommi u Ommok....Omm il-Midinbin, Reġina tal-Martri.

8. Kemm ħabbna Kristu.
   - Ta demmu lil artna: *"U sar l-għaraq tiegħu bħal qatriet tad-demm mal-art."*
   - Ta ġismu lill-għedewwa: "*Bin il-bniedem jagħtuh f'idejn il-qassisin il-Kbar, il-Kittieba u jaqtgħuhielu għall-mewt."*
   - Ruħu taha lill-Missier: *"Missier f'idejk nerħi r-ruħ tiegħi."*
   - Kien baqagħlu teżor ieħor:

     Kien baqagħlu 'l ommu........u din taha wkoll.

Kif Kristu għoġbu jagħtina lil Missieru........hekk ukoll għoġbu jagħtina lil ommu.

**Talba**
**O Maria, nixtieq nippreżentalek:**
- L-ommijiet iddisprati
- L-ommijiet qalbhom maqtugħa
- L-ommijiet ħdejn is-sodda ta' wliedhom morda
- L-ommijiet li jgħaddu ljieli bla ma jagħlqu għajn ma' għajn.
- Kun magħhom. Wennishom. Farraġhom.

**IS-SITT DULUR**
*ĠESÙ MEJJET FI ĦDAN OMMU MARIJA*

**Inqasmet qalbek tara**
**Fost l-eħrex uġigħat –**
**Minfud ġenb Kristu mejjet**
**Minn lanza ta' suldat.**
*Refrain:* ***Marija dawl, triq tagħna***
***F'dal-wied tad-dmugħ kun magħna.***

**Qari mill-ktieb tal-Profeta Ġeremija.**
Min hu bħalek? Ma' min inxebbħek o bint Ġerusalemm? Kif nista' ngħinek u nfarrġek o xebba bint Sijon? Għax kbira daqs il-baħar hi l-ġerħa tiegħek.

**Ħsibijiet**

1. Darbtejn Marija kellha lil Ġesù f'dirgħajha:
   L-ewwel darba f'Betlehem
   Din id-darba fuq il-Kalvarju.

   Imma x'differenza bejn iż-żewġ ġrajjiet:
   *1.* F'Betlehem Marija kellha lil Ġesù ħaj, issa għandha lil Ġesù mejjet.
   *2.* F'Betlehem Marija kellha tfajjel grazzjuż, Bambin ħelu; fuq il-Kalvaru Marija għandha lil Ġesù pjaga waħda "*bla sura*", kif jgħid il-Profeta Isaija.

2. O Marija, f'Betlehem int lil Ġesù tatu lilna.
   U issa fuq il-Kalvarju, erġajna tajnihulek lura.
   Imma x'differenza Marija?
   Int tajtulna ħaj......aħna tajnihulek mejjet.
   Int tajtulna ħelu Bambin......aħna erġajna tajnihulek "pjaga waħda".
   Min jaħti Marija......? Huma dnubietna
   O Marija ħenn għalina u aħfrilna.

3. Il-Papa Pawlu VI, fil-vjaġġ li għamel fil-Palestina, meta tela' fuq l-Għolja tal-Kalvaru, qal:

*"HAWNHEKK MA NISTGĦUX NITILGĦU BĦALA TURISTI, IMMA BĦALA KOMPLIĊI FUQ IL-POST TAD-DELITT."*
Dan ifisser li aħna lkoll ħatin. Aħna kollha responsabbli tal-mewt ta' Ġesù. Kull wieħed jista' jgħid:
*KIENU DNUBIETI LI SALLBUK.*

- **Għidilna Marija,**
  GĦALIK LIEMA KIEN IL-VERU MILIED?
  - L-ewwel Milied ġo Betlehem
  - jew it-tieni Milied, il-Milied tad-demm fuq il-Kalvarju?
- **Għidilna Marija,**
  X'ħassejt meta f'dal-Milied tad-demm int sirt konxja li wara li kellek il-missjoni li tagħti ħajja, issa kellek ukoll il-missjoni biex tagħti l-mewt?
- Wara li ġibtu fid-dinja issa kellek tarah "*iħalli din id-dinja.*"
- Kellek tkun preżenti wkoll għal dan l-apputament ta' Ibnek.

  - Rajtu jitwieled
  - Issa rajtu jmut
  - Rajtu ġej fid-dinja
  - Issa rajtu "*jħalli din id-dinja.*" (Don Alessandro Pronzato)

**Talba**
**O Marija nitolbok**

- għall-vittmi tal-ġuħ
- għall-vittmi tal-vjolenza
- għall-vittmi tal-ħruxija
- għall-vittmi tal-mibegħda

**nippreżentalek**

- l-ommijiet li għandhom uliedhom morda
- l-ommijiet li għandhom uliedhom fil-ħabs
- l-ommijiet li għandhom uliedhom ħandikappati.

**IS-SEBA' DULUR**
*MARIJA TASSISTI GĦAD-DINFA TA' BINHA*

**Sultana sfat tal-Martri**
**X'ħin 'l ibnek rajt midfun**
**Bin-niket tiegħek f'ruħna**
**Kotran il-frott ikun.**

Refrain: ***Marija kenn, wens agħtina***
***F'dal wied tad-dmugħ kun magħna.***

**Qari mill-Vanġelu ta' San Mark (Kap. 15, Vers 42)**
X'ħin sar filgħaxija, billi kien jum it-Tħejjija, jiġifieri lejlet is-Sibt, ġie Ġużeppi, li kien minn Arimatea, wieħed magħruf tal-Ġemgħa, li kien jistenna hu wkoll is-saltna t'Alla, u għamel il-ħila u daħal għand Pilatu u talbu l-ġisem ta' Ġesù.
Stagħġeb Pilatu li kien diġà miet; sejjaħ liċ-Ċenturjun u staqsieh kienx mejjet. U meta sar jaf mingħand iċ-Ċenturjun, tah il-ġisem ta' Ġesù. Ġużeppi xtara liżar, niżżel lil Ġesù u keffnu fil-liżar u qiegħdu f'qabar, li kien imħaffer fil-blat, u gerbeb ġebla kbira f' bieb il-qabar. Marija l-Madalena u Marija omm Ġożè, kienu jħarsu fejn se jqegħduh.

**Ħsibijiet**

1. X'fadal tbati Marija meta rat lil Binha msallab u maqtul?
   *Tgħid baqgħalha tbati?*
   *Iva baqa'. Baqa' dulur ieħor .... li tarah jiġi midfun.*

Marija aċċettat wkoll dan id-dulur sabiex dawk kollha li 'l quddiem għad jassistu għad-difna tal-għeżież tagħhom, ikollhom f'min jikkunslaw u f'min jittamaw.

2. Snin qabel hija kienet tilfitu għal tlitt ijiem fit-tempju
Imma issa d-dulur kien akbar ... kellha tara lil Binha midfun fit-trab tal-art.
Fil-funeral wieħed itlef l-għeżież tiegħu ... imma hu ħlejqa.
Marija tilfet mhux ħlejqa ... imma lill-Ħallieq.

3. Iżda fil-baħar ta' dulur li nikktilha qalbha, Marija kellha tama u tama qawwija. Is-Siġra tal-Ħajja issa ġiet imwaħħla fil-qiegħ tal-art. U fi tlitt ijiem Sid il-Ħajja jqum mill-mewt u l-qalbar isir it-tieni benniena.
U minnu toħroġ il-ħajja.

4. Ma setgħetx Marija ma tkunx preżenti fuq il-Kalvarju?
*Fuq il-Kalvarju* mis-salib nibtet il-Vera Ħajja, il-Ħajja tal-Grazzja, il-Ħajja Eterna
*U fejn hemm il-Ħajja* dejem irid ikun hemm preżenti l-Omm.
U preċiżament hija Marija, l-Omm ta' din il-Ħajja Divina, kif issejħilha wkoll il-Knisja fil-Litanija "*Omm il-Grazzja*"

(Patri Bonaventura Camilleri)

**IL-MATERNITÀ TA' MARIJA**

Ġesù qal lil Ommu, "*Mara, ara ibnek*".
Hawnhekk għandna t-tieni tħabbira dwar il-maternita ta' Marija, maternita speċjali
L-ewwel darba din it-tħabbira saret fis-skien, fil-ħemda u fil-ferħ ta' Nazaret mill-Anġlu lil Marija fen aċċertaha li hi ser issir *Fiżikament Omm* l-Iben t'Alla.
It-tieni darba din it-tħabbira ssirilha fost l-għajjat u d-dlamijiet u t-tbatijiet tal-Kalvarju. Hawnhekk huwa Ġesù stess li pubblikament iħabbarha li hija Omm: *Omm Spiritwali tal-bnedmin kollha*.
*F' Nazaret* : Marija ssir l-Omm l-iżjed GLORJUŻA.
*Fuq il-Kalvarju*: Marija ssir l-Omm l-Iżjed DOLORUŻA.

(Patri Bonaventura Camilleri)

***********************************
X'qal il-Konċilju fuq MARIJA

***F'NAZARET***: Għalhekk Maria bint Adam, meta laqgħat il-kelma t'Alla, saret Omm Ġesu u waqt li ħaddnet bil-qalb kollha r-rieda t'Alla li jsalva, hi tat ruħha kollha kemm hi bħala qaddejja tal-Mulej, lill-Persuna u lill-Ħidma ta' Binha. B'hekk, taħt Kristu u

ma' Kristu, bil-grazzja t'Alla li jista' kollox, hija qdiet il-misteru tal-FIDWA. (*Lumen Gentium* 56)

***FUQ IL-KALVARJU***: Hekk ukoll il-Verġni Mqaddsa mxiet ''il quddiem fil-pellegrinaġġ tagħha ta' fidi u żammet bil-fedelta l-għaqda tagħha ma' Binha sas-Salib.
Hi baqgħet wieqfa (Ġw 19:25)
Hi qasmet b'qawwa ma' Binha t-tbatijiet tiegħu.
U ngħaqdet b'qalb ta' omm mas-Sagrifiċċju tiegħu.
Waqt li b'imħabba tat il-kunsens tagħha għall-offerta tal-Vittma li hi kienet welldet.
U fl-aħħar, mill-istess Kristu Ġesu li kien qiegħed imut fuq is-Salib, hi ngħatat lid-dixxiplu bħal omm b'dan il-kliem: "*Mara hawn hu ibnek.*" (Ġw 19:26-27)

## LITANIJA TAL-ADDOLORATA

*Tradotta għall-Malti minn Fr. Simon Mario Cachia*

Mulej, ħniena.
Kristu, ħniena.
Mulej, ħniena.
Kristu, ismagħna.
Kristu, ilqa' t-talb tagħna.

Missier Etern Alla — *Ħenn għalina*
Iben Alla li fdejt id-dinja
Spirtu Qaddis Alla
Trinità Qaddisa, Alla wieħed.

Imqaddsa Marija — *Itlob għalina*
Imqaddsa Omm Alla
Omm l-Imsallab
Omm il-Feddej
Omm imbierka
Omm id-duluri
Omm imġarrba
Omm muġugħa
Omm mifnija
Omm tal-qalb minfuda
Omm il-mifdija

Omm il-ħajjin
Omm l-ommijiet
Omm id-dixxipli
Verġni ubbidjenti
Verġni li tingħata
Verġni fidila
Verġni tas-silenzju
Verġni li taħfer
Verġni tal-istennija
Mara li sofriet l-eżilju
Mara ta' qawwa
Mara li ma tibżax
Mara ta' tbatija
Mara tal-patt il-ġdid
Mara ta' fidi
Mara ta' tama
Mara ta' mħabba
Mara ta' għaqal
Eva l-ġdida
Sieħba tal-Feddej
Qaddejja tar-rikonċiljazzjoni
Difiża tal-innoċenti
Kuraġġ tal-ippersegwitati
Qawwa tal-imjassra
Tama tal-midinbin
Faraġ tal-imnikktin
Eżempju għall-eżiljati
Fanal jiddi fil-maltemp
Mudell għall-imġarrbin
Sostenn lid-dgħajfin
Mistrieħ għall-morda
Sultana tal-martri
Foħrija tal-Knisja
Verġni tal-Għid

Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja. *Aħfrilna nitolbuk, Mulej.*
Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja. *Ismagħna nitolbuk, Mulej.*
Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja. *Ħenn għalina.*

Itlob għalina Mqaddsa Omm Alla, *Biex ikun jistħoqqilna dak li wegħedna*

*Kristu.*

**Talba finali: *Mill-*Evangelii Gaudium *ta' Papa Franġisku:***

Verġni u Omm tagħna Marija,
int li, imqanqla mill-Ispirtu,
ilqajt il-Verb tal-ħajja
fil-qiegħ nett tal-fidi umli tiegħek,
mogħtija kollha kemm hi lill-Etern,
għinna llissnu l-"iva" tagħna
għas-sejħa urġenti, tagħfas fuqna iktar minn qatt qabel,
li nsemmgħu mill-ġdid il-Bxara t-Tajba ta' Ġesù.

Mimlija bil-preżenza ta' Kristu,
int ġibt il-ferħ lil Ġwanni l-Battista,
hekk li qabeż fil-ġuf ta' ommu.
Taqbeż bil-hena,
int għannejt l-għeġubijiet sbieħ tal-Mulej.
Int, li bqajt wieqfa taħt is-Salib
b'fidi li ma tiġġarrafx,
u lqajt il-faraġ hieni tal-Qawmien,
ġmajt id-dixxipli fl-istennija tal-Ispirtu
biex hekk twieldet il-Knisja evanġelizzatriċi.

Iksbilna issa l-ħeġġa ġdida li jnissel il-Qawmien,
biex nistgħu nwasslu lil kulħadd il-Vanġelu tal-ħajja
li jegħleb il-mewt.